Il-Malti

Ħarġa Letterarja XCIII 2020

# Il-Malti

PUBBLIKAZZJONI TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI



Ħarġa Letterarja XCIII 2020

# Il-Malti

Pubblikazzjoni tal-Akkademja tal-Malti

ĦARĠA LETTERARJA

XCIII

2020

Pubblikazzjoni

L-Akkademja tal-Malti

**klabb kotba maltin**

**Il-Bord Editorjali**

*Editriċi*: Ann Marie Schembri

*Membri*: Dr Stephen Bonanno

Dr Mario Cassar

Phyllis Debono

Sergio Grech

Qari tal-provi: Chris Giordano

Pubblikazzjoni tal-Akkademja tal-Malti

© 2022 L-Akkademja tal-Malti

ISBN: 978-99932-7-864-1

Iddedikat lil
Oliver Friggieri

# Werrej

L-Editorjal
Ann Marie Schembri ........................................................................*xi*

## Poeżiji

L-ikkundannati
*John Aquilina* ........................................................................3

Dinja t'għasfur ċkejken
*Rena Balzan* ........................................................................4

Jekk mhux ragħda
*Charles Bezzina* ........................................................................5

Nistħajlek
*Ġorġ Borg* ........................................................................6

Wirdiena
*Charles Briffa* ....................7

Baħar
*Louis Briffa* ....................8

13:00 Monemvasia
*Norbert Bugeja* ....................9

(3)
*Charlò Camilleri* ....................10

(9)
*Charlò Camilleri* ....................11

Qagħda
*Charlò Camilleri* ....................12

Eli, Eli, lama sabaqtani?
*John Caruana* ....................13

Għada ħallih jistenna
*Priscilla Cassar* ....................14

Rheingärtchen Düsseldorf
*Priscilla Cassar* ....................15

Jekk qiegħed imdendel
*Carmel G. Cauchi* ....................16

Taħt il-kappa tax-xjuħija
*Carmel G. Cauchi* ....................17

Triq
*Wayne Farrugia* ....................18

Il-pont
*Joe Friggieri* ...........................................................................19

1, 3, 4 –
*Simone Inguanez* .....................................................................20

Qed tismagħha?
*Simone Inguanez* .....................................................................22

Aleppo
*Simone Inguanez* .....................................................................24

Ħarsa lura
*Alfred Massa* ...........................................................................25

Żwiemel
*Jane Micallef* ...........................................................................27

Tila
*Jane Micallef* ...........................................................................28

Karmenu ... (jew isem ieħor)
*Jane Micallef* ...........................................................................29

Limerikki
*Mary Rose Mifsud* ...................................................................30

Irxiexa
*Nadia Mifsud* ...........................................................................32

+ 8
*Nadia Mifsud* ...........................................................................33

Qabel ma f'ħarstek
*Nadia Mifsud* ...........................................................................34

Monasteriki
*John P. Portelli* ...................................................................................35

Korinthos
*John P. Portelli* ...................................................................................36

L-awtur
*John P. Portelli* ...................................................................................38

Tkarwit
*Rita Saliba* ...........................................................................................39

Ħajku
*Patrick Sammut* ...................................................................................40

## Novelli

Xorti
*Roberta Bajada* ....................................................................................45

L-għażla
*Simon Bartolo* ......................................................................................47

Kif tħossok jgħodd
*Maria Camilleri* ....................................................................................54

Straxxnani minn hawn
*Adrian Grima* .......................................................................................58

Raġġi
*Stephen Lughermo* ................................................................................66

Tonio
*Ġorġ Mallia* ..........................................................................................68

Il-ħmara li nħobb
*Daniel Meilak* ......70

Karista
*Alex Mizzi* ......74

Bla kulur
*Rita Saliba* ......77

Katarretti
*Loranne Vella* ......82

Il-mara bl-umbrella u l-fjuri
*Trevor Żahra* ......86

## Traduzzjonijiet

Odi lill-hena
Johann Schiller
*Oliver Friggieri* ......93

Sarah Austin
*Ivan Said* ......96

Gil Braltar
Jules Verne
*Paul Zahra* ......100

# L-editorjal

Ann Marie Schembri

Din il-ħarġa letterarja taħbat mas-sena ċentinarja tal-Akkademja tal-Malti. Proprju mitt sena ilu grupp ta' kittieba Maltin ħassew il-ħtieġa li jingħaqdu, u flimkien jaħdmu fuq alfabett standard li seta' jgħinhom iferrxu l-letteratura Maltija, li kienet għadha fl-istadju tal-infanzja tagħha. Il-bżonn ta' alfabett standard u regoli tal-ortografija msejsa fuq prinċipji lingwistiċi xjentifiċi, qarreb lil dawn il-kittieba lejn xulxin biex jaħdmu għall-istess għan: dak li jagħtu lill-Malti libsa iżjed uniformi, serja, u xierqa għall-ilsien tal-poplu li ftit ftit beda triqtu lejn l-għarfien bħala lsien nazzjonali u uffiċjali ta' gżiritna. Bis-saħħa tad-determinazzjoni u l-ħidma tagħhom, dawn il-kittieba, waslu biex ħarġu l-ewwel dokument li stabbilixxa r-regoli tal-ortografija tal-Malti u għalkemm it-triq sal-għarfien uffiċjali kienet xi ftit twila, l-għan intlaħaq. Minn hemm 'il quddiem, l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti setgħet tkompli bix-xogħol l-ieħor tagħha, li tħeġġeġ iżjed kittieba Maltin jużaw il-Malti, u twassal lil-letteratura Maltija għal fażi oħra tal-ħajja tagħha.

Għalkemm is-sena 1920 hija miżmuma bħala s-sena tat-twaqqif tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, is-snin ta' wara kienu importanti daqsha għaliex matulhom komplew isiru passi importanti fil-ħidma tal-għaqda. L-alfabett tal-Malti kif nafuh illum ġie ffinalizzat u mressaq għall-approvazzjoni tal-kittieba membri fl-1921. Fl-1922 twaqqaf l-ewwel kumitat bi statut fejn kompla bit-tmexxija Ġużè Muscat Azzopardi, issa fl-irwol uffiċjali ta' President. Imbagħad fl-1924 ġie ppubblikat id-dokument *It-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*. Fl-1925 ħarġet l-ewwel pubblikazzjoni tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, bl-isem li għadna nużaw illum, *Il-Malti*, bil-ħsieb li xxerred iżjed

il-letteratura Maltija u tqarreb lill-poplu, lejn is-sbuħija tal-lingwa Maltija mirquma f'letteratura.

Dan huwa l-bidu storiku u forsi l-iżjed magħruf tal-ħajja tal-Akkademja tal-Malti, iżda mingħajr dan il-pedament ma konniex insibu ruħna hawnhekk, mitt sena wara. L-għan nobbli ta' dawn il-kittieba fundaturi seta' kien kontroversjali għal żmienu, u l-Istorja turina li l-ħidma tagħhom, u ta' dawk kollha li ġew warajhom, qatt ma kienet waħda faċli. Li taħdem għall-Malti jew f'xi qasam tal-Malti qatt ma kienet biċċa xogħol bla taħbit, u kull żmien ġab miegħu sfidi ġodda li ħtieġu iżjed ħaddiema determinati u motivati għal dak kollu li jagħni u jagħti r-rispett mistħoqq lil-lingwa u l-letteratura Maltija. L-għadd kbir ta' individwi li ħadmu fil-kunsilli tal-Akkademja tal-Malti tul dawn il-mitt sena huwa twil wisq biex jitniżżel hawnhekk, iżda l-persuni kollha li taw sehemhom, bi ftit jew b'ħafna sforzi u sagrifiċċji, kellhom dejjem f'qalbhom il-ħerqa u l-ħeġġa tal-fundaturi tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Il-legat baqa' ħaj u għadu ħaj, għax il-ħolma tal-kittieba tal-bidu kienet waħda li tibqa', u dawk li ġew wara kienu kapaċi jkomplu jindukrawha bl-istess passjoni. Għalhekk irnexxielna naslu s'hawn illum.

Is-saħħa tal-Akkademja tal-Malti ma tiġix biss mill-kunsilli ħabrieka tagħha, iżda warajha dejjem kellha l-għadd sabiħ u dejjem jiżdied ta' msieħba. Li ma kinux dawn il-membri, il-ħidma tal-Akkademja ma kinitx tasal s'hawnhekk. Xhieda ħajja ta' dan huma l-ħarġiet kollha ta' *Il-Malti,* li issa waslu fl-għadd XCIII, u dawn huma mimlija b'kontribuzzjonijiet tal-membri fost l-oħrajn. Filwaqt li għall-bidu l-pubblikazzjoni *Il-Malti* kienet iffukata fuq kitbiet ta' natura letterarja biss, maż-żmien inħass il-bżonn li tinfetaħ fergħa oħra, dik tal-istudji akkademiċi dwar aspetti tal-lingwa, tal-letteratura, u/jew tal-kultura u l-folklor Malti. B'dan il-mod, il-membri msieħba tal-Akkademja beda jkollhom iżjed qari varju relatat ma' dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Malti. Dan kien ukoll segwit min-numru ġmielu ta' taħditiet li torganizza l-Akkademja tal-Malti u li s-suġġetti tagħhom ivarjaw minn diskussjonijiet u kritika letterarja, għal preżentazzjonijiet ta' riċerki ġodda dwar l-Istorja tal-Malti jew aspetti oħra tal-lingwa.

Oliver Friggieri fil-ktieb tiegħu *L-Idea tal-Letteratura* jiddiskuti r-relazzjoni tal-letteratura mal-ħajja u f'mument minnhom waqt li jirreferi għal Elder Olson jgħid: "… il-letteratura hi magħmula mill-ħajja u mhijiex il-ħajja nnifisha." (1986:7) Il-letteratura u l-ħajja jimxu id f'id u jieħdu minn xulxin, anki jekk jibqgħu żewġ entitajiet separati. F'din il-ħarġa nsibu din il-qrubija bejn il-kitba letterarja u l-ħajja għaliex nistgħu ninterpretaw u

nesperjenzaw aħjar dawn ix-xogħlijiet letterarji jekk nifhmu l-isfond li fih inġabru: il-pandemija tal-COVID-19. Dawn ix-xogħlijiet letterarji jirriflettu bosta qagħdiet tal-bnedmin f'dan iż-żmien uniku u partikolari li għaddiet minnu d-dinja kollha. Anki jekk ma nkitbux speċifikament f'dan il-perjodu, il-kittieba ħarsu lejhom u għażluhom mill-bosta kitbiet tagħhom f'dan il-perjodu tal-ħajja, u allura rawhom bl-għajnejn ġodda li ġabu magħhom l-għeluq tad-dar, is-skiet tat-toroq, u d-dwal ma jaqtgħu xejn ħerġin mill-iskrins li mlew ħajjitna. Fil-fatt bosta mit-temi ppreżentati jduru ma' fus wieħed ċentrali: il-fraġilità tal-umanità. F'għadd ġmielu ta' poeżiji nsibu l-idea tad-destin u kif it-tbatija hija ċertezza li qed tistenniena naslu għandha f'xi mument jew ieħor. L-umanità tinħass kważi mxejna u bla saħħa filwaqt li n-natura hija suprema fuqha u kapaċi tirriġenera ruħha. Dan kollu konna qed narawh b'għajnejna minn darna waqt li l-pandemija sakkritna ġewwa u n-natura setgħet twarrad, tikber u terġa' timtela bil-ħajja mingħajr l-interventi fitti u egoisti tal-bnedmin. Dan it-tħassib jidher mifrux fuq poeti minn ġenerazzjonijiet differenti, u l-għażla wiesgħa tal-kittieba ppreżentati hawnhekk tiżvela kemm dan l-inkwiet kien u għadu mifrux, għax il-ħajja f'daqqa waħda ttaqqlet għal kulħadd.

L-istilistika fil-poeżija tkompli ssostni x-xewqa għal-liberazzjoni minn dan il-flaġell uman li laqat bil-kbir lis-sena 2020. Il-versi ħielsa, l-iżjed magħżula mill-poeti ppreżentati hawnhekk, jikxfu dan is-sens ta' ħelsien li tteħdilna f'daqqa waħda. Xi wħud iżda jsibu l-kenn u s-serħan fil-kitba tradizzjonali fejn ir-rima mbewsa toħloq atmosfera ġentili u sensittiva li tfejjaq ir-ruħ. Poeti oħra jsibu l-opportunità tal-għeluq u tas-solitudni biex jesperimentaw bil-kitba u joffru stili ġodda li jirriflettu l-ħajja bħall-mirja speċjali li joffru verżjoni distorta tagħha. Anki s-simboliżmi mħaddma jagħtu dan is-sens ta' tmiem fil-qrib, jew tmiem li qed jissajja fuqna lest biex jattakkana. Iżda l-ispirtu poetiku jibqa' jfittex dejjem u jaħrab 'il bogħod anki meta jkun imsakkar bilfors. Insibu għadd ta' poeżiji li bħal oasi jagħtuna xarba friska 'l bogħod mill-konfini ta' gżiritna u jerġgħu jdewquna l-kobor tad-dinja hemm barra b'ambjentazzjoni f'pajjiżi oħra.

In-novelli f'din il-ħarġa joffru taħlita ta' realiżmu u surrealiżmu. B'mod ġenerali nistgħu nosservaw kitbiet li jmissu fażijiet differenti tal-ħajja li bil-mod tagħhom kollha jitfgħu fuqna r-responsabbiltà ta' għemil wieħed li jaffettwa dak li ġej fuqna fil-futur. Għalkemm il-karattri huma differenti u ħolqien ta' kittieba varji u maqtugħin minn xulxin, fihom jinħass element komuni, dak tat-tiftixa għal xi ħaġa aħjar, il-qtugħ minn mument partikolari

biex jinstab bilanċ fir-ruħ. Iż-żgħażagħ u x-xjuħ mhumiex differenti f'dan il-mument u kollha jġorru dan il-piż personali li jippruvaw iħaffuh bil-modi tagħhom: b'sustanzi li jnessu; bir-rutina statika li trid terġa' ttenni kuljum lil dak il-jum li għadda; bil-gidba u l-ingann; bil-kumpanija antika li issa qed tinten; bil-passat li sar vuċi kostanti; u bl-arti, fost l-oħrajn. Kemm jekk il-kitba tersaq viċin il-ħajja, jew titfa' fiha doża iżjed qawwija ta' fantasija, jibqa' dejjem kostanti l-bniedem li jfittex bla heda.

Taqsima li biż-żmien qed issir iżjed imfittxija hija dik tat-traduzzjonijiet. B'unur kbir għalina, lħaqna ġbarna waħda mill-aħħar kitbiet tal-mibki Professur Oliver Friggieri. F'din il-ħarġa ħallielna traduzzjoni sabiħa ħafna ta' 'Odi lill-Hena' (Ode to Joy) tal-poeta Ġermaniż Schiller. Insibu żewġ traduzzjonijiet oħra interessanti f'din il-ħarġa li jikxfu stili differenti ta' kitba fl-oriġinal u kif dan l-istil jittraduċi ruħu għall-Malti. Hawnhekk nixtieq nagħmel parentesi żgħira, u nsellem il-memorja tal-Prof. Friggieri. Is-sena tal-pandemija kienet iebsa għal kulħadd, iżda l-ħasda bit-telfa ta' Oliver Friggieri fl-istess sena, kienet daqqa ta' ħarta oħra, speċjalment għal dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-letteratura Maltija, dawk kollha li ħadmu miegħu, u l-istudenti u l-qarrejja kollha li xorbu mill-għerf ta' dan il-bniedem għaref u mimli b'sensittività umana mill-ikbar. Il-Professur Friggieri kien membru tal-Akkademja u ħabib kbir tagħha. Kien jattendi għal bosta taħditiet u għal-laqgħat ġenerali wkoll u sibnieh kemm-il darba bħala kontributur fil-pubblikazzjoni *Il-Malti*, xi ħaġa li kompliet tgħolli l-livell tal-organu uffiċjali tal-Akkademja tal-Malti. Il-ħidma tiegħu fil-qasam tal-letteratura Maltija ħalliet l-effetti tagħha anki fuq il-ħidma tal-Akkademja tal-Malti, ħafna drabi mingħajr ma jaf hu stess, għaliex bħal raġġi tax-xemx li jaslu sa kullimkien, ħidmietu kienet tasal fuq bosta minna li tgħallimna mingħandu.

Din il-ħarġa fiha rappreżentazzjoni sabiħa ta' nisa. Din hija ħaġa sabiħa ħafna u li tkompli ssostni dak li qal Friggieri dwar il-letteratura u l-ħajja. Għax jekk il-letteratura tkun kollha mill-istess perspettiva, dik maskili, mela hemm xi ħaġa li hija nieqsa. Rappreżentazzjoni kemm jista' jkun veritiera u realistika, fi ħdan il-bilanċ li jsemmi Friggieri stess bejn il-kopja tal-ħajja u l-aljenazzjoni mill-istess ħajja, għandha tiġi miż-żewġ sessi, u anki minn dawk li ma jħossuhomx parti minn dawn it-tnejn iżda mill-bqija tal-ispettru kollu. Ġabriet letterarji bħal dawn għandhom ikunu l-post tat-tlaqqigħ ta' perspettivi varji u dan isir b'iżjed inklużjoni u b'għajnejn iżjed miftuħa għal dawk il-kitbiet li jmorru lil hinn minn dak li hu stabbilit mis-soċjetà fid-distinzjoni bejn il-ġeneri.

Fost il-proġetti li kellha l-Akkademja tal-Malti għaċ-ċentinarju tagħha, kien hemm proġett ta' kitbiet li kellu t-tema tal-100. Dan il-proġett ħdimna fuqu qatigħ, iżda minħabba l-ammont żgħir ta' kitbiet li nġabru, sfortunatament kellna nwarrbu l-ħsieb ta' din il-ħarġa speċjali. Madankollu, il-bord editorjali maħtur għal din il-pubblikazzjoni għażel xogħol wieħed li spikka ħafna u li ma setax jitilqu minn idu u ma jagħtihx f'idejn il-qarrejja tal-Akkademja tal-Malti u dawk kollha interessanti f'din it-tip ta' pubblikazzjoni. Għalhekk, bi qbil mal-awtur, il-bord editorjali ħaseb biex dan ix-xogħol ikun inkluż hawnhekk u ma jintilifx. Nixtieq nirringrazzja lill-bord editorjali ta' din il-ħarġa speċjali, li għalkemm ma ratx id-dawl li xtaqna, xorta ħadmu ħafna u investew il-ħin li kien hemm bżonn biex niddiskutu x-xogħlijiet li waslulna. Il-membri f'dan il-bord kienu: Dr Marco Galea, Dr Norbert Bugeja, u s-Sa Claire Zerafa.

It-tlaqqigħ ta' ilħna u perspettivi varji f'pubblikazzjoni waħda mhix ħaġa daqstant faċli, għaliex il-bord editorjali hu magħmul minn individwi differenti li jkollhom il-mod tagħhom kif iħarsu lejn biċċa xogħol letterarja, u fl-istess waqt iridu jħaddnu l-ispirtu tal-Akkademja tal-Malti, li huma qed jaħdmu f'isimha. Biċċa xogħol hekk titlob metikolożità u diskussjoni fit-tul, iżda s-sabiħ tagħha huwa li b'xi mod ikun hemm qbil fi ħdan l-istess diversità. Il-membri fil-bord jersqu lejn kull xogħol letterarju bl-attitudni u l-bagalja personali tagħhom, u filwaqt li jġarrbu esperjenza unika u personali, jersqu viċin il-membri l-oħra meta jiddiskutu u jesperjenzaw dak ix-xogħol f'komunità ta' qarrejja. Din il-komunità nixtiequ nwessgħuha u nifthuha għal qarrejja oħra: intom li għażiltu din il-pubblikazzjoni biex taqrawha u tgawduha.

Għaldaqstant nixtieq nirringrazzja lil Dr Stephen Bonanno, Dr Mario Cassar, Phyllis Debono u lil Sergio Grech li ħadmu miegħi fil-bord editorjali fl-għażla ta' dawn il-kitbiet. Il-bord jirringrazzja wkoll lil Chris Giordano għall-qari tal-provi, u lil Joe Borg u Dwayne Ellul għall-produzzjoni ta' din l-edizzjoni.

# Poeżiji

# L-ikkundannati

John Aquilina

Aħna l-ikkundannati. Nitlajjaw,
sa ma nsiru bħal dawk li ġew qabilna.
F'xi salib it-toroq nistennew jgħaddi
karru karnivalesk bid-destin tagħna
moħbi ġo fih. Bil-kliem tat-tislibiet
nilagħbu noli nfittxu lilna nfusna.
Fuq sieq waħda, imbagħad fuq oħra, nirfsu
n-numri tal-passju mħażżin fuq l-art taħraq.
Il-ġebel garat bl-addoċċ fejn iweġġa' –
ħoss ta' ċuqlajta tħabbar trapassjoni.

# Dinja t'għasfur ċkejken

Rena Balzan

Iterraq quddiemi,
jinqata' mill-art itir
u jerġa' jinżel iterraq.

Konna jiena u hu biss
għaddejjin f'passaġġ ġo ġnien,
jien mgħobbija b'elf ħsieb
u hu…? Jidher meħlus
minn kull problema li
tittanta ttaqqal lili.

Forsi għalhekk ħafif… kważi
daqs ir-rix li jġorr fuq dahru.
Ħafif? Jew id-dinja tiegħu
kienet qiegħda ttaqqlu u żżommu
marbut mal-art?

Itir u jterraq… itir u
jterraq…
X'kienet għalih id-dinja tiegħu
li nifdet bla mistenni
d-dinja tiegħi?
L-istess waħda li naf jien?
Forsi…

# Jekk mhux ragħda

Charles Bezzina

Jekk mhux ragħda x'setgħet kienet
dik li smajna bosta 'l bogħod,
donnu diwi ġej mill-ibħra,
misterjuż daqskemm remot?

Jekk mhux krib ta' tajr imbiegħed
li mitluf deher fl-orizzont,
jekk mhux mewġ li f'daqqa tqanqal
mill-abbiss, il-qiegħ profond?

Jekk mhux l-eku ta' tempesta
illi qamet minnufih,
jekk mhux qawwa insuperabbli
ta' kemm ħalel mal-irjieħ?

# Nistħajlek

Ġorġ Borg

Nistħajlek li kont ġrejt
u bkejt
bil-qalb mimlija diq
u bqajt tixtieq
li ssib xi leħħa dawl
fit-tarf tat-triq.

Nistħajlek fl-aħħar smajt
xi kliem itanbar fik:
M'hemmx iżjed dawl għalik!

U dak il-ħin
nistħajjel li ħakmitek
dalma kbira
u int infxilt.

U forsi mbagħad għalhekk
għamilt dak li għamilt.

# Wirdiena

Charles Briffa

ipparkjajt u dħalt
        fl-art li tinfetaħ għall-bniedem.
Iż-żarbun iqarmeċ
        fuq ix-xaħx
        li wassalni fuq dik ir-roqgħa
        li tgħożż ’l ommi.

It-talb li ħareġ
weħel mal-kaptelli.
L-irħama bit-trab kienet mejta
u ħarsti ttellgħet is-sema
        bil-ġuħ u l-biki.

U ħriġt minn dik l-art
        li tieħu lura l-ħajja.
Ħdejn il-karozza
        wirdiena miexja
        u għaffiġtha biż-żarbun.
It-tqarmiċa tagħha
kexkxitni b’dak li setgħet kielet.

# Baħar

Louis Briffa

*Lil George Falzon (1951-2019)*

Fil-bidu l-baħar kien id-dmugħ ta' mara
li ħbietu u rassitu fiha sewwa.
Konn'ilna nistennew imqar qtajrietu.
Irħietu u tana r-ruħ, nessiena d-dnewwa.

Fergħun ir-riħ inaffru għal għarrieda
u jbandal il-mirjiet ta' wċuħu jiddu.
L-imwieġ ixxellerati jaqbżu mkabbra
u l-blat imsidder tax-xtajtiet iniddu.

Ilsien m'għandux 'ma ġrieħi bajdanija,
skont għats l-irjieħ jitwessgħu u jidjiequ,
u l-enerġija taħt il-taħt tifforma
madwar trident, b'Nettunu jsabbat siequ.

Għajnejh mhumiex għajnejn u jara xorta,
u jibża' minn ġejjieni bl-algi mejta
li b'żejt jostrulu l-firxa kaħlanija.
Kuxjenza għandu, u jaħbiha f'bejta.

Qalbien iżda beżgħan li jmut il-baħar.
Il-mara li lefqitu, mara mnikkta.
Sa jikteb dak li qalbu tippossiedi
u l-poeżija tiegħu tkun is-sikta.

# 13:00 Monemvasia

Norbert Bugeja

Ġo fina waqgħet munita qadima.
Mhi xejn: girfa fiż-żrar tal-jum. Nofs gżira.
Fuq wiċċek il-kappell jaqa' bħal elmu
u biex issibni jibqagħlek biss das-skiet
li tul il-ħin irabbi swaba' ġodda:
koħol nir, bħall-eżilju. Silwett il-ħsieb
jitqabad fil-furja mkenna ta' ħarstek.
Illejla forsi nindem, jew nixxabbat
mal-ħtijiet wieqfa li ntilfuli ħesrem
jien u nislet amment mill-kosta t'għajnejk:
waqgħet ġo fik nagħsa tqila. F'dellha biss
terħi ruħek. X'ma nagħmlux biex induru
darbtejn madwar dis-siegħa qabel tegħreq?
Nomadu dan in-nifs, u 'l hawn mir-riħa
ta' sidrek ma jfuħ xejn – ful għadu jinqata',
u forsi l-wens ta' xoffti qabel timxi
tul il-ħoss irqiq karta ta' ismek: xejn.
Ħaddejn l-irdum ta' taħtna diġà nferqu
u s'għada jkunu nbelgħu f'wegħda mqallba
daqs l-irjieħ li jinnamraw ġo dan il-post:
f'xahar il-mejtin niġu nitwu dil-ħemda.
Niftiehmu mal-qaddief, u nibagħtuha
lura fejn għad trid tibda d-diskursata.

# (3)

P. Charlò Camilleri O.Carm

ħallejtna bħal dubbien aġitat
ġo kus tal-kristall
rasu ’l isfel
idur miġnun
jaħbat għax-xfar
jitħabat imferfex
biex jimraħ
fil-beraħ rifless
f’għajnejh mirja ffissati
għarriexa għal xaqq ta’ ħruġ
u għomja għal ħarstek
medhija fid-dehra
tad-dubbien imferfex
ġo ħabs
li jżommna medhija
rasna mħabbla
b’mistoqsija
kif toħroġ
mill-kus tal-kristall.

Ikollok ħniena minna msejkna
bexxaq għal waqt
dal-kus tal-kristall

# (9)

P. Charlò Camilleri O.Carm

għotru riġlejna
mar-rifsa tal-pass
fuq art li nfetħet bina
u ħatfitna miżluqa
għal wiċċna
mkaxkrin
f'qigħan l-ublijiet
imburġati bl-irmied
li mela
ħofriet il-ġebliet
li tkaxkru magħna
l-mitlufin
f'dil-ħerba
mdamdmin

# Qagħda

P. Charlò Camilleri O.Carm

ħajbura
ħsibijiet
titħarrek mar-riħ
f'moħħ infinit
ikħal
smewwiet

nixxiegħa t'ilmijiet
tmellisni
kif jien
wieqaf
b'għeruqi
fil-qigħan
mgħerrqin

tvenvin
l-irwiefen
ipespes
fis-smigħ
tal-kewn
li medhi
qiegħed
mistrieħ

# Eli, Eli, lama sabaqtani?

John Caruana

Fittixni, Mulej,
farraġni,
ferraħni…

Xejn ma jimporta
li miegħek naqsam
toqol l-għuda,
grif l-iskald
u tiċrit il-laħam
b'tismir l-imsiemer.

'Żda wegħedni saltnatek,
jew dewwaqni t-tama
li biha ħallejtna
biex tinġabar
għand missierek.

# Għada ħallih jistenna

Priscilla Cassar

Illejla itmagħni ftit kliemek

isqini ftit fjur iġelben minn fommok.

Għada ħallih jistenna.

Jaf ikun lest li jqaċċat il-ward għadu jisponta.

# Rheingärtchen Düsseldorf

Priscilla Cassar

Hawnhekk is-siġar jirrenjaw
f'kull rokna
imilu b'rashom
iferfru ġwenħajhom
ifesfsu lir-riħ
jinkuh
jinku lili
b'xita ta' weraq
jiżżeffen quddiemi.

Hawnhekk is-siġar bla biża'
għax jafu li arthom
hi tagħhom bi dritt
u ebda gvern
ebda proġett
ebda kuntrattur
ma jazzarda jmerihom.

Hawnhekk is-siġar idellu fis-sajf
ipittru s-sema b'ħmurithom fil-ħarifa
iferrxu l-borra xitwija
u jwarrdu fir-rebbiegħa.

Hawnhekk is-siġar jikkmandaw
u mhux il-bini jew it-toroq.

U n-nies tobdihom.

# Jekk qiegħed imdendel

Carmel G. Cauchi

Jekk qiegħed imdendel
minn xifer ta' rdum
fuq ħabel imżarrad jiddgħajjef kuljum…

inkella qed negħreq fil-ħalel
ta' baħar-dragun irrabjat
jgħaddasni fi ħdanu
jew b'qawwa jsabbatni mal-blat…

Jekk qiegħed inħossni daqskieku dubbiena
maqbuda, marbuta
fin-nisġa t'għanqbuta
minsuba minn brimba bla ħniena…

Jekk qiegħed inġarrab dan kollu
u forsi nsib ruħi mitluf
fi sqaq mhux magħruf,
jew nogħtor u nteftef fil-għama
f'xi lejla mudlama,

mhux kollox mitluf
sakemm nibqa' mqabbad
mal-ankra tat-tama.

# Taħt il-kappa tax-xjuħija

Carmel G. Cauchi

Iż-żmien resaq kutu kutu
taħt il-kappa tax-xjuħija
u seraqli ħaġa ħaġa
kulma kien għażiż għalija.

Ħadli s-saħħa,
ħadli l-ħila, ħadli l-ħeġġa,
ħadli l-ħolma, ħadli l-ħsieb,
ħadli l-pinna,
ħadli l-ktieb…

It-tbissima biss ħallieli
qed titliegħeb fuq xufftejja,
u din qatt ma jeħodhieli
sakemm inti tibqa' ħdejja.

# Triq

Wayne Farrugia

Dal-ftit tafal merħi
bħal fekruna
li tintefa' għall-ewwel darba
fil-baħar, u tipprova
timxi kontra l-mewġ
sakemm fl-aħħar jirnexxilha
ssib ruħha fil-baħar.

Dal-ftit tafal
jintelaq mal-kurrent
u l-kurrent jitfgħu lura
jerġa' jissielet u kollu għalxejn
sakemm dik l-Id tintervjeni
u tikkalma l-mewġ għal xejn xejn.

Dal-ftit tafal
jintelaq f'baħar kbir infinit
bla direzzjoni…

# Il-pont

Joe Friggieri

Diffiċli tgħid
meta tħares lejn ix-xmara
mnejn ġej id-dawl
li jiddi fuq il-pont
u wara s-siġar,
jekk hux mill-qamar
li ma jidhirx
jew mill-fanal
li mhux b'saħħtu biżżejjed
biex jagħmel dik id-dija.

Imbierek dak id-dawl
għal dawk li jaqsmu l-pont
bit-tfal ma' djulhom,
u għall-oħrajn
li jfittxu t-triq
wara ġurnata xogħol
billejl, fix-xita.

# 1, 3, 4 –

Simone Inguanez

Waħda, tlieta, erbgħa: Tlaqna
– xkora vojta ma tiqafx. Ħu min-nemel –
Dix-xitwa m'hemmx li tgħaddi. U min jorqod
– ma jaqbadx… Xammejtha ċċaqċaq? Ħamsa.

4.5 metri bi 30 minuta: titlajja. F'nofs siegħa
taqsam minn Sqallija. U ssib ruħek
– taħt it-trab, u hekk. Mea culpa. Sitta.

Ħabbat fuq sidrek jilheġ. Arahom ġejja:
vampiri – jieklu l-friefet u jmeximxu.
Sebgħa. Ir-riħ li ġabek jieħdok lura.

pangolini – pandemija – pandemonju
– paneġierki – pantomimi – paraguni –
paradimmi – paradossi – paraventi
– parentela – parodiji

Maskri. Verdemar, minn lewn in-nir –
Nitħajjar nordna waħda: fjurita tgħajjat
bil-pjaneti ċkejkna nebbieta:
seba' għajnej'.
    'K timrad waħda, aqlagħha
    – u armiha 'l bogħod.
Tmienja. Disgħa.

Niftaħ l-ilma, narahom jegħrqu:
waħda, waħda. Tingħafasli qalbi.
    ’K qalbek, għalik, okkażjoni ċċedi,
    aqlagħha – u armiha wkoll. Jaqbillek.
Tnax. Tlettax. Tmintax.

Ara taqbeż biss l il-linja mħażża.
Nogħrku jdejna – midluka roża: patata
– riħa ta’ ndafa taqsam, ħierġa
mill-bibien miftuħa –
idejna fil-but iteftfu – fil-blalen
antistress, xewk xewk
– ngħoddu: is-sekondi jtektku.

Li mhux għax qalulna nżommu ’l bogħod,
illejla nsawru
– ’l Koronata-Koranta-Tina-Novella-Elvira,
u nħallu d-dinja ddur.

Wieħed u għoxrin: Ġejja tfitt’x
– liebsa l-aħmar imqareb:
reġina, tnewwillek idha
muswafa.

# Qed tismagħha?

Simone Inguanez

’D tismagħha l-poeżija dieħla mal-mewġ, illejla
u l-għajta triegħdek taċ-ċief imbikkem
u l-istilel jogħdsu waħda waħda,
fl-ilma mdardar?

Liem’ storja se ngħidulhom ’l uliedna,
ħa jorqdu sew?
Ejja ejja:

Darba kien hemm mara ġġorr ġo żaqqha teżor prezzjuż prezzjuż u kellha taħrab
għax dat-teżor kien se jbati ħafna ħafna ħafna ’k ma taħrabx
u biegħet kollox u ħarbet u bkiet baħar dmugħ

u kien hemm mara oħra kellha teżor ċkejken ħliefu ma kellhiex
u kellha taħrab hi wkoll għax kien il-mimmi ta’ għajnejha dat-teżor
u bkiet u beżgħet u bkiet u beżgħet u kompla kiber il-baħar dmugħ

u rikbu daw’ fuq dgħajsa ċkejkna li kellha teħodhom ’il bogħod ’il bogħod
fej’ ix-xita ma tilħaqhomx U ħolmu ħolmu ħolmu ħafna ħolm sabiħ
sa ma l-baħar tqalleb u d-dgħajsa kellha tieqaf u fej’ tieqaf ma sabitx
għax ix-xita daħqet bihom telqet qabel u għaddiethom
u kulħadd beża’ minnhom ħasbuhom mostri
Bdew jgħidulhom: Le mhux jien Lanqas jien
Erġgħu lura minn fejn ġejtu għax haw’ qed negħrqu aħna u marru jorqdu
u raqdu u qamu raqdu u qamu u raqdu u qamu u d-dgħajsa kompliet titbandal
u titbandal u titbandal u daw’ għejew u qabadhom l-għatx:
Għal ruħ min għandkom agħtuna mqar nixorbu se mmutu haw’
Qalulhom: Kemm intom tosti! Kulm’għandna għalina
It-teżori tagħna prezzjużi aktar Jekk mhux se tegħrqu ngħerrqukom aħna

U ma nafx aktar għax daw’ kattivi ma kinux u kellhom ħafna ħafna mħabba
u iktar iktar biża’ –

M’haw’x ħosshom. Raqdu, jew?

# Aleppo

Simone Inguanez

Twila, ħanini, is-sawma. Iddum tistenna
– il-ħmura tal-inżul, meta qajla tfiġġlek
ix-xemx tħeġġeġ. Maqbuda taħt it-torba,
twerżaq kwieta, imriżżqejha ġerħa tikwi.

Ħanini, frixtlek: inċirata minn haw'
s'hemm – ringiela xenqat, jittewbu griżi
relikwi qalb il-fdal imċarrat. Tista'
tmiddhom. Tisimgħu t-tpespis, tagħrfu laħmek?

Trejjaq. Tiflaħ tistenn lejla oħra, il-ġenna.
Żgur tiflaħ! Tkun daħlet sewwa r-rebbiegħa,
meta naslu.

# Ħarsa lura

Alfred Massa

Meta lura nħares
u nilmaħ it-tfajjel tal-bieraħ
it-triq ikejjel b'ċirku tal-ħadid
jew f'xita u f'xemx
jiġġerra ma' sħabu
jixxabbat ma' siġra jaqta' t-tin,
inħoss qalbi tingħafas,
għajnejja jiddemmgħu,
għax nifhem
kemm is-snin li għaddew minn fuqi
ħaqruni, bikkewni
u l-hena minn qalbi serquli.

Imbagħad f'widnejja jidwi leħen ommi
twissini, tfakkarni,
li għada għad jidfen illum.
Iċ-ċirku, l-iskuter, it-trakk tal-injam,
għad jinbidlu f'għodod li jxoqqu l-għaraq imħallat mad-dmugħ
fi ġlieda qalila mal-ħalel ta' baħar bla tmiem.

Missieri ħallieni,
tbissimtu ħa miegħu.
Ommi marret warajh.
Illum spiċċajt waħdi tellief f'dinja
bla ċirku, bla skuter, bla trakk tal-injam;
nibki l-imgħoddi li ħarab minn idejja,
nistenna l-aħħar daqqa
li titfagħni f'ta' Caronte d-dgħajsa
biex naqsam ix-xmara lejn naħa
fejn ħlief ċpar ma narax…

# Żwiemel

Jane Micallef

Żwiemel ilebbtu
fil-bogħod 'il bogħod,
fuq ramel imdaħħan
fuq qiegħa tirtogħod,
tidwi bil-qilla
u tobżoq in-nar
mad-daqqa ħafifa u tikwi
t'elf nagħal.

Żwiemel ilebbtu,
ilebbtu bla heda;
quddiemhom is-sid
li qatt ma ċeda;
warajhom il-baħħ
li qatt ma kien;
sidirhom jilheġ
għall-bidu ta' mkien.

# Tila

Jane Micallef

Tiċpis u xbihat bla sura,
ħsibijiet bla sens
b'daqqa ta' pinzell magħsura f'mitt kulur;
qed jgħajtu fuq it-tila
l-ulied strambi tad-dulur.

# Karmenu
# *(… jew isem ieħor)*

Jane Micallef

Għeb bla ħsieb ix-xwejjaħ ġwejjed
li ħdejn għatbu kien jintasab,
fil-bard jixrob xemx għajjiena
dell u frisk fl-affann u fl-għaraq.
Hu biss, qajla kien jitħarrek,
bħal disinn f'paġna ta' ktieb,
medhi jgħodd l-uċuħ għaddejja,
dawk ta' nies, qtates u klieb.

Jien kont ngħaddi spiss quddiemu,
parti sar fl-armar tat-triq,
niċċa oħra ta' qdusija,
li nsellimlu sar istint.
Kont stampajtu fis-subkonxju
b'qattus sufi ħdejn saqajh,
bil-beritta mdeffsa f'rasu,
bieb imbexxaq f'ġenb, warajh.

… Issa l-bieb tila maħsula,
l-ebda siġġu, l-ebda xiħ;
fadal biss qattus imkebbeb
joħlom f'rokna, jistennieh.

# Limerikki

Mary Rose Mifsud

*Limerikki miktubin wara li qrajt dawk li*
*Adrian Grima xandar fuq Facebook*

1.

Fuq Facebook il-friends ittriplaw
Likes, kant u kummenti ivvintaw
Jeħduli tant ħin
Madoff x'waħda din!
Ma nafx kif se noħroġ minn haw'.

2.

Nitfa ta' virus
Li fl-apert ma jidhirx
Daħal ġos-sinus
U ħlief ħsara m'għamilx.

Rajna lill-bniedem
F'dagħdigħa miġnuna
Għarkupptejh imbikkem
Quddiem tal-kuruna.

Deni tellagħlu
U s-smigħ neħħihulu
Nifsu qatagħlu
U x-xamm kissirhulu.

3.

Il-ġirien daħlu ġewwa
Toroq baħħ. O xi ħlewwa!
Issa kollox virtwali
U ħajjitna banali.
Iss'għid int, dana sewwa?

4.

Kwarantina, kwarantina
Qaddisin, idħlu għalina.
Iż-żmien għaddej bit-tlikki tlikki
Fost bullettini u limerikki.
Se ndumu nieħdu ġo fina?

5.

Kulma nixtru niddiżinfettaw
Il-bogħod bejnietna nikkalkulaw
L-iġene saret ossessjoni
U kisritilna d-devozzjoni
Mhux itik li tparparlu minn haw'!

6.

Dalwaqt ninżlu fl-istorja
In-normal sar memorja
Għad jasal iż-żmien tal-baldorja?
Jew dawn tagħna biss sogni di gloria?

7.

Nippruvaw niċċajtaw
B'hekk xi ftit naljenaw
Mill-għajjat u t-tismir,
Krejnijiet, ħmieġ, tkissir.
Meta se nispiċċaw?

# Irxiexa

Nadia Mifsud

Tieqaf l-irxiexa
u l-belt dlonk tieħu bixra oħra.
Riħa ta' ġebel imxarrab.
Ħemda umda
li xejn ma jħarbat
ħlief it-tinwiħa
ta' qattusa ċkejkna
mkebba tregħida waħda
ma' koxxa ta' bieb.
Ħoss ta' ilma jqattar,
tal-katusi jtektku.
L-ispralli jitqanżħu taħt saqajna.
(Xi darba nirrakkuntalek
il-logħob ta' dari
fil-kantina ta' nannti,
id-daħk sfrattat
mill-fatati mistħajla.)
F'għajnejk ukoll hemm
mistura mitt ħrafa.

Ma' kull pass li mmiddu,
spallejna jitħabbu –
aptit ta' żifna.
Nefħa riħ tbandal
il-fanali mdendla
minn naħa għall-oħra tat-triq,
u magħhom,
fuq iċ-ċangaturi leqqiena,
jitbandal id-dawl –
artab daqs leħnek.

# +8

Nadia Mifsud

*(poeżija miktuba waqt l-imxija tal-COVID-19 –Lyon, Marzu 2020)*

illum lgħabna noli max-xemx ta' Marzu
fittixna bla sibna
s-soltu tħarbix tal-ajruplani fis-sema
minflok, għoddejna kemm-il werqa ġdida
tfaċċat fuq il-friegħi tas-siġra 'tagħna'
– stħajjilniehom noti
ħammimna diska ta' żmien żemżem
żfinna bħalma kienu jiżfnu
n-nanna u n-nannu dari
pinġejna qalb bil-ġibs fuq il-bankina
għax-xwejħa gustuża li ilha snin maqfula ġewwa
fuq is-sodda frixna kulma sibna fuq Picasso
ar' diż-żokra, qishiex serratura?
– daqquqa
mgħadna kliem stramb b'kull lingwa li tgħallimna
u oħrajn bi lsien
li ħadd ma jaf ħlief aħna
qrajna ħrafa oħra u
rġajna doqna għal ftit il-beraħ
imbagħad infaħna l-bżieżaq tas-sapun
u 'l kull waħda fdajnielha sigriet
għidli mqar wieħed, insistejt int
għedtlek
nixtieq li ma ndumux wisq
ma nerġgħu nimteddu fuq ir-ramel
bil-baħar firxa fiddiena jiddandan ħdejna
infesfsu ras ma' ras ħalliema
nidħku
nisktu
ngħoddu l-istilel

# Qabel ma f'ħarstek

Nadia Mifsud

ħlief f'ħarstek
qatt, ħanini, ma naf li ntlift imkien
u nħallu l-imlusa tmantnina
nerġgħu nbillu xufftejna f'dan l-aħna-issa-u-hawn
irridna
ninġarru mill-ġdid
irridna
qabel ma l-ħamba tibda titħanxel fit-toroq
u s-sikta tinstelaħ
qabel ma d-dalma tixxaqqaq
u l-ħolm jisfa loqom
qabel ma tofrogħ l-irtuba tan-ngħas

*  *  *

qabel ma tofrogħ l-irtuba tan-ngħas
u l-ħolm jisfa loqom
qabel ma d-dalma tixxaqqaq
u s-sikta tinstelaħ
qabel ma l-ħamba tibda titħanxel fit-toroq
irridna
ninġarru mill-ġdid
irridna
nerġgħu nbillu xufftejna f'dan l-aħna-issa-u-hawn
u nħallu l-imlusa tmantnina
qatt, ħanini, ma naf li ntlift imkien
ħlief f'ħarstek

# Monasteriki

John P. Portelli

F'platea Monasteriki
uċuħ ta' statwi rieqda
uċuħ ta' Roma jittallbu
uċuħ ta' klieb lubiena
uċuħ ta' nisa-allat kollha tattwaġġi
uċuħ ta' qtates ifferoċjati
uċuħ ta' patrijiet Ortodossi ħabrieka
uċuħ ta' ħamiem imġewħa
uċuħ ta' bejjiegħa mdejqa
uċuħ maskarati
uċuħ rassenjati
uċuħ t'Ewropa marida
uċuħ għal għarrieda ibsin stanga
jilagħbu bl-emozzjoni.

# Korinthos

John P. Portelli

Imponenti t-tempju t'Apollo
Nisma' l-biki ta' Pirini
mill-funtana Rumana
illum muta
straordinarja.

Solenni t-tokki tal-qniepen
tal-knisja ta' San Pawl
sekonda, sekonda
ifakkru
l-ittri.

Kalmanti r-ritmu tal-imrieżaq
sovversivi
fis-siġar taż-żebbuġ
u tal-arżnu
ifewħu taħt dellhom li jraqqad il-klieb
joħolmu
d-diskorsi mill-bema fl-agora.

U ’l hinn u ’l hemm
il-baħar turkważ
imewweġ il-ferħ
ħa jtaffi s-setgħa kapitalista
u minn din l-għolja
nitħajjar intir bħal Icarus
nissara maż-żiffa sajfija.

Ħasra li x-xemx
dewbet ix-xema’.

# L-awtur

John P. Portelli

Għaffġulu subgħajh
żabrulu l-ħsieb
u minn subgħajh ħarġu mitt għajta
ta' protesta.

Bħas-siġra tat-tin
tistenna Al Qudz
ġdida.

# Tkarwit

Rita Saliba

Mas-sebħ tqanqlet buffura,
kaxkret il-ħmura mriegħxa
tal-għabex bħal velu
fuq xagħri silla vjola mferraq.
Ħarrket zkuk il-bużbież
irejjaħ ma' kull fewġa rieżħa,
iserraħ ma' fdal ta' sejjieħ
qed jostor fih gremxul imgerrex
ikanġi lewn il-weraq tal-qarsu.
Iż-żnuber iżaqżaq marċ funebri
jbandal friegħi mgħobbija bis-snin,
jibki labar fuq art għerja
mixquqa tistenna l-aħħar tixriba.
Mal-ġenb snien metalliċi
bil-magni mitfijin jistennew
ġo fihom rikkieba lebsin sdieri ħodor,
jisħtu 'l-ajru mtaqqal
li qed itellifhom mix-xogħol,
jitolbu li jgħaddi ma jdumx il-maltemp
ħa jfittxu jqaċċtu injam bla sura,
jaqilgħu siġra minn għeruqha…
hemm bżonn tagħmel il-wisa'
tiżdied karreġġata oħra
ħa jgħaddu komdi r-roti tal-lakstu
minn fuq sodda sewda lixxa
tixhed elf vjaġġ f'dinja ttellaq mal-ħin.
Is-sema karab, instema' t-tkarwit ġej minn fuq
u beżaq dmugħ kiesaħ fuq dal-każ magħluq.

# Ħajku

Patrick Sammut

Wesgħat ħadrana
bla tarf il-meded ’dwarna
ir-ruħ tistagħna.

Fil-bogħ’d ’il bogħod
katini ta’ muntanji
fuq sfond kaħlani.

Issa x-xemx nieżla
l-imrieżaq jirriflettu
fuq wiċċ l-għadira.

Hawn fil-quċċata
is-sħab bħal qoton taħtna.
Is-silġ bħal zokkor.

Xemx, silġ, muntanja,
tliet aħwa id f’id jimxu
hawn qrib il-ġenna.

Fil-bogħ’d kampnari
f’villaġġi solitarji
ħajr lill-kbir Alla.

Jekk tisma' sewwa
u l-madwar sew tissajja
leħen ikellmek.

Żewġ ċinji bojod
jinnamraw fuq wiċċ l-ilma
seħer mill-isbaħ.

Tpaxxejt nosserva
iċ-ċinji f'wiċċ l-għadira.
Xena-maġija.

Tuffieħ fillieri
qamħ, wardiet tax-xemx, dwieli,
mal-ġenb tal-highway.

# Novelli

# Xorti

Roberta Bajada

Xuxitha fjamma raha tisreġ f'nofs il-pajsaġġ-bizzilla tal-kosta Irlandiża. Kien fit-tielet xahar tiegħu hemmhekk, fuq programm ta' studju, li matulhom kien qatta' sigħat twal il-librerija tal-università, jassorbi b'passjoni l-vrus ta' Joyce u Heaney, u joħlom li jtemm il-kors tal-Baċellerat b'suċċess. Għal tmiem il-ġimgħa, meta l-ħitan tal-binja antika kien iħosshom jissikkaw madwaru, l-għaxqa ta' Nigel kienet li jaqbad l-ewwel kowċ li jinzerta u jerħilha għall-arja friska fuq l-irdumijiet pittoreski ta' Moher, disgħin minuta 'l bogħod mill-belt ta' Limerick. Xejn, fil-fehma tiegħu, ma kien jisboq il-veduta tal-blat u l-baħar minn hemm fuq; imma dan kien qabel ma lemaħ lil dik it-tfajla misterjuża, li wara li saħħritu bi sbuħitha, għaddietlu bewsa, u mal-bewsa rigal ċkejken li wegħedha li jgħożż sa ma jerġa' jaraha.

Fil-verità kien xaba' jara minnhom, dawn il-famużi shamrocks tal-Irlanda. Ma kienx hemm ħanut fil-pajjiż li ma kellux minnhom stampati fuq kpiepel, maggijiet, flokkijiet u ċekċik ieħor… u kien sama' li jġibu r-risq ukoll – l-aktar dawk b'erba' werqiet bħall-kampjun li kienet tatu Emily. Ħassu ridikolu qabel daħal jorqod, iqiegħed ix-shamrock fuq il-mejda ta' maġenb is-sodda bħalma kienet ordnatlu t-tfajla, bħallikieku dik il-biċċa silla kellha xi kapaċità sopranaturali. Għax Nigel ma kienx superstizzjuż.

Filgħodu kif stenbaħ, madankollu, sab jistennieh lil Paddy. Twil biss madwar tliet piedi, il-leprechaun kien liebes kollox aħdar, u f'saqajh kellu żarbun iswed minn dawk tal-bokkla. Wiċċu ruxxan kien mistoħbi taħt daqna

ġinġrija. Lil Nigel qallu li x-xorti kienet tbissmitlu. Il-ħaxixa li tatu Emily kienet ħadmet tassew!

Dakinhar il-bank ta' Nigel baqa' battal, u l-lezzjoni fuq l-għajta politika fil-kitbiet ta' W. B. Yeats saret mingħajru. Iż-żagħżugħ, għatxan għall-kaldarun mifqugħ muniti li kien iddeskrivielu Paddy, intasab wieqaf fuq l-irdumijiet ta' Moher, ħarstu ffissata lejn il-qawsalla. Dehret tibda minn xi mkien ġol-kampanja, bit-tarf tagħha jwassal dritt għal ġo nofs l-ilmijiet tal-Atlantiku. Kien proprju dak il-punt li ħeġġu jilħaq Paddy, ġaladarba ried isir sinjur. "Jew ma temminnix?" nibxu l-ispeċi t'għafrit, u Nigel daħaq, għax xejn mill-ħwejjeġ li kienu seħħewlu matul dawk l-aħħar sigħat ma kien fil-fatt jitwemmen.

Il-ġisem bla ħajja taż-żagħżugħ intlemaħ ma' nżul ix-xemx minn sewwieq ta' dgħajsa vojta tal-kruċieri; skoperta verament tal-waħx, li qanqlet ferment sħiħ mal-kosta kollha, u li ħalliet lis-sewwieq tal-inġenju taħt xokk. L-uniku ħsieb li kkonslah kien wiċċ it-tfajla sabiħa li ltaqa' magħha l-jum ta' qabel, u r-rigal ċkejken li kienet għaddietlu f'forma ta' silla b'erba' werqiet.

# L-għażla

## Simon Bartolo

Leigh kellu wiċċu tad-daqqiet ta' ħarta. Hekk, malli ssir tafu jkollok aptit iċċapċaphielu f'wiċċu, qabel ma biss ikun għadu għamel jew qal xejn. Ħafna nies għandhom wiċċhom tad-daqqiet ta' ħarta, imma Leigh l-aktar wieħed. Xorta b'daqshekk ma naħsibx li kien ħaqqu jmut.

L-imqass kien għadu mwaħħal f'sidru u aħna konna kollha bilwieqfa mdawrin miegħu. Ħadd ma qal xejn; allura ħassejt li għandi ngħid xi ħaġa jien biex nikser is-silenzju terribbli.

"Qisu ma tantx ħariġlu demm, hux?"

L-oħrajn ħarsu lejja b'espressjonijiet ta' diżgust jew divertiment. Glenn u Claire tkellmu f'daqqa. Wieħed qalli, "Int bis-serjetà?" waqt li l-oħra qaltli, "Aqtagħha, Dan!"

Jiena għedtilhom li normalment b'daqqa ta' mqass daqshekk kbir suppost li jkun hemm ħafna iktar demm minn hekk.

"Normalment meta?" staqsiet Claire b'sarkażmu salvaġġ. "Kull meta tinzerta li xi ħabib tiegħek jaqla' daqqa ta' mqass f'qalbu, jiġifieri?"

"Leigh ma kienx ħabib tiegħi," għedtilha minn taħt l-ilsien.

Claire faqqgħet daħqa sfurzata, esaġerata. U Stef qalet li x'aktarx l-imqass kien qed iservi ta' tapp. "Naħseb li jekk inneħħulu l-imqass tgħidx kemm joħroġ demm."

"Dażgur," qaltilha Claire wara li lestiet mid-daħq, "u se tneħħihulu int?"

“Le, I’m just saying, hux,” weġbitha l-oħra.

Iż-żewġ tfajliet ħarsu lejn xulxin għal ftit sekondi u mbagħad reġgħu tefgħu ħarsithom fuq Leigh. Kollha konna nafu li kien għamel magħhom it-tnejn li huma. Hu kien il-playboy tal-grupp. Glenn kien jgħir. Jiena le. X’għala biebi ma’ min jorqod Leigh! X’għala biebi minn kulma jagħmel Leigh! Issa ma kien se jagħmel xejn iktar, mid-dehra.

Kollha konna qed inħarsu lejn dak il-katavru żagħżugħ, qisna qed nistennew xi ħaġa mingħandu. Forsi li l-imqass jinbeżaq waħdu u mill-ferita li jħalli warajh tibda ħierġa xmara lava ħamra-sewda. Ovvjament dan ma ġarax, u wara ftit Glenn qal, “Owkej, guys, min qatlu?”

“Ara l-ieħor!” qaltlu Stef. “Għalfejn qed tħares lejja?”

“M’iniex inħares lejk, Stef.”

“Tiċċajta!”

“Lej’ kulħadd qed inħares, owkej?”

“Owkej, mela,” qaltlu Stef. “Ħares.”

Claire qalet, “U kieku stess kont jien taħseb li se ngħidlek?”

“E?” qal Glenn, xi ftit maħsud.

“Mela! Ngħidlek, ‘Iva, tafx, jiena qtiltu. Ċemplu ’l-pulizija issa ħalli jiġu jarrestawni, ħa.’” U ħarġet idejha t-tnejn quddiemha bil-polz tax-xellug imiss ma’ tal-lemin, qisha qed tistieden lil xi ħadd iwaħħlilha l-manetti.

Vera, tassew: ridna navżaw lill-pulizija!

“Daniel,” qalli Glenn, “inti qtiltu?”

“X’inhu?!” Dan għalfejn kien qed jistaqsini b’mod daqshekk dirett, issa?

“Mistoqsija sempliċi, Daniel,” insista Glenn. “Iva jew le.”

“Le!” għedtlu jien bla tlaqliq. “Għalfejn għandi noqtlu?”

“Eqq, man, mhux int dak li dejjem tgħid li jkollok aptit tfajjarlu daqqa f’nofs wiċċu?”

“Iva, mela,” għedtlu jien, “imma daqqa ta’ ponn f’nofs wiċċu mhijiex daqqa ta’ mqass f’nofs sidru, hux!”

Glenn u Claire reġgħu tkellmu fl-istess ħin. Hu qal, "Mhux hekk!" mentri hi qalet, "Għandu punt."

Kienu qed iwaħħlu fija bla ma għamilt xejn. Forsi aħjar naqbad inwaħħal fihom jien ukoll.

Imma kif kont se naqbad nispara l-akkużi tkellmet Stef. "Irridu nagħmlu xi ħaġa."

"Eħe, ġenja?" qaltilha Claire. "X'tissuġġerixxi nagħmlu?"

"Eqq, ma nistgħux noqogħdu hawn, bilwieqfa madwar mejjet u niskantaw bla ma nieħdu azzjoni."

Claire nfexxet tidħaq u żżomm żaqqha. Din id-darba d-daħq kien ġenwin imma xorta esaġerat. Bdiet tipprova tgħid, "Niskantaw bla ma nieħdu azzjoni" imma tant bdiet tgħarraxha din il-frażi li lanqas biss felħet tgħidha, allura kull meta tibda dejjem tieqaf bejn wieħed u ieħor wara "bla" jew "bla ma".

Kienet esperjenza affaxxinanti nħares lejn Claire mogħxija bid-daħq b'kuruna bżieq ħierġa minn ħalqha u Leigh mejjet ħdejn saqajha bi mqass kbir ħiereġ minn sidru, bi ftit li xejn demm. Esperjenza li bdiet tgħarraxni, fil-fatt. Tgħarraxni tant li spiċċajt nidħaq jien ukoll. Bdejt nidħaq qisni miġnun. U wara ftit sekondi anki l-oħrajn kienu qed jidħqu. Konna qisna erba' mġienen nidħqu daħq oxxen bla ma nafu għaliex. Spiċċajt għarkupptejja mal-art, maġenb ras Leigh.

Domna nidħqu xi sagħtejn, jew forsi minuta, ma nafx. Meta fl-aħħar waqafna għedtilhom li rridu mmorru ngħidu lill-pulizija.

"X'ngħidulhom?" staqsa Glenn.

"Mhux dwar id-delitt?" għedtlu jien.

Claire kienet pronta għajtet, "Id-delitt!" Mid-dehra din il-kelma għarrxitha wkoll u reġgħet qabdet tidħaq. Did-darba ħadd ma daħaq magħha.

"Eħe, l-għaref?" qalli Glenn. "Trid li mmorru għand il-pulizija b'dawn l-għajnejn?"

"X'għandhom għajnejk?" staqsejtu jien bl-innoċenza kollha.

"Għajnejja, għajnejk, għajnejna kollha, man," għajjat Glenn. "Taf kemm nidhru li aħna ttrippjati? Il-pulizija se jindunaw mill-ewwel."

Claire waqfet tidħaq.

“Jien nista’ nidher normali,” qalet Stef.

“X’jiġifieri?” staqsietha Claire.

“Naf nirreċta biex nidher normali meta nkun ittrippjata. Ħadd ma jinduna.”

“Eħe?” kompliet Claire. “U bħalissa mingħalik li qed tidher normali?”

“F’liema sens?” staqsejt jien, filwaqt li Stef iddefendiet ruħha li bħalissa ma kinetx qed tipprova tirreċta.

Claire għażlet li tirrispondi lili. “Fis-sens li kieku konna normali bħalissa taħseb li qed nidħqu hawn u niddiskutu kemm għandu joħroġ demm minn daqqa ta’ mqass f’qalb ġuvni ta’ wieħed u għoxrin sena?”

“Vera,” weġibtha jien. “Le, kieku diġà ċempilna ’l-pulizija.”

“Le!” għajtet Claire. “Kieku konna verament f’sensina konna nwerżqu malli naraw lil seħibna mejjet b’daqqa ta’ mqass. Konna nieħdu qatgħa, konna nkunu xxukkjati, konna niġġennu bil-biża’, konna… konna nħarsu madwarna mwerwrin għax forsi l-qattiel għadu hawn u se joqtol lilna wkoll!”

U dak il-ħin, donnu biex juri li Claire kellha raġun, Glenn qabad iwerżaq. Wara sekonda ċkejkna qabdet twerżaq Stef ukoll u mbagħad Claire. Ma flaħthomx iwerżqu kollha madwari; allura tlaqt.

Bdejt niġri u l-ħsibijiet bdew jiġru aktar minni. Forsi Leigh kien qatel lilu nnifsu; forsi għalhekk ma tantx kellu demm. X’għandu x’jaqsam? Leigh kellu għalfejn joqtol lilu nnifsu għax… għax kellu kollox, mhux bħali. Jien għalfejn għandi noqtol lili nnifsi? La tfajliet u lanqas flus ma kelli, la kont hot u lanqas cool bħalu. Jien ma kelli xejn, ma kelli ebda raġuni noqtol lili nnifsi; jekk għandi noqtol, noqtol lil ħaddieħor… lil xi ħadd bħal Leigh, pereżempju.

Inqatagħli nifsi iżda bqajt niġri għax ma flaħtx nieqaf iktar milli ma flaħtx niġri. L-art inbidlet. Minn ħamrija saret blat u minn blat saret ramel. It-twerżiq ġie miegħi. Immur kemm immur ’il bogħod ma stajtx neħles minnu. Bqajt nismagħhom viċin wisq iwerżqu lil sħabi. Imbagħad indunajt li kont jien stess li qed inwerżaq. Kont qed niġri u nwerżaq, allura waqaft. Ma ġrejtx iżjed u ma werżaqtx iżjed.

Ħassejt saqajja mxarrbin u ħarist ’l isfel. Kienet mewġa li ħarbet tiġri malli indunat li rajtha. Bqajt inħares sa ma reġgħet ġiet. Għedtilha, “Qbadtek!” Imma reġgħet żgiċċatli. Ta’ għaref li jien iddeċidejt niġri warajha u malajr sibt ruħi sa sidri fl-ilma, bir-ramel jerdagħli l-qiegħ ta’ saqajja.

Lanqas biss kont ħassejtu kiesaħ l-ilma u s-soltu tgħidx kemm nagħmel għaġeb. Bdejt nogħrok idejja kemm niflaħ fl-ilma biex inneħħi d-demm li ma kellix. Dak x'kien fettilli ġibt l-imqass? Tgħid kont jien li qtilt lil Leigh? Tgħid dawk id-drabi kollha li kont rażżant lili nnifsi milli nċapċaphielu f'wiċċu akkumulaw biżżejjed biex inniffdu bi mqass? Naħseb li l-pulizija ma kinux se jemmnuni, però, li għamiltha f'saħna ta' demm il-ħaġa. La ġibt l-imqass miegħi mid-dar sinjal li kont ippjanajtha minn qabel. Illà, se nqatta' għomri l-ħabs minħabba ċuċata!

Ċuċata? Leigh kien mejjet; din ma kinetx ċuċata. Kont naf li din ma kinetx ċuċata avolja ħadd ma kien se jiddispjaċih għal Leigh. U iva, forsi ommu. U forsi lanqas hi, daqskemm kien qżież. Kien qżież biżżejjed li… li forsi niffed lilu nnifsu bl-imqass tiegħi biex jibgħatni għomri l-ħabs. Ja mgħarraq l'hu!

Imma kont jien l-imgħarraq għax kelli rasi taħt l-ilma. Le, ma kontx qed negħreq. Kont għodost naqra, dak kollox. Din kienet sempliċiment majnata u tgħaddi bħall-majnati l-oħrajn kollha ta' ħajti.

Kien donnu qed ibexbex u bdejt nisma' bħal vuċijiet mill-bogħod. Ħarist lejn il-bajja u indunajt kemm kont ħriġt 'il barra. Rajt lil sħabi 'l bogħod, ixejruli minn fuq ir-ramel, u smajthom isejħuli, "Daniel! Daniel! Daniel!"

Bdejt ngħum lura lejn il-bajja, lura lejn l-inkwiet li kien se jiblagħni malli nasal. Ikla ħabs, qrati, avukati… Qtajt qalbi.

Ma kellix ħeġġa nkompli. Kont sospiż bejn sema u ilma. Għalfejn kont ngħum lura kull darba u nħabbat wiċċi mal-għawġ li dejjem kien ikun qed jistennieni? Għalfejn għandi noqgħod ngħumha lura sempliċiment biex jarrestawni malli nasal u jaqfluni f'ċella Kordin? Jiġu huma jekk iridu. Jien se nibqa' hawn, ingawdi s-sajf, ingawdi ħajti, ingawdi t-tripp.

Lanqas biss kont għadni ħallastu tat-tripp lil Leigh. Issa jarah Alla, insomma.

Imteddejt wiċċi 'l fuq fl-ilma, inħares lejn il-qamar, li kien qed jiżvinta bil-mod il-mod. Aħħ, man, xi pjaċir b'dak l-ilma frisk bejn is-swaba' ta' saqajja! Dik id-daqsxejn ċaqliqa tal-mewġ li bdiet tbenninni qisha xi omm għażiża. U rajtha fis-sema. Rajt dak il-wiċċ sabiħ, delikat, mimli dawl. Dik ommi? Għalfejn ommi qatt ma bennitni hekk? X'kelli inqas minn ħaddieħor? Fejn kienet ommi? Min kienet? Tgħid xi darba għad tfittixni? Għad niltaqa' magħha?

Id-dawl li kien qed jiddi mill-wiċċ tal-omm kien qawwi ħafna. Qawwi wisq. Ma flaħtx inkompli naraha; ħarist lura minflok. U lura rajt lil Stef.

"Ara, dan l-imqass ta' ommi," qaltli Stef.

"Illostra x'inhu kbir!" għedtilha jien.

"Dak tal-ħjata. Ommi ħajjata. Qatt ma għedtlek?"

"Iva, ġieli għedtli, imma ma kontx naf li kellha mqass daqshekk kbir."

"Aqbdu," qaltli.

"Għalfejn?" staqsejtha jien.

"Ħalli tara kemm hu tqil."

Ovvjament.

"Illostra x'inhu tqil!" għedtilha. "Dan għalfejn ġibtu miegħek hawn?"

"Kemm tistaqsi mistoqsijiet, ħej!" qaltli Stef.

L-omm kienet qed tbenninni wisq bil-goff issa u ma tantx bdejt nieħu pjaċir bl-ilma mielaħ li beda dieħel f'ħalqi u f'għajnejja.

Kien għadda ħafna ħin, naħseb... jew forsi le; ma nafx. Ħarist lejn il-bajja u ma rajt lil ħadd. Kieku kien sar il-ħin kien ikun hemm ħafna nies fuq il-bajja. Ħafna nies u kuluri u storbju u rwejjaħ. Imma ma kien hemm ħadd... u fuq kollox kien għadu d-dlam. Dlam differenti, però. Dlam griż, mhux iswed. Ħarist 'il fuq u daħlet taqtira ħoxna f'għajni.

Istra, ix-xita! Eħe, u riħ u bard u maltemp. Ovvja li ma jkunx hemm nies fuq il-bajja. Il-bajja kienet ħamra, kienet vjola, kienet vjolenti, kienet vojta. Ma kinetx sabiħa imma forsi aħjar mill-baħar skur imqalleb li kont fih.

Bla ma ħsibtha darbtejn bdejt ngħum lejn ir-ramel. Ridt noħroġ mill-ilma imma lanqas mewġa waħda ma kien hemm favurija; kollha kontra. Kelli naqdef u naqdef u naqdef sakemm ma flaħtx naqdef iżjed. Qtajt qalbi. Kont se negħreq illum, f'għoxx dak l-acid ħażin li kien ġabilna Leigh! Forsi kien ħaqqu jmut. Iddeċidejt li naqta' qalbi u ma noqgħodx nissielet kontra d-destin. Jekk kont daqshekk importanti għall-baħar, mela seta' joħodni. Tajt ruħi; issa hu jaf.

Waqaft naqdef, waqaft nistinka u ċedejt. Kien dak il-ħin li ħassejt ir-ramel jerġa' jipprova jerdagħli l-qigħan ta' saqajja. Kont fejn ilaħħaqli. Qomt bilwieqfa u skoprejt li l-ilma kien jasal sa ftit 'il fuq minn irkupptejja. Ħames passi, sitta u wasalt. Intfajt għarkupptejja u bdejt nibki... bdejt nidħak, bdejt ngħajjat. Kont għadni ħaj. Ix-xita bdiet tfaqqa' fuq rasi. Ħadt pjaċir u domt taħtha.

Kont għajjien u l-ħwejjeġ bdew idejquni mxarrbin.

"Daniel! Daniel!"

Bdejt inħares madwari biex nara min seta' kien qed isejjaħli, imma bix-xita ma stajt nara 'l ħadd.

“Daniel!”

Il-vuċi kienet viċin issa, u stajt nagħrafha. Kienet ta’ ommi.

Missieri qabadli wiċċi f’idejh u staqsieni jekk hux kollox orrajt u ommi għannqitni magħha. Qaltli biex ma ninkwetax. Kollox se jkun sew, kollox se jitranġa. Hi kienet ġiet lura issa. Hi u missieri kienu rranġaw kollox bejniethom. Imma allura għalfejn kienet telqet, staqsejtha? It-tnejn li huma bdew isikktuni u jwennsuni u jmellsuli xagħri sakemm irqadt f’dirgħajhom.

Meta qomt kienet ħarġet ix-xemx. Kont imrammel u mkebbeb qisni bebbuxu. Rasi kienet qed tuġagħni imma bilfors kelli noħroġ mill-qoxra. Qomt bilwieqfa u bdejt miexi. Ħadt pass, tnejn, tlieta… Waqaft għax ftakart li kont għadni ma ħadtx deċiżjoni; kont sempliċiment qbadt miexi fid-direzzjoni awtomatika. Ħarist lura u rajt il-baħar, li issa kien reġa’ kkalma u kien qed ileqq, nadif u blu. Tgħid x’nagħmel? ’Il fejn immur?

Għall-ewwel darba indunajt li kelli għażla. Li minn dejjem kienet hemm l-għażla.

Ħarist lejn il-ħajja dejqa u mdejqa li kelli. Kienet tagħlaqni u toħnoqni. Ma kienet tagħmel xejn ħlief tisraqni mill-enerġija, miż-żgħożija, min-nifs. U issa l-ħajja kienet lesta għalija. Qed tistennieni biex titfagħni ġo gabjetta fejn qatt ma kont se nkun nista’ ngħum iżjed.

Ħarist lejn il-baħar miftuħ u enormi. Il-baħar kien ħieles u sabiħ u l-mewġ kien jidher kuntent, ħiereġ sa fejn tagħti l-għajn.

Bqajt bilwieqfa hemm għal ftit mumenti oħra imma f’moħħi l-għażla kont diġà għamiltha.

# Kif tħossok jgħodd

Maria Camilleri

"Nixorbu bis-saħħa tas-Sur Cassar, il-moħħ wara dan kollu! U aktar!" Il-Ministru fetaħ dirgħajh u dar nofs dawra. Għolla t-tazza bix-xampanja u kulħadd għamel bħalu. Illum kienet qed tiġi inawgurata l-ħames lukanda fil-katina ta' lukandi lussużi fil-gżira tagħna.

Il-mistednin kollha b'pika bejniethom biex jidhru viċin kemm jista' jkun tal-Ministru u tal-personalitajiet distinti l-oħra. Jien wieħed minnhom. Illum, minbarra l-ftuħ tal-lukanda, qed niċċelebra għeluq snini.

Kont qed nieħu gost indur, nirċievi l-kumplimenti, sew sinċiera u sew foloz, ta' dawk kollha li kienu jimlew is-sala u jimlew aktar żaqqhom bl-aħjar u l-aqwa ikel u xorb li kont ħadt ħsieb nipprovdilhom. Hekk kien xieraq, wara kollox. Illum kienet festa doppja.

"Nawguralek, Sur Cassar. Alla jbierek lanqas tidhirhom it-tlieta u sebgħin sena! Tidher għaxar snin iżgħar," qaltli l-ġurnalista li kienet qed tirrapporta dan l-avveniment biex l-għada jidher fuq it-tv. U kompliet bil-mistoqsija stupida li llum saret cliché u li jħobbu jagħmlu f'okkażjonijiet bħal dawn, "Tgħidilna x'inhu s-sigriet kif bqajt tidher hekk tajjeb?" Kelli aptit nibgħatha tixxejjer, imma weġibtha bi tbissima sarkastika, "Ilbes pulit, iżbogħ xagħrek, ħaddem moħħok u, fuq kollox, ibqa' single." Reġgħu daħku. U għandu jkun ma kinitx se tħallini bi kwieti nixrob dik it-tazza birra kiesħa, għax reġgħet ressqet lejn wiċċi dak l-imbierek mikrofonu. "U tgħidilna kif beda dan is-suċċess tiegħek fin-negozju?"

"Issa la qegħdin hawn ma nistax ngħidilkom le, hux hekk?" iċċajtajt jien. "Dak iż-żmien il-ħajja ma kinitx faċli, u kulħadd ried jaqta' bi snienu biex jirnexxi. Konna erbgħa fil-familja: jien, ħija ż-żgħir u ommi u missieri. Ħija

kien għaxar snin iżgħar minni. Konna qisna l-ħabel u s-satal, fejn immur jien, jiġi warajja. Kienu jgħidulna li konna qisna fula maqsuma tant kemm konna nixxiebhu. Peress li kont akbar minnu, kont inħoss li kelli nindukrah. Id-dar qatt ma konna neqsin minn xejn għax missieri kien jaqlagħha tajjeb bħala kuntrattur, jixtri dar u jbigħ oħra, u r-rota dejjem iddur."

Hawn waqqfitni l-ġurnalista. "Skont tagħrif li għandi inti bdejt b'lukanda żgħira fil-Belt, hux hekk?"

"Sewwa qed tgħid, Sinjorina, imma ħa ngħidlek ħaġa li ftit jafuha. Din tal-lukanda ma kinitx xi ħaġa li verament xtaqt nagħmel jien. Fil-fatt l-ewwel xewqa tiegħi kienet li xi darba niftaħ ħanut tal-moda. Dan li qed taraw illum għamiltu b'rispett ta' ħija wara l-inċident li kellu."

Kif lissint l-aħħar kelmiet, id-diskors ta' dawk preżenti waqaf ħesrem u kollha daru lejja ħa jisimgħu sew dak li kelli xi ngħid.

"Inċident? Din ġdida! Issa trid tgħidilna dwaru għax qabbadtna l-kurżità," iċċajta miegħi l-Ministru.

"Ngħidilkom l-istorja fil-qosor għax inkella nżommkom hawn s'għada," għedtilhom.

Il-ġurnalista tatni ħarsa li donnha biha riedet tgħidli, "Ejja, ħa neħilsu, għax jien b'xogħol qiegħda hawn!" U bdejt ir-rakkont tiegħi. "Darba minnhom, bħal sajjetta fil-bnazzi, ġrat xi ħaġa li kissret u ġarrfet il-paċi u s-sliem li kienu jirrenjaw fil-familja. Xi ħadd kien ġie qal lil missieri li ħija kien qed joħroġ ma' tfajla. Meta sar jaf min hi, missieri deherlu li ma kinitx tgħodd għalih. Ikolli nistqarr magħkom li l-ġenituri tagħna kienu tajbin kemm tridhom, imma kienu jaħsbuha donnhom kienu għadhom jgħixu fil-Medjuevu. Biex ma ntawwalx, inqala' pandemonju sħiħ. Għajjat, tgħajjir, tisbit u kliem ħażin, sakemm missieri heddu li jekk jibqa' ma' dik it-tfajla jista' jgħid addijo lil dak kollu li kien se jħalli hu wara mewtu. Ħija bagħtu jixxejjer, b'ġidu u flusu b'kollox, u telaq 'il barra dakinhar stess.

"Dik kienet l-aħħar darba li rajtu ġo darna. Wara xi ftit xhur sirna nafu li kien telaq lejn il-Kanada. Il-kurjuża hi li kien telaq waħdu. Lanqas ħaqq dak l-inkwiet kollu! Jien kont qisni ras maqtugħa, imma darba ħadt l-akbar ferħa ta' ħajti meta n-nanna ġiet għandna u bil-moħbi ta' kulħadd tatni ittra mingħand ħija. Minn dakinhar, bis-saħħa tan-nanna, bqajna nikkorrispondu, mhux spiss imma biżżejjed biex inkunu nafu aħbar xulxin."

Hawnhekk waqaft ftit biex inbill griżmejja b'tazza birra u nduq xi ħaġa mill-ikel li bih beda jdur il-waiter. Il-ġurnalista donnha kienet fuq ix-xwiek, jew biex tara kif kienet se tispiċċa dil-biċċa jew inkella biex tfittex titlaq 'il barra. Lanqas ilħaqt niżżilt ix-xarba li kelli f'idi li ma newlitlix tissue biex nimsaħ xufftejja. Dan ħadtu bħala sinjal li kien ifisser, "Issa kompli!"

"Wara dan kollu ommi ma damitx ħajja. Kienet ħassitha wisq din ta' ħija. Missieri, għalkemm ma tantx kien juri x'kien iħoss, ma damx ma telaq warajha. Jien sibt ruħi waħdi. L-ewwel ħaġa li għamilt ktibt lil ħija u għedtlu li ddeċidejt li nitla' ħdejh il-Kanada u ngħaddi xi ftit żmien miegħu. M'hemmx għalfejn ngħidilkom, ħija ħa gost immens u laqagħni b'idejh miftuħa. Ħija ma kellu rbit ma' ħadd. Kien jgħix waħdu f'appartament imdaqqas. Flimkien dorna u gawdejna kemm flaħna. Il-flus ma kinux problema, speċjalment għalija meta tqis dak kollu li writt. Li kien żgur kien li lil ħija ma kontx biħsiebni nħallih b'xejn, u dan għedthulu għal darba tnejn.

Jum wieħed il-kliem waqa' fuq id-djar tal-moda li xtaqt niftaħ issa li kelli l-mezzi. Ħija ma kienx tal-idea tiegħi u baqa' jsostni li għandi ninvesti f'xi lukanda mbagħad inkompli nkabbar bil-mod. Jien ma ridtx naqla' argumenti u waqafna hemm. Wara kollox dawk kienu flusi u d-deċiżjoni aħħarija kellha tkun tiegħi."

Hawn qabżet il-ġurnalista, "Imma spiċċajt biex ftaħt il-lukanda!"

"Iva," weġibt waqt li ħadt nifs 'il ġewwa, "ħassejtni fid- dmir li naqta' xewqet ħija. Wara kollox hu kien li salvali ħajti meta waqajt minn fuq il-lanċa. Kieku ma qabiżx għalija hu…"

Waqaft għal ftit u baxxejt għajnejja 'l isfel, lejn iż-żarbun ileqq li kont liebes. Ikolli ngħid ħassejtni ftit kommoss. Xi ħadd ġabli x'nixrob.

U komplejt bil-ġrajja. "Din id-diżgrazzja tatni ġewwa wisq. Ma kien fadalli lil ħadd, la Malta u lanqas imkien. Iddeċidejt li nibqa' hemm. Ħassejt li kelli nkun viċin ħija u nibqa' ngħix il-memorja tiegħu. U xahar wara xahar, u senawara sena, qattajt parti kbira minn ħajti f'dik l-art li serqitli lil ħija ż-żgħir. Għoxrin sena minnhom għaddejthom naħdem f'lukandi lussużi f'diversi partijiet tal-Kanada. Imma sewwa jgħidu, bħal art twelidek ma ssib imkien, u wara daż-żmien kollu rġajt lura lejn għeruqi. Issa kont kbirt sew fl-età, imma n-negozju kien ġo demmi. U għamilt l-ewwel pass. Imma ma kienx in-negozju tal-moda li bdejt. Ridt li sseħħ il-ħolma li kellu ħija. U xtrajt l-ewwel lukanda. Il-kumplament tafuh."

U hawn waqaft. Kien hemm mument ta' skiet li nkiser f'daqqa waħda minn applaws kbir u kliem ta' prosit u tifħir għal dan il-ġest nobbli li għamilt b'rispett ta' ħija.

"Grazzi ħafna. Grazzi lil kulħadd u verament napprezza li attendejtu għal dan l-avveniment, li kien ċelebrazzjoni doppja."

Il-Ministru ħadli b'idi u reġa' awgurali aktar suċċessi, aktar saħħa u aktar snin twal fuq it-tlieta u sebgħin li diġà kelli. Għax wara kollox, iż-żmien x'inhu? Mhux kemm għandek jgħodd imma ta' kemm tħossok.

* * *

U ċertament din kienet il-verità. Kelli nżid għaxar snin oħra mal-età tiegħi dakinhar li mbuttajt lil ħija minn fuq il-lanċa. Il-bqija ma kienx diffiċli. Konna nixxiebhu wisq, tant li ħafna drabi kienu jitfixkluna wieħed mal-ieħor. Apparti dan, jien kont magħmul aktar kabbari minn ħija, avolja dan kien ikbar minni. U meta kbirna, id-differenza fl-età ftit li xejn kienet tidher. Kulma kelli nagħmel kien li neħodlu l-karta tal-identità, tiegħi nitfagħha l-baħar warajh u nibdel ismi, biex imbagħad stajt nakkwista l-wirt li ħalla missieri.

Kieku baqa' ħaj ħija l-kbir, żgur li kien se jibqa' jsostni li jiftaħ dawk id-djar redikoli tal-moda. Qatt ma basar x'għira kont inħoss għalih meta kont nara kif hu spiċċa b'dak il-ġid kollu waqt li jien kont itturufnat f'dik l-art imbiegħda, naqlagħha u nikolha! Qatt ma basar x'għira ħassejt għalih dakinhar li rajtu quddiemi kif wasal l-ajruport, liebes l-aħjar ilbies tad-ditta, bi bwietu mimlija liri! Kien ġie biex jara fiex kont. Qalli li ma kienx se jħallini b'xejn, tarax! Ħaseb li kont se nkun kuntent ngħix fuq il-karità li kien biħsiebu jagħtini. Ħasibni li kont għadni dak ħuh iż-żgħir, dejjem niġri warajh bħal ġeru fidil. Jien ridt dak li kien tiegħi, u bis-sewwa jew bid-dnewwa kont determinat li nieħdu. Ferrajt tazza xampanja. Kienet xampanja fina, tal-aqwa kwalità. Dejjem ħabbejt il-lussu ta' ħajja komda. Tellajt it-tazza lejn ħalqi u ħadt gost inħoss il-bżieżaq ifexfxu, jogħlew ma' xufftejja u ma' mnieħri u jinfaqgħu, l-istess kif infaqgħu l-bżieżaq tal-ħolma tal-għażiż ħija l-kbir. U xrobt bis-saħħa ta' ħija. U bis-saħħa tiegħi wkoll. Kont inħossni tajjeb. Ma kontx inħossni ġurnata waħda fuq it-tlieta u sittin!

# Straxxnani minn hawn

Adrian Grima

It-tifla riedet teqridhomlu. Ma setax ineħħi l-ħsieb minn moħħu. Tieħu vantaġġ mill-fatt li kien qiegħed maqful hemm, ħabsi fil-libertà ta' kamartu. Tagħmel dak li kienet ilha biex tagħmel żmien.

Ma setax jifhem għalfejn. Qatt ma kienet tifla ħażina. Qatt ma ra azzjoni ħażina mingħandha. Dejjem sabha meta riedha. Dejjem ħalliethom bi kwiethom wara l-ħġieġ. Qatt ma fetħithom, veru. Imma qatt ma missithomlu. Allura issa għalfejn? Għalfejn din il-viljakkerija kollha? Il-ħabi. Il-maniġġi minn wara dahru. X'taha? Bilfors għax tbiegħdet mit-triq it-tajba. Ma kinitx tifla ħażina. Imma ruħ waħda għandna. U r-ruħ trid min jitmagħha.

- Kif inti, pa?
- Gloria?
- M'għaraftnix, pa?
- Gloria?
- Iva, Gloria, pa. M'għaraftnix?
- Għaraftek, għaraftek.
- Kif inti, pa?
- U insomma!
- X'għandek?
- Ma nistax inkun tajjeb, hux, binti.
- Imma ġralek xi ħaġa? Għandek id-deni?
- Deni biex noħroġ minn hawn ġew għandi. Qtugħ ta' nifs!

- Għandek raġun, pa.
- Ma nafx għalfejn qafluna ġewwa.
- Mhux 'ħabba l-virus, pa? Mhux aħjar ġewwa?
- U le, x'aħjar, binti!
- Mhux aħjar ma tissugrax?
- Xi trid tissogra? Mela jien fadalli x'nissogra?
- Xi trid? Tispiċċa l-isptar intubat?
- Issa mhux l-aħħar niżla fadal?
- Toqgħodx tgħid hekk, pa.
- Mela xi tridni ngħid?
- Uuu…
- Aħjar tlaqt m'ommok.
- Tgħidx ereżiji.
- Almenu kien ikolli ma' min ngħid kelma.
- Pa…
- Avolja ma kinitx tħallini nfendi waħda.
- Alla jaħfrilha.
- Almenu kien ikolli l-kumpanija.
- Ta' ħdejk baqa' ma jitkellimx?
- Dejjem rieqed, Gloria.
- Issa daqt se jerġgħu jiftħu, qed jgħidu.
- Kieku tlaqt magħha straħt jien u serraħt lilek.
- Inkun nista' niġi narak.
- U jekk għext ħajja tajba, bħalissa ġa qiegħed il-ġenna.
- Inkunu nistgħu nerġgħu nibdew noħorġu ftit.
- Magħha.
- Imqar immorru dawra bil-karozza.
- Bilqiegħda fuq it-terrazzin tal-ġenna.
- Qed tismagħni x'għedtlek, pa?

L-aħħar li kellmitu kienet beżqitha, skużi l-espressjoni. Lanqas tistħi!

- Għalfejn qed teħodha hekk, pa?
- U mela kif tridni neħodha?
- Mhux ftit kotba dawn?
- Ftit kotba.
- Ftit kotba.

- Għalik ftit kotba.
- U mhux ftit?
- Mhux ġa tkellimnieha din?
- Għal ftit kotba da' kollu?
- Għalija mhux ftit kotba!
- Naf li għal qalbek, pa.
- Dawk kienu tan-nannu.
- Naf.
- Fdahomli.
- U inti ħadt ħsiebhom. Qishom uliedek.
- Qalli, 'Ibni, dawn issa f'idejk. It-tarka ta' ruħek.'
- Naf, pa.
- Hekk qalli, 'It-tarka ta' ruħek'.
- U hekk għamilt.
- Qisu lbieraħ.
- Naf, pa.
- Ruħ waħda għandi, binti.
- Imtlew kollha susa u kamla, pa. Ġibt wieħed biex jarahom u qalli, 'Aħjar tarmi kollox, Sinjura. Agħlaqhom ġo borża u armi kollox.'
- Mitt ktieb!
- Li kien għalih ġol-istretch and seal.
- Hemm minnhom żewġ gwerer raw!
- Qalli, 'Anki l-vetrina armi. Kollox.'
- Rebħu żewġ gwerer u tilfu l-gwerra l-kbira.
- Qed tismagħni, pa?

Dawk kienu qed ituha f'għajnha. Ftit kotba sofor f'vetrina. Taħt it-taraġ. Tridx iddaħħalha fil-garaxx? Ibattlu l-kotba. Ineħħu l-ixkafef tal-ħġieġ. Iqegħduhom fuq il-mejda tal-pranzu. Forsi jagħtuhom mesħa, la jkunu fiha. Jerfgħuha minn daharha, bil-bibien tal-ħġieġ magħluqin biċ-ċavetta. Għall-ġurament. Idaħħluha fil-garaxx. Fuq wara. Taħt ir-raff. Jagħtuha passata Cuprinol. Iħalluha tinxef. Passata oħra. Jerġgħu jarmaw l-ixkafef tal-ħġieġ. Iqiegħdu l-kotba lura f'posthom. Tfarfira fil-bitħa qabel ma jdaħħluhom. Għall-ġurament. U jqegħduhom lura f'posthom. Kif ħalliehom il-papà. Skont id-data. Mhux skont l-isem jew skont id-daqs. Skont id-data. Biex in-nanniet ma jiġux qabel il-bużnanniet. Trid xi għerf? U kultant joħorġu ktieb u jqallbu l-paġni s-sofor. Biex jieħdu n-nifs. Biex jaraw ftit arja. Trid xi għerf? Ċertu għerf ma jmut qatt. U r-ruħ trid min jitmagħha. Qisha tarbija. Hekk kien jgħidlu missieru.

*14 ta' Settembru 2020*

Għażiża Gloria,

Iddeċidejt li niktiblek.

Kemm ħadt pjaċir bil-ktieb li bgħattli, binti! Kienet sorpriża kbira. Kif kont taf li dak l-iktar wieħed għal qalbi?

Kien ilu tlitt ijiem li wasal qabel ma tawhuli. Minħabba l-mikrobi, qaluli. Imma l-akbar mikrobu hawn ġew mhux il-mard, Gloria. Qed tifhimni? L-akbar mikrobu huwa l-mard tal-ispirtu. Qafluna hawn ġew u flok qatilna l-mikrobu tal-ġisem qed joqtolna l-mikrobu tal-ispirtu.

Jekk tipprova ċċempel mhux se taqbad. Qed tifhimni? Toqgħodx tipprova. Hawnhekk kulħadd ras maqtugħa. Għax meta taqta' r-ras, il-bqija tal-ġisem tibda tferfer qisha ruħ mitlufa. U d-dinja qatgħet ir-ras, Gloria. Kulħadd jaqdef għal rasu u nqtajna mir-ras, li tmexxi l-ħolqien kollu. Mill-iċken insett sal-ikbar moħħ.

Dalgħodu rġajt qbadt naqra fuq San Makarju Eremita. Fis-sengha tighu, Macariu ma nesiex l'Alla, anzi actar ma chien jicber fiz-zmien, actar chien jiffortifica ruhu fil grazzia divina, bil ghajnuna tal hajja ghakliha, irtirata u kaddisa. Qed tifhem x'jien ngħidlek, Gloria? Supperv il-bniedem, u kixef id-dgħufija tiegħu dal-virus.

Inti ma kontx hemm meta l-pulizija ~~ġew għal missieri~~ ġabru lin-nannu. Kont għadek lanqas twelidt. Ġieli għedthielek l-istorja? Kont imbikkem dakinhar. Avolja kont naf li ġejjin għalih. Qabel ma ħaduh qalli, 'Ibni, tħallix id-dinja tixtrilek ruħek. Tagħmilx bħali. Li għamilt għamiltu għalikom, Manuel. Imma poġġejt il-ġid tad-dinja qabel il-ġid tar-ruħ. U tlift ruħi.' U mbagħad ħares lejn dik il-vetrina u qalli, 'Mhux id-dinja trid tmexxik, ibni. Id-dinja serp. L-ewwel ~~tmexxik~~ tiġbdek warajha, u mbagħad, xħin tkun aljenat, tibilgħek. F'nifs wieħed. L-ewwel ir-ras u mbagħad il-ġisem.' Macariu lill gisem tighu chien jicconsiderah bhala l'acbar ghadu tighu, il ghaliex Hua chien igheid, li hu uisk habib mad demonju.

Meta uasalt fiz-zghozia tighi u rajt il cbar pericoli li chienu jinsabu fis società, bdejt nitlob l'Alla li jehlisni minnhom. Il meut kerdet il genituri tighi u ghaunech bdejt nahseb chif ninhal mid dinja. Ma mortx fl-eremitaġġ bħal Makarju. Kif stajt? Imma issa mara inti. U taf kemm-il darba kelli bżonn eremitaġġ meta inti kont qed tikber? F'dik il-kamra. F'dik il-vetrina. 'Il bogħod minn ommok. ~~Għaliha, meta twelidt int, stajt bqajt fl-eremitaġġ għal dejjem~~.

*16 ta' Settembru 2020*

Għandi ħafna xi ngħidlek, binti.

Malaya iktar kwieta mis-soltu dalgħodu. Tgħid it-tfal reġgħu ma jifilħux? Iż-żgħira ftit marradija, naħseb. Is-soltu Princess tielgħa u Princess nieżla. Forsi ċemplitilha ommha. Kemm qaltli li hemm differenza bejn hawn u hemm? Sitt sigħat? Mela bħalissa Manila waranofsinhar. Jekk kellha d-deni, jaf issa jerġa' jibda tiela'.

Meta kont tkun marida, Gloria, ix-xogħol ma kontx inkun naf x'qed nagħmel. Kien jarani nerfa' r-receiver l-imgħallem, u ndawwar in-numri, u kien ikun jaf mingħajr ma ngħidlu. Ma kien jgħidli xejn. Fejn tidħol il-familja qatt ma kien jgħid xejn.

Nistaqsiha xi ġralha. Ninduna li qed inkellimha bil-Malti. Imma xorta tifhimni. Malajr jitgħallmu dawn. 'Kellimni bil-Malti,' kienet tgħidli fil-bidu, 'ħa nitgħallem.' U jien kont inkellimha bl-Ingliż. Imma kultant kont ninsa, u nkellimha bil-Malti.

Issa m'għadhiex titbissem. Bilkemm għadha tkellimni. U ~~bil-maskra~~ ma nistax nidraha bil-maskra. Qabel ma daħal il-mikrobu kont nara t-tbissima tagħha kullimkien. Anki wara li toħroġ mill-kamra. 'Bonġu, Manuel. Kif inti dalgħodu?' Kienet tgħallmithom fil-kors, dawn il-frażijiet. Imma t-tbissima kienet toħroġ waħedha. Mingħajr sforz. Tinduna. Kienet tgħidli, 'Inċemplulha? Trid inċemplulha lit-tifla?' Għalik, jiġifieri. Kont niddejjaq ngħidilha le. Għalhekk ġieli ċempiltlek f'ħinijiet strambi.

Meta għalqu kullimkien l-ewwel darba, f'Marzu, l-atmosfera nbidlet. Kienu jagħmlu ħmistax hawn. Ma joħorġu xejn. Kellhom kamra għalihom. Ħmistax maqfulin hawn ġew. Kulħadd imwerwer mill-anġlu tal-mewt li ma jidhirx.

Naħseb li ma setgħetx tidra l-għeluq. Għamlu żmien kienet ~~toħroġ~~ tinżel tqatta' ftit minuti fil-parapett. Qalb id-dħaħen tas-sigaretti. U tal-karozzi. Ġieli rajtu l-parapett? Ġieli tajt kas int u dieħla? Ma tistax għalihom is-sigaretti. Imma l-ħaddiema l-oħra, imsieken, hemm min ikun ~~imlebleb~~ mejjet għal sigarett.

Aħna konna diġà qisna ħrief għall-qatla. Nistennew tnejn tnejn biex naraw lil min kienu se ~~jiġbru~~ jieħdu l-ewwel.

F'Lulju, meta bdew ineħħu r-restrizzjonijiet, bdejna nieħdu r-ruħ. Bdejna niltaqgħu għall-ikel, almenu. Tas-sular tagħna biss. Imma almenu tiltaqa'. Ġieli xi breakfast fuq il-bejt. Ġieli naqsmu kejk ta' xi birthday.

Imbagħad daħal ~~ġewwa~~ l-anġlu tal-mewt. F'kull rokna. Sa ġewwa nett. U għadna ma ħadniex ir-ruħ. Qed jagħmlulna t-test kull tlitt ijiem. Idaħħlu l-istikka b'dak it-tarf u jdawru u jgħawru sa ġriżmejk. Sakemm jisolħuk u jdardruk u tkun trid tagħtas jew taqla'. Ħdejn it-tgħakkis ta' San Makarju mhu xejn.

Ma nafx kif daħal hawn ġew. Ġabu xi ħadd miegħu bilfors. Ma nafx min. Kien min kien.

Issa ġera ma' kullimkien u ma ~~tarax~~ nafux fejn miss u fejn ma missx. Nixtieq nimmortifica s sensi tighi. Mhux minħabba l-mikrobu. Biex nibda nissaffa. Nghejx sconoxxiut fid dinja, biex l'Alla biss noghgiob. Imma s-sensi tiegħi dgħajfin, Gloria. Bħal tal-papà.

*17 ta' Settembru 2020*

Ma tridx tgħidli x'inhu jiġri, Malaya. Kulma nsaqsiha tgħidli biex nibqa' fil-kamra u ma ninkwetax. Kollox fil-kamra. L-arja kkundizzjonata qed tifgani. Issa ili ma naraha titbissem mill-Vitorja. Meta ngħidilha biex jiġu jiftħulna t-tieqa tgħidli li se tgħidilhom. U mbagħad, wara xi ġimgħa, tgħidli li ma tista' tagħmel xejn. Li mar-regoli rridu nimxu. Ghalxein chien it talb tighi il ghaliex flahhar chelli nobdi.

Gloria, meta ~~ġejja tarani~~ ġejjin tarawni?

Biex tagħmlu appuntament tridu ċċemplu. Tasal sal-kanċell, iċċempel, ifittxuk fil-lista u jekk isibuk jiftħulek. Tinsiex l-ID Card. U l-maskra, ovvjament. Persuna waħda. Naraw 'il xulxin mill-bogħod. Bil-perspex bejnietna. Aħjar minn dal-ħġieġ li qatt ma jinfetaħ. Lanqas qed jiġu jaħsluh. Kollu ~~mdellek~~ mdennes. Min jaf kemm hawn mikrobi fih! ~~Gloria,~~ Taf x'kont qed ngħid, Gloria? Kont qed ngħid issa l-anġlu tal-mewt ~~maqbud~~ maqful magħna. Hawn ġew. Jiġri minn ċella għal oħra. Bl-arja kkundizzjonata. U bix-xewqat. Kif tista' ~~traqqad~~ trażżan ix-xewqat, Gloria, binti~~?~~. Mitt ruħ ruħhom marida. Bil-ġisem ~~umiljat~~ mortifikat. X'ma jiġrix il-mikrobu f'dan is-skiet?

*18 ta' Settembru 2020*

Almenu għandi *Il Hajja tal Kaddisin tas-sena colla*. Tiftakru dan, pa? Miġbura minn diversi cotba sagri u irrangiata fl'ilsien tghana minn Saverio Mifsud. Editur u proprietariu. Stamperia "Mifsud" 62 Strada Sant'Ursola, Il Belt. 1920. ~~Dis-sena jagħlaq mitt sena.~~ Mitt sena dis-sena, pa. Kienu

jistampaw sabiħ dak iż-żmien. Qed inġibek quddiem għajnejja b'dan il-ktieb f'idejk, pa. Kieku min jaf kemm tkun kburi bih. Il-vetrina suppost hemm għadha, pa. Jekk ma neħħithiex. Mhux ħaruf dal-ktieb. ~~Dan ġellied~~ Suldat t'Alla dan. Tarka tat-tajbin.

Jien ma rridx inwassal sa mija. ~~Ġo ċella.~~ Qisni ħaruf li qabiżlu ż-żmien tal-qatla. Meta jkunu jridu jiġu għalija għedtilha, 'Malaya, iftħilhom ħa jidħlu. Ħa jġorruni 'l barra minn hawn!'

Aħjar jiġu jiftħuli dit-tieqa. Ta' ħdejja ma jagħtix kas. Nofs il-ħin rieqed. Naħseb bil-pilloli li jbellgħulu. U meta jqum ~~wiċċu~~ moħħu fit-televixin. Films irid jara. Mhux dwejjaq. U jekk ikun film tad-dwejjaq jaqliblu. Kultant jaqbad ~~jitkellem~~ iparla fuq ix-xogħol li kellu. Fuq in-neputijiet li qatt ma jiġu. Imma jien qed nifga hawn ġew. Imbaghad halla id deserti colla conoxxiuti min nies u mar biex ighejx f'post mill'izjed imuarrab tad desert tal Libia, li il kuddiem gié imsejjah : l'Eremitag tac-Celel, imhabba il cbir numru ta' Celel...

L'ghakda tighu m'Alla chienet continua. L'ebda haga tad-dinja ma chienet tfixclu min din l'ghakda. Is Sinjur ippermetta li il Kaddis jigi imhabbat minn bosta tentazionijet l'actar kauuija, ma tul il hajja tighu colla. Uahda mill'izjed kauuija chienet li riditu imur f'Ruma biex jesercita il carità tighu lejn il morda fl'isptarijet; u biha haseb (id demonju) li sejjer Marcariu jehu xi vanagloria, izda il Kaddis, li induna b'dan il hsieb, m'hux biss li ma marx, izda inxtehed ma l'art fic-cella tighu; zam mal bieb u kal littentatur: "Hudni, straxxnani minn haun ghal fejn trid bil forza tighec, jecc tista. Altrimenti jena risolut li katt ma nitkankal min dan id desert."

Macariu chellu don particolari biex jiscopri u ivinci il hazen tad demonju, pa. Don partikolari.

*19 ta' Settembru*

Hawnhekk ~~Gloria~~ qed ~~joħorġu~~ igeżwru l-katavri fl-istretch and seal, Gloria. Xejn ma jgħidulna imma jien naf. ~~Minn hawn u minn hemm kollox insir naf.~~ Avolja ~~qafluna~~ sakkruna ġewwa. Jiġu għalihom bl-ambulanza. Il-ħaddiema jkunu libsin apposta. Qisu għandna l-pesta. U mbagħad ~~idaħħluhom~~ iqandluhom fl-ambulanza. U jitilqu bihom bla kliem u bla sliem. Lilna ma jgħidulna xejn.

Anki t-tebut igeżwruh fl-istretch and seal. Iċemplu l-qassis, iċemplu lil ftit qraba. Kemm kemm jagħtuhom ċans jilbsu l-iswed u jixtru bukkett fjuri. Ftit talb ta' malajr. Ħadd ma jmiss 'il ħadd. Id-deffiena, mgħottijin minn rashom

sa saqajhom, ineħħu t-tikħila. Jgħollu l-kaptelli. Jaqbdu t-tebut imgeżwer. Idawruh bil-ħbula. Jiċċentrawh. Imbagħad jerħulu ftit ftit bil-ħeffa. Il-waqgħa l-kbira. U kulħadd jerġa' lura lejn daru, imwerwer mill-anġlu tal-mewt.

Ġibna kollox b'idejna, Gloria. Insejna l-biża' t'Alla.

Fil-kamra jċempel it-telefown. Malaya qed tiżbarazza. Kemm ilha ma tisma' dak il-ħoss hemm ġew? Terfa' r-receiver. Il-Madonna, pa! Fl-aħħar! Taf kemm ilni nċempel! Issa waslet l-ittra. Għadu kemm ċempilli Mark. Pa… Pa… Qed tismagħni, pa?

Malaya tqiegħed ir-receiver f'postu. Hemm nies apposta għal dawn l-affarijiet. Kif għadhom ma ċemplulhiex?

**Din in-novella ntgħażlet mill-bord editorjali maħtur biex ifakkar iċ-ċentinarju tal-Akkademja.*

# Raġġi

Stephen Lughermo

Ġiet fuqu bħal raġġ ta' xemx bejn il-purtieri. Ħassha taħraq fi xrara ta' kitba li laqtitu u ħallietu jhewden. Ma kinitx l-ewwel darba. Imma dakinhar ma setax joqgħod lura. It-talent ibaqbaq tista' twarrbu jew tipposponih iżda ma tistax twaqqfu.

"Ġieli ktibt?" staqsieha.

Ħarset lejh skantata. Kienet ħarset. Mhux soltu. L-ewwel merżuq xemx jiżbokka minn bejn dak ix-xagħar li donnu qatt mhu f'postu, imperfett fis-sbuħija tiegħu. L-għajnejn kienu għadhom mistħija imma fihom qara dija leqqiena li qatt ma kien lemaħ.

"Le… jew insomma… xi ħaġa għalija biss," ammettiet, bilkemm tinstema'.

"Mela ara li tibda tikteb." Issa għajnejh kienu fuq tagħha, ifittxu r-raġġi rqaq li kienu kebbsuh sa mill-bidu.

"Taħseb? Forsi nipprova, mela…"

Għal xi jiem ix-xemx għebet. Is-sħab kattiv firex djulu u tefa kull xrara. Imbagħad sebaħ jum ġdid. Ir-riħ ma kienx għadu warrab għalkollox u l-purtiera tperper wasslitlu raġġ ieħor.

"Għamilt din. Ara x'taħseb…"

Buffura riħ. Raġġ ieħor. Aqwa minn ta' qablu. U d-dija għammxitu. Issa kien

ċert. Ried jara aktar u aktar. Wara dik it-tbissima sempliċi, wara dawk l-għajnejn mhux iktar mistħija, kien hemm moħbi vulkan ta' esperjenzi, ibaqbqu biex joħorġu u jitpoġġew fuq karta.

"Forsi tista' tirranġaha hekk. Min jaf li kieku tfittex fuq din? Jew jekk taqra dwar din it-teknika?"

Ftit ftit beda jħassar id-dell tas-sħab, iwarrab l-ilwien inkejjużi tal-purtiera u jiftaħ għajnejh. Ir-raġġi ma baqgħux tubi rqaq li jixegħlu tikek ċkejkna mal-ħitan. Issa l-kamra kollha kienet iddawlet b'ideat, emozzjonijiet, tixbihat u metafori ħierġa minn qalb li ħasset ħafna.

U minn wara dak ix-xagħar li donnu qatt ma jrid joqgħod f'postu tfaċċaw dawk l-għajnejn leqqiena jħarsu f'għajnejh bħal qatt qabel, ikellmuh waħedhom u jimlew il-vojt ta' bejn il-linji.

# Tonio

Ġorġ Mallia

"Ara x'sibt, Tonio," qaltlu ommu.

Kien imur jaraha kull nhar ta' Sibt filgħaxija. Mhux għax kellu l-ħin, imma kienet saret drawwa li jiltaqgħu l-aħwa kollha għand ommu dakinhar. U hu kien imur b'dover.

Tatu ktieb imberfel, bil-qoxra nofsha mqattgħa, bl-ispina miksija b'tejp isfar.

"Dak l-annwal tal-iskola," qal. Ħadu u qallbu, u hemm kien ir-ritratt tal-klassi meta kien Form 4, bih xipli xipli fuq quddiem. Għajnejh waqgħu fuq Bast, il-bully. Kien jismu Sebastjan, imma kulħadd kien jafu b'Bast… u kulħadd kien jibża' minnu, l-aktar Tonio, li kien ħalib għal snienu. Kien kattiv u jkissrek kull ċans li kien ikollu. Ifarrkek. Jagħsrek. Ikrah u kbir daqs ġolf, kien juża saħħtu biex imiegħek lil min kien iżgħar minnu.

Le, ma kinux snin sbieħ dawk tal-iskola sekondarja, imma l-istess ibbuljar kien xprun għalih… xprun biex jurihom… l-aktar lil Bast… li hu ma kienx ix-xejn li qalulu li kien. Għalhekk baqa' baqa' sa ma daħal l-università, jistudja għal tabib, jispeċjalizza fil-kirurġija. Għalhekk issa kien il-Professur Tonio Sammut.

Kien qallu xi ħadd li Bast kien messaġġier mal-gvern. Ma stenniex aħjar. Kien jaf li moħħu ma jwasslux għal aħjar minn hekk. Xorta kien joħlom li xi darba jpattihielu… li jaħfnu taħt idejh u jiżbranah. Imma kien jaf li dan kien ħolm futili… imma xorta kien jieħu gost joħolmu. Baqa' ma ħafirlux it-tortura ta' ħames snin.

L-għada kien l-isptar, kmieni bħas-soltu, lest biex jibda l-ewwel operazzjoni li se ssalva l-ħajja ta' xi ħadd.

"Min hu l-ewwel, ners?"

"Sebastjan Meilak," qaltlu. "Għandu ċesta qed tagħfaslu fuq il-pulmun. Jekk ma nneħħuhilux, imut żgur."



# Il-ħmara li nħobb

Daniel Meilak

Wara lejla ta' ħolm ikrah ma tantx qomt tajjeb. Dan l-aħħar il-ħolm sar itaqqalni ħafna. Biss biss qomt xi tliet darbiet maħsud tul il-lejl li għadda. Fid-dinja jien waħdi, m'għandi 'l ħadd aktar. Qatt ma żżewwiġt u issa li għandi erbgħa u tmenin sena sofrejt il-mewt ta' ħuti u l-uniċi neputijiet li għandi huma msefrin. Ma fadalli 'l ħadd fil-għorfa fejn ngħix... għajr għal żewġt iħbieb li nqishom bħala familja. Mingħajrhom ma ngħaddix. Il-ħmara u l-kelb qatt ma jmeruni, dejjem ħabbewni u jien inħobbhom qishom uliedi li qatt ma kelli.

In-nies tar-raħal jistmerruni. Ngħiduha kif inhi, jien ma tantx nieħu ħsieb tiegħi nnifsi. Dak għalfejn? Il-kelb u l-ħmara ma jagħtux kas ta' dan. Xi darba kull xahrejn nieħu l-qatgħa ta' ħajti. Jiġu bl-ambulanza quddiem l-għorfa tiegħi għal għarrieda, joħorġu minnha żewġt irġiel lebsin ilbies stramb blu b'żewġ faxxi fiddiena jleqqu ma' kull pexxul u jeħduni magħhom lejn l-isptar. Wieħed minn dawn darba smajtu jgħid dan il-preċiż kliem:

'Jinten daqs is-seba' pesti, għonqu kollu swied, difrejh b'ċapep skuri taħthom, maħmuġ inkallat u ma jinħasel qatt, dejjem bl-istess ħwejjeġ u jgħix fil-ħmieġ u l-imbarazz.'

Jgħaġġbuhom ftit. Huwa minnu li ma ninħasilx, imma jien qatt ma nxommni ninten. U l-ħwejjeġ għalfejn se noqgħod inbiddilhom? Min se jarani? M'iniex ta' xi tmintax, hux, li rrid nimpressjona xi tfajla żnella! Imma dawn jagħtuni ħasla papali, iqaxxruli l-leħja (li qatt ma nqaxxar) u jaqtgħuli xagħri pulit. Ma

tantx indum hekk. Inħossni stramb. Sa ftit ġranet wara nerġa' nkun lura fl-istat komdu ta' qabel.

Ma rrid xejn aktar. Għandi din id-daqsxejn ta' għorfa fi sqaq f'waħda mit-toroq ċentrali tar-raħal, b'niċċa ċkejkna tal-Madonna fuq il-bieb ta' barra. Ma tantx għandi għamara jew inkwatri mal-ħajt. Għalija biżżejjed ikolli roqgħa tiben ratba fejn norqod. Il-ħmara u l-kelb jorqdu ħdejja għas-sħana. Għalfejn inħallihom barra għall-ksieħ? Xejn xejn joffruli ftit wens anke billejl.

Il-ħmara għal qalbi wisq. Issa xjaħet ukoll. Qabel kienet tiġbidli l-karettun meta mmur fl-għalqa li għandi 'l barra mir-raħal, f'ras il-wied. F'dawn l-aħħar ftit ġranet m'għadhiex tkun trid tinżel miegħi u tippreferi toqgħod tixxaħxaħ fil-għorfa bla ma tkun trid tiċċaqlaq. Forsi ma tantx tiflaħ jew qed tuġagħha sieqha. Jiena ħennejt għaliha u bdejt inħalliha hemm għall-irdoss sakemm tħossha aħjar. Imma dan il-ħolm ikrah mhux qed iħallini kwiet u ħsiebi biss fuqha. Noħlom li ninfired minnha darba għal dejjem. E, xi darba jrid jasal dak il-jum. Imbagħad veru niġi waħdi. L-unika kumpanija li jkolli tisparixxili f'tebqa t'għajn ukoll. Il-kelb ma tantx nistrieħ fuqu għax dak ġieli jqatta' ljieli barra mingħajr ma biss naf fejn ikun iħuf.

Dan l-aħħar ukoll, qisu minn meta beda ġej dan il-ħolm, il-kelb qed jaqbad ħafna mal-ħmara. Qabel ma tantx kien jagħti kasha. Imma daż-żmien ma jħallihiex minuta bi kwietha. Il-ħin kollu jikxef snienu, jinbaħ u jipprova jagħtiha s-salt. Ma nħallihx jersaq lejha. Dik għandha bżonn il-mistrieħ bħalissa sakemm forsi tirkupra ftit. Imbagħad forsi terġa' tibda tiġi l-għalqa miegħi. Jien nagħmel minn kollox biex ma tagħmilx f'qalbha. Hi torqod ħdejja tmiss miegħi u mmellsilha ftit qabel ma tmur għajni bija.

Dalgħodu sebaħ temp mill-isbaħ tar-rebbiegħa. Għalkemm għandi daż-żmien kollu, għadni nħossni f'saħħti biżżejjed li ninżel ftit l-għalqa. Qomt, kelli biċċa ħobż minn tal-bieraħ li kienet ibbieset xi ftit għax ħallejtha barra fuq xkora mitwija fuq banketta, imma kiltha għax ma rridx ninżel l-għalqa bi stonku vojt. Kelli ftit silla fuq ir-raff u niżżilt ftit minnha u poġġejtha lill-ħmara ħalli jkollha x'tiekol matul il-jum filwaqt li għamiltilha wkoll ftit ilma ġo borma qadima kollha mġemmda u bla manku ħalli jkollha x'tixrob ukoll. Dan għax illum reġgħet lanqas riedet tiġi miegħi. Ix-xjuħija x'tagħmillek! Ħallejtha tixxaħxaħ hemm ħa tistrieħ mimduda fuq it-tiben bħas-soltu. Lestejt l-imgħażqa, erġajt tajt ħarsa lejn il-ħmara għażiża tiegħi u dak il-ħin għaddew minn moħħi l-ħafna memorji ta' kemm qdietni, kemm offrietli mħabba, ta' kif darba beżgħet mill-kelb li kont ġibt u ħarbet tiġri fit-toroq tar-raħal. Mhux tort tagħha kien, miskina. Sadanittant il-kelb kien jaqbeż u jdur ma' saqajja. Ixomm minn qabel li nkun se mmur l-għalqa. Qbadt kollox u tlaqt bil-mixi.

Fil-għalqa nieħu pjaċir. Inkabbar xi ħaġa tal-frott u l-ħxejjex sabiex inkun nista' ngħix. Għalija daqshekk biżżejjed. Meta kont iżgħar fiż-żmien kont anke mmur naħdem raba' f'widien oħra. Iżda issa ż-żmien beda jagħmel bija u din il-biċċa li għandi hi biżżejjed. Qlajt ftit patata u poġġejtha fl-ixkora tal-faxx u għamiltha għall-ġenb. Naqqejt ftit il-ħaxix ħażin kif stajt. Jikber wisq. Minn ġimgħa għall-oħra ma tagħrafhiex l-għalqa jekk tħallih jikber, ja mgħarraq li hu. L-importanti li tnaqqi ftit kuljum ħalli x-xogħol ma tarahx kollu f'daqqa mbagħad. Kien hemm ħajt tas-sejjieħ li ċeda fix-xitwa u kuljum intella' xi żewġ ġebliet mill-gorboġ li fforma mal-art u nerġa' nibnihom f'posthom. Biex nagħmel il-ħajt kollu f'ġurnata ma niflaħx, imma hekk ftit ftit ix-xogħol isir. Għaġla m'għandix. F'nofsinhar waqaft inteftef xi ħaġa u wara striħajt siegħa f'għar li għandi mħaffer fil-blat fl-għalqa. Dari kont inrabbi l-qżieqeż hemm ġew, imma maż-żmien neħħejthom, għalkemm għad fadal il-briegħed tagħhom li jitfaċċa fferoċjat f'dawn iż-żminijiet tar-rebbiegħa meta t-temp jibda jisħon.

Qbadt it-triq lura lejn l-għorfa. Għal-lum biżżejjed. Moħħni kien il-ħin kollu fuq il-ħmara. Tgħid kienet batuta dan l-aħħar? Forsi għalhekk ma kinitx tkun trid tiġi miegħi l-għalqa? Kieku tibda tokrob, ngħid jien. Insomma. Meta qrobt lejn l-għorfa kien hemm il-ġara u ġiet fuqi. Qagħdet xi ftit 'il bogħod minni biex kellmitni. Qaltli li dan l-aħħar ġranet hemm riħa qawwija ġejja mill-għorfa. Kuljum tgħidli l-istess ħaġa. Jiena naħseb li dak il-frott li kont tellajt mill-għalqa xi ġranet ilu u nsejtu wara l-bieb. Naħseb li tħassar u niten. Aħjar tara tagħha dik. Kulħadd ħsiebu fin-nies. Ftaħt l-għorfa u dħalt. Wara l-bieb nilmaħ żewġ firien li kienu qed jieklu minn dal-frott. Għax tgħid, ma nafx għaliex dan l-aħħar il-ġrieden u l-firien żdiedu wkoll fil-għorfa, l-aktar qrib il-ħmara. Ma nafx x'inhi r-raġuni. Imorruli ħdejha u jien inkeċċihom. Xi kultant noqtol xi wieħed minnhom. Ma jħalluhiex bi kwietha.

Ma kienet kielet xejn illum ukoll, l-istess bħal dawn l-aħħar ġranet. Is-silla kienet għadha hemm kif ħallejtha. Lanqas mill-ilma ma dehret li xorbot.

'Kif inti, sabiħa tiegħi?' staqsejtha.

Lanqas ħoss ma għamlet. Ersaqt lejha u għedtilha:

'Se tibqa' ma titħarrikx? Ilek jiem sħaħ hekk issa,' u fuq wiċċi dehret nofs tbissima, iżda kelli ċertu niket ġo fija li ma stajtx nispjegah. Ma jistax ikun li din ma tkellimnix. Imma kif? Rasha kienet iżżerżqet ftit 'l isfel minn fuq it-tiben. Għax issa kienet ċkienet xi ftit minn meta l-laħam beda jisparixxi taħt il-qilla tad-dud abjad u l-firien li jattakkawha meta jien inkun l-għalqa. L-iskeletru tagħha beda jidher. Erfajthielha ftit 'il fuq ħalli terġa' tkun mistrieħa fuq it-tiben. Issa

teftift xi ħaġa jien ukoll u se nerġa' nidħol norqod ħdejha. U le. Anke jekk kienet f'dan l-istat, miskina, imma ma jistax ikun li hi bla ħajja. Ma naċċettahiex din. Issa naraw għada filgħodu kif tkun. Il-kelb ħallejtu barra dal-lejl għax inkella joqgħod jinbaħ għaliha u jxammem fiha.

# Karista

Alex Mizzi

Wiċċ Karista għadu ċar quddiem għajnejja. Dawk il-ħaddejn roża u l-kumplament donnu jisfuma fil-qamħi. Qisu tax-xema' antika. U jixhed l-għexieren ta' xtiewi qliel u sjuf kefrin li kien laqqat fuqu. Ewkarista Sultana mix-Xagħra, magħrufa bħala Ta' Lelluxa, li qatt ma marret għand tabib u mietet m'ilhiex u bla mistenni ta' tlieta u tmenin sena, għexet (bħal ħafna nies ta' żmienha) ħajja ta' tbatija kbira. Ukoll jekk ma kinitx nieqsa mill-hena forsi ta' min qatt ma kien daq aħjar. Fi tfulitha min jaf kemm kienet tiġri b'xi mogħża fl-għelieqi tal-inħawi jew itterraq mat-toroq tar-Rabat tbigħ xi ftit ġbejniet xorrox, xi kejla kappar jew xi erba' bajdiet friski għadhom jinġabru minn taħt it-tiġieġ li kellhom jiġġerrew mar-razzett. Għax Karista kienet waħda mill-kbar fost disat itfal u naturalment kellha tagħti sehemha biex b'xi mod iżommu lkoll fil-wiċċ f'ċirkostanzi li llum lanqas biss jirnexxilna noħolmu. Dan kollu kienet tirrakkuntah Karista nnifisha. Xwejħa li jiena kelli x-xorti li niltaqa' magħha fil-kobor peress li kienet tiġi n-nanna tal-mara tat-tifel.

F'darha baqgħet taħdem sal-aħħar, avolja kellha bintha xebba toqgħod magħha. Saħansitra fejn jidħol tisjir dejjem baqgħet tlesti l-borma għal min jinqala', u għaliha tagħmel jew xi platt brodu jew xi naqra aljotta. Fix-xitwa mhux l-ewwel darba li kont issibha bil-maktur imgeżwer ma' rasha bilqiegħda wara l-bieb tal-ħġieġ tal-ġardina mwennsa minn xi ftit xemx fietla, taħdem is-suf għall-kwiet b'xi żewġt iqtates ħdejn saqajha jilagħbu ma' xi kobba li tkun waqgħetilha fl-art. Jew fis-sajf tgħid ir-rużarju fuq is-sufan tal-wicker li

kellhom taħt it-taraġ bil-bieb ta' barra mbexxaq u t-tieqa li tagħti għal fuq il-loġġa miftuħa ħa jgħaddi ftit tal-kurrent. Tista' tgħid li qatt ma kienet tkun weħidha għax uliedha li kienu baqgħu joqogħdu fil-qrib, kienu jmorru jarawha spiss u jieħdu lil uliedhom magħhom. U l-ulied maż-żmien kibru u saħansitra kellhom it-tfal huma wkoll. U n-nanna Karist l-għaxqa tagħha tgerfex fl-armarju ħa tara x'se ttihom. Ħelu tal-maskta, ċikkulata, gallettini bil-ġelu, xi żewġ larinġiet minn tas-siġra tagħha… Insomma, mingħandha ħadd ma kien joħroġ b'xejn.

Karista kienet ta' ftit kliem imma ma kien jaħarbilha xejn. Min-naqra li kienet toħroġ għall-knisja u mill-aħbarijiet ta' fuq ir-radju jew it-television kienet tkun taf kollox x'inhu għaddej, anki jekk ma kinitx xi waħda li se tieqaf tlablablek man-nies. Għalkemm dħulija, fommha kien kważi dejjem mitbuq. Tisma' u tosserva biss. Hekk, bħalma kienet tosserva l-ħarsa ta' waħda min-neputijiet tagħha meta kienu jinzertaw jiltaqgħu lkoll flimkien għandha, fost il-geġwiġija tal-kbar u ż-żgħar li kien ikun hemm. U kienet tilmaħ id-diqa moħbija ta' Luċija, li issa kienet ilha miżżewġa ħames snin u kienet l-unika waħda mill-kuġini li kienet għadha bla tfal. Anki jekk bejn dawk l-erba' ħitan ħadd qatt ma kien semma xejn fuq hekk, Karista kienet tosserva, tifhem u tħoss. Kollox fis-skiet. Għax meta r-ruħ tifhem, il-kliem mhux meħtieġ…

*    *    *

Imbagħad darba minnhom, ftit ġimgħat qabel ma mietet, Karista kienet qed taħdem is-suf bħas-soltu u bintha x-xebba fettlilha ssaqsiha x'kienet qed taħdem, għax id-disinn dehrilha xi ftit mhux tas-soltu. Ix-xiħa ħarset lejha u b'ħarsa kważi mqarba qaltilha: 'Ġakkettina… għat-tarbija ta' Luċija.' Bintha nħasdet.

'X'int tgħid, ma? Mela Luċija għandha tarbija, x'kull waħda! Ara ma tmurx tgħidilha xi ħaġa, ta!'

Karista waqfet minn xogħolha. 'Ma tafx li m'għandhiex! Imma jkollha, binti, ikollha! Issa tara kif ikollha, jekk il-Bambin irid… u ma ddumx…' Imma l-ewwel irid iċedi postu xi ħadd…

'Jiena ġieli għedthielkom l-istorja tal-full up?'

'Le. Xi storja hi, ma?'

'Dak darba jiena u missierek tlajna qadja Malta. U ridna mmorru l-Belt. U sa xħin wasalna l-Mellieħa, fejn hemm is-Santwarju tal-Madonna, il-karozza kienet imtliet sa ruħ ommha. U minn hemm 'il quddiem kull darba li bdejna ngħaddu minn quddiem stage u jkun hemm in-nies jistennew u jagħmlulu sinjal

biex jieqaf, ix-xufier kien jgħajjat: "Full up! Full up!" u jibqa' sejjer. U jien bdejt nitħassarhom dawk in-nies jistennew fix-xemx. U missierek kien qalli: "Dak għax ma jistax jgħabbi kemm irid. Biex jerġa' jtella' jrid jinżel xi ħadd." U niftakar f'qalbi kont għedt: 'Li kieku qiegħda waħdi u naf it-triq, nitlob lix-xufier biex ninżel jien ħalli jkun jista' jtella' 'l ħaddieħor. U jien nibqa' sejra bil-mixi. Għax issa ili biżżejjed bilqiegħda. Almenu nagħti ċans lil ħaddieħor jirkeb.' Imma lil missierek ma kont għedtlu xejn għax kont naf li jekk ngħidlu kien jagħmel għalija… Kemm jgħaddi ż-żmien, binti! Qisu lbieraħ dan li qed ngħidlek. Imma bqajt niftakarha…'

'U din kif ġietek f'rasek, ma? Aħna mhux fuq Luċija konna qed nitkellmu?

Karista għolliet spallejha, għaddset rasha u kompliet taħdem. 'Issa malli nlesti nagħmlilha par kalzetti pariġġ. Imbagħad, tibżax… tuhomlha intom…'

'X'int tgħid, ma?'

U fil-fatt kelmitha żammitha, għax wara li lestiet il-ġakkettina Karista bdiet taħdem il-kalzetti li spiċċat ftit jiem qabel ma mietet għal għarrieda.

* * *

Xahar wara l-mewt ta' nannitha, Luċija ma riditx temmen ir-riżultat tat-test tat-tqala li kienet qed tara b'għajnejha stess. Meta marret tagħti l-aħbar tajba liz-zija x-xebba, din ferħet ħafna. Imma filgħaxija, xħin iz-zija kienet weħidha bit-television mitfi tgħid ir-rużarju b'suffraġju għal ruħ ommha, ftakret fl-istorja tal-full up li kienet qaltilha Karista ftit qabel ma mietet, u kuntrarju għal dakinhar, did-darba fehmet kollox. U bkiet weħidha fis-skiet…

# Bla kulur

Rita Saliba

Ma kienx se jħallini norqod, għal lejl ieħor. Daħq ġej mill-appartament ta' fuqi. U dejjem dal-ħin, eżattament wara li jdoqq nofsillejl. Donnu jaf li nidħol norqod tard.

Matul il-jum ma nkunx id-dar. Ma nafx min jgħix aktar f'dil-blokka ta' appartamenti, jekk jitkellmux l-istess lingwa li nitkellem jien, jekk jitkellmux wara kollox. Kultant niltaqa' ma' xi ħadd fit-taraġ, jien u tielgħa lejn l-appartament tiegħi. Nitla' t-tarġiet mikulin tnejn tnejn biex infittex nasal, nagħti daqqa b'rasi biex inkun sellimt lil dell ta' ruħ tgħix hawn u nagħlaq niġri l-bieb warajja. Il-lift nevitah. Ma nħobbx ninqafel imqar għal ftit minuti f'kaxxa ma' ħaddieħor. Fl-istess ħin tikolni l-kurżità biex insir naf min jgħix hawn.

Qegħdin sitt appartamenti b'kollox. Xħin nidħol lura ġieli nisma' xi ilħna. Inwaqqaf widnejja iżda ma nifhimx xi jkunu qed jgħidu. Ftit jiem wara nisma' r-roti tal-bagolli jigirfu l-indana tat-taraġ. L-ilħna jintfew għal ftit u jinbidlu ma' oħrajn. Il-postijiet ma jdumux vojta wisq, għalkemm il-kera hi ftit għolja. Imma jekk jaqsmu l-kera bejn tlieta, jew erbgħa… ikampaw. Hemm min jidħol lura nkiss inkiss, jipprova jaħbi li jkun daħal lura fl-appartament f'nofs ta' lejl. Fil-ħemda nisma' ċ-ċavetta ddur fis-serratura bis-serqa. Imbagħad jerġa' s-skiet u nitwennes li hemm forma ta' ħajja għaddejja f'dil-blokka. Mill-bqija kollha kemm aħna qisna nibżgħu minn xulxin, li jekk nersqu qrib wisq ninħakmu minn virus inkrepattiv. Ma nafx jekk ikunx hawn attività għaddejja filgħodu, bħalma niftakar lura fis-snin, meta kont ngħaddi mit-toroq riħa ta' diżinfettant jiżvinta mill-għetiebi tal-bibien

ta' barra, jew xi tapit ifaqqa' minn gallarija li kien ikolli naħrab niġri minn taħtha għax il-frak jinżel f'xagħri. Ma nkunx hawn filgħodu. Naħdem sigħat twal, sakemm inlesti. M'għandix għalfejn ninġabar kmieni f'appartament vojt. Imma jien għażilt dawn l-inħawi mwarrba min-nies, wara kollox. Ridt xi mkien maqtugħ, li meta nidħol lura mix-xogħol ninqata' mid-dinja, mill-ħamba.

Daħqa tfaqqa' terġa' taqtagħni minn ġewwa. Nidfen rasi fl-imħadda. Dan qed jagħmel apposta! Jinduna li nkun għadni mqajma. It-tieqa mkittfa ta' fejn għandi speċi ta' bank fejn insaħħan xi ħaġa tal-ikel tikxifni. Tagħti għal ġo xaft u d-dawl ikun jidher għadu ma ntefiex għal-lejl. Nagħmel ħsieb li nordna purtiera ħoxna li tagħlaq tajjeb. Jaf insibha utli anke fis-sajf; tħalli s-sħana milli tidħol… jew xi ħars nemmiesi mit-twieqi l-oħrajn. Aktar għaxi ġej mill-appartament ta' fuqi, qed isabbat siequ. Jixraq u jkompli jidħaq. Nitħasseb kif ħadd ma jindenja ruħu jħabbatlu. Ngħashom fil-fond mid-dehra, jew jibżgħu jitkellmu. Ma jridux jinqabdu li jinsabu hawn bla permess. Nissaporti. Aktar daħq. Il-ħin qed jimmarka s-siegħa ta' filgħodu. Għadni ma rqadtx. U m'iniex se norqod issa li tajjart in-ngħas.

Dil-ħaġa ilha għaddejja għal xi ħmistax. Ma jistax ikun nibqa' sejra hekk. M'iniex qed inkun produttiva fuq ix-xogħol. Qed jaqbżuli ħafna żbalji. Ikolli nixrob xi tnejn kafè iswed qabel nibda naħdem sakemm niġi f'tiegħi. Illum ħatafni l-boss. Qalli moħħi mhux hemm. Staqsieni jekk iġġilidx mal-partner. X'partner? Kliemu vojt iqażżiżni. Ried jitkixxef dwari. Ta' fuqi għadu f'għaxwa, ġejjin xi ħsejjes… għamara tersaq. Xi ħaġa waqgħet fl-art b'tisbita. Skiet. Fl-aħħar! Ħsibt li min qed jidħaq għaddietu waħda, baqa' tal-kolp. Għalaqt għajnejja bit-tama li nsib ftit serħan. Ma domtx wisq. Nisma' ħoss ta' passi jkaxkru fuq rasi. Wara ftit… ħġieġ jinfaqa' mal-art. Daħq bla rażan. Daqshekk! Iddeċidejt li mmur inħabbatlu. Qomt, tfajt xi ħaġa fuqi u tlaqt għal għandu. Jien u tielgħa t-taraġ bilkemm ma ridtx indur lura. Kont se nagħmel ġennata. Ma nafx għand min se nħabbat. Jaf jagħmel plejtu, jibda joffendini b'kulm'għandi, jgħidli ma nindaħalx… Ġejt f'dubju kienx xi sakranazz, drogat u jaf nispiċċa ħażin. Messejt għonqi mxarrab bl-għaraq u waqaft fejn kont. Għal mument qasir ma smajt xejn. Ħsibt li nerġa' ninżel indana taraġ, nidħol fl-appartament tiegħi, nissakkar ġewwa, meta d-daħq reġa' beda, għall-ewwel bil-mod imbagħad iżid għal twerżiq. Kont tliet tarġiet 'il bogħod mill-bieb. Iddeċidejt li nitlagħhom. Fid-dawl baxx qrajt isem l-inkwilin: Alf. Magri. Almenu naf ismu. F'każ li xi ħaġa tmur ħażin dejjem nista' nagħmel rapport, intihom ismu, fejn joqgħod… jekk inkun għadni nieħu n-nifs.

Ħabbatt u stennejt. Id-daħq waqaf. Mid-dehra ħadu l-messaġġ. Issemmajt għal xi ħoss. Bilkemm ridt nieħu nifs. Ħarist 'l isfel. It-taraġ vojt u l-bibien skuri għassa fuqu qabbduni dehxa ma' ġismi kollu. Qbadt se nagħmel pass lura meta

l-bieb tal-appartament infetaħ. Marritli l-arja kollha. Ma kontx naf kif se nġib ruħi.

“Għandek bżonn xi ħaġa?”

Fetaħ raġel ta’ statura żgħira, imdaħħal fiż-żmien, għajnejh ħomor għadhom idemmgħu u wiċċu mixrub. Deher sorpriż. Infxilt.

“M… ma nafx qattx iltqajna, Sur Magri… Jien noqgħod fl-appartament ta’ taħtek…” bdejt nipprova nsib il-kliem adattat. Ir-raġel resaqli biex ngħaddi ġewwa. Il-movimenti tiegħu kienu bil-mod; innotajtu jkaxkar biex jagħmel pass. Huwa u jagħlaq il-bieb ilmaħt il-bastun imserraħ fir-rokna.

“Kont se nagħmel ftit te. Nagħmillek?”

“Le, le, grazzi,” weġibtu, “m’iniex se ndewmek… u dal-ħin… imma smajt xi ħsejjes…”

Ix-xwejjaħ tbissimli u xejjer idu. Xtaqt naħrab, ħassejtni ħriġt ta’ ħmar. Min jaf x’kien qed jaħseb, mort inħabbatlu dis-siegħa! Imbagħad beda miexi tul il-kuritur, iżomm mal-ħajt b’id waħda.

“Għandek raġun, Sinjorina. Waqqajt tazza jien u sejjer nagħmel it-te. Idħol, idħol, issa nieħdu belgħa flimkien. Ara tirfes il-ħġieġ…”

Ma kellix għażla ħlief li mmur warajh. Ġejt hawn biex mingħalija nieħu tiegħi imma x’seta’ kellu f’moħħu dar-raġel fraġli? Ir-riħa tqila ta’ ġewwa tatni x’nifhem li ilu ma jiftaħ tieqa. Bilkemm ma bdejtx nitħassru. F’rokna fuq il-bank tal-kċina kien hemm monitor mixgħul bla ħoss, bi stampa bla kulur.

“Dawk mhux Laurel and Hardy, Sur Magri?” ħarbitli l-mistoqsija f’daqqa.

“Hekk hu! Dan l-aħħar qed inniżżel il-films tagħhom,” qalli, hekk kif tefa’ rasu lura u daħaq bil-qalb.

Naf, xtaqt ngħidlu, eżattament dawn l-aħħar ġimagħtejn. Qed ittellifli l-paċi bl-istorbju li qed tagħmel.

“Tiftakarhom? Poġġi, Sinjorina…” qatagħli ħsiebi.

“Maryanne,” introduċejt ruħi. “Niftakarhom u kif! Dawk kien iħobb jarahom missieri. Lanqas jilħaq jibda episodju li ma kienx jitlaq kollox minn idejh u jiġborna narawh flimkien.” Ma ridtx nemmen kif tlaqt ilsieni. Imma almenu naqqast ftit min-nervożiżmu, li dħalt f’dar xi ħadd li qatt ma rajtu, ma nafx min hu… u f’nofs ta’ lejl! Innotajtu dahru lejja, il-flokk tas-suf donnu se jaqa’ minn

fuq spallejh mgħaddmin. Ħadt nifs ’il ġewwa, aktar biex nerħi ftit mit-tensjoni. Ma rajt xejn ta’ theddida fih.

Ir-raġel newwilli l-magg tat-te u ntasab bilqiegħda jsegwi l-film għaddej sieket. Infaqa’ jidħaq mill-ġdid hekk kif l-atturi bdew ibiddlu l-kpiepel. Tal-oħxon kien kbir wisq għal ras l-irqiq. Sibt ruħi nittieħed mill-burdata, inċarrat ħalqi bla ma stajt nikkontrolla lili nnifsi. Bilkemm ridt nemmen li konna qed nidħqu b’dawk il-ġesti stupidi għaddejjin quddiem għajnejna fuq film bla kulur. Imma rġajt sibt il-faxxinu fihom, laqta ta’ innoċenza mħallta ma’ nostalġija. Ridt nara iżjed, biex se joħorġu. Xi xeni li kienu għadhom imċajprin fil-memorja bdejt narahom jieħdu l-ħajja mill-ġdid, fi sfumaturi ta’ griż. Innotajt kif ir-raġel kien mitluf jara l-film għaddej, minn ħin għal ħin wiċċu donnu qed jantiċipa xi jmiss, ifaqqa’ daħqa qabel azzjoni assurda.

“Ara ftit dix-xena,” beda jgħidli, bi ftit skossi huwa u jipprova jżomm serju.

Il-film għaddej beda jfakkarni li kont rajtu xi żmien ilu imma kont insejt kif ikompli… Ix-xwejjaħ ħallieni nsegwi… L-irqiq deher dieħel fil-kċina liebes il-kappell u b’medalja fuq sidru. Fetaħ il-gass iżda jmur jgħid lill-oħxon li ma sabx sulfarini biex jixgħel il-forn. L-oħxon, li dejjem kellu soluzzjoni lesta, daħal b’sulfarina mqabbda… u wara ftit splużjoni siekta għaddejja fuq l-iscreen tajret lill-oħxon fis-salott.

Ix-xwejjaħ beda jidħaq bil-qalb u jagħti b’idu fuq wiċċ il-mejda. Bqajt inħares lejh, narah jagħti b’rasu, jipprova jitkellem. Hekk kif stejqer ftit kompla jispjegali x’ġara, donnu qed ikellem tifla żgħira, bħalma kien jagħmel il-papà lura fiż-żmien meta kollox kien iswed u abjad. U dak li konna naraw għaddej fuq l-iscreen nistaqsu hux qed jiġri tassew, jekk l-atturi jweġġgħux meta jaqgħu biex idaħħqu. Ix-xwejjaħ kompla jħeġġiġni biex nidħaq miegħu, meta induna li kont għadni ma messejtx it-te. Isserja f’daqqa.

“Issa ixrob dak it-te, għax se jiksaħlek!” qalli b’ton mikdud. Komplejt nara l-film u nikkummenta kultant iżda x-xwejjaħ kien tilef l-interess. Ħsibt li qed indejqu, li kien għeja. Xrobt it-te malajr u qomt minn posti, laqlaqt skuża taparsi kont kuntenta li ma ġralu xejn, li l-ħoss kien ta’ tazza. Offrejtlu li niknislu l-ħġieġ minn mal-art. Ix-xwejjaħ għamilli sinjal biex nibqa’ fejn jien. Ma kienx qed jidħaq u ndhext għal mument. Obdejtu. Urieni l-iscreen b’saba’ mgħaddam.

“Oqgħod ftit ieħor,” qalli bilkemm jinstema’, “issa ġej film iprem minn dan.”

“Ma nixtieqx inżommok aktar imqajjem, Sur Magri…”

“U ħallik mis-Sur Magri! Jien Alfons,” kompla jgħidli, b’għajnejh imsammrin fuq il-monitor. “Kemm kienet tħobb tarah il-mara… Ma kontx nifhem x’taralhom

lil dawn it-tnejn.” Ma kienx qed jidħaq. “L-aħħar episodju riditni narah magħha. Ħallejtha tidħaq u donni tteħidt minnha jien ukoll.” Qam jixgħel il-kitla. Is-skiet li waqa’ f’daqqa ħassejtu bħal daqqa ta’ ħarta, qed jixlini li qiegħda hawn, fejn xi darba kien hawn hi, u issa ġejt jien nidħaq minflokha.

Alfons poġġieli l-magg te ieħor quddiemi u ħares lejn l-iscreen, did-darba jitbissem. Ma kienx qed isegwi x-xena. Dik diġà jafha bl-amment. Kont naf li għaddej episodju ieħor minn quddiem għajnejh. Tajt daqqa t’għajn madwari. Imdendel ma’ ganċ kien hemm fardal roża tal-gingam, papoċċ tas-sodda ta’ mara ħdejn il-bieb tal-gallarija. Stħajt minni nnifsi li lanqas biss kont naf li kien hawn ġara tgħix fl-appartament ta’ fuqi, is-Sinjura Magri… Rajt lix-xwejjaħ iħares lejja u rġajt ġejt f’tiegħi. Niżżilt belgħa te taħraq biex nikkuntentah.

“Dan il-film l-aħħar li rat… ħmistax ilu… Kienet bilqiegħda hemm, fejn qiegħda int. Għaddiet minn bosta, miskina, Irene! Qalbha għejiet. Konna qed nogħxew fuq dawn iż-żewġ imġienen. Ma flaħtx inżomm bid-daħq dakinhar… ma kontx intbaħt li hi kienet waqfet tidħaq.”

Issummajt. Ibbist fuq is-siġġu. Bil-fixla xerridt it-te fuq id-dvalja tal-plastik.

“Jiddispjaċini,” lissint. Bilkemm stajt nisma’ lili nnifsi.

“Hekk kellu jkun, miskina.”

Rajtu qed jinxtorob quddiemi, donnu ċkien minn dak il-mument li fetaħli l-bieb. Imbagħad reġa’ ħares lejja, iżda ma kienx qed jara lili. Reġgħet waqgħet ħemda. Ħadt ir-ruħ meta subgħajh bdew itaptpu fuq il-mejda. Qomt biex nitlaq. Alfons qam miegħi. Irringrazzjani li ħadt ħsiebu. Kliemu ċanfarni mill-ġdid. Ġejt insaħħan is-siġġu li kien beda jibred.

Qattajt lejl ieħor nitqalleb, nitħasseb, inġib wiċċu quddiem għajnejja, nipprova nara lilha tidħaq… tipprova tgħidlu li ma tiflaħx aktar… li se titlaq u mhux jintebaħ. Laurel and Hardy daħlu f’kamarti jippruvaw ideffsuli l-kappell ġo rasi, jiddieħqu. Kienu lebsin il-qmis ta’ billejl. Wiċċ l-oħxon riesaq lejn wiċċi jipprova jdeffisli subgħajh f’għajnejja… l-irqiq ikompli miegħu, jinkoraġġih. Ftaħt ħalqi biex inwerżaq iżda ma ħariġx ħoss. Qomt maħsuda. Kienet marret għajni bija fis-sigħat bikrin ta’ filgħodu. Qtajtha li ma nidħolx xogħol. Naħdem mid-dar. Jgħid li jrid il-boss. Jista’ jaħseb li bqajt għall-irdoss mal-partner. Ma jimpurtanix aktar x’jaħseb.

Kienet l-ewwel darba li se nqatta’ l-jum id-dar. Ħsibt f’Alfons ikaxkar saqajh fl-appartament ta’ fuqi, ħarstu griża tiċċassa lejn monitor mitfi. Issemmajt għal xi ħoss iżda ma smajt xejn. Smajt bieb jinfetaħ u roti ta’ bagoll jigirfu l-indana tat-tarag. Xi ħadd se jitlaq minn dawn l-appartamenti. Ma jdumx ma jiġi xi ħadd ieħor.

# Katarretti

Loranne Vella

Bilqiegħda fuq l-iżgambella, medhija tniffed ix-xoqqa stirata quddiemha bil-labra tal-ħjata mill-ħoxnin, darba minn fuq, darba minn taħt, Dolores kienet qed tgħaddi l-ħin bil-mod kif kienet tħobb hi, tirrakkma. Ix-xoqqa li kienet nisġet xi ftit ġimgħat qabel kienet qed iżżewwaqha b'linja fjuri rqaq ta' sfumaturi differenti ta' aħmar. Kull tant ħin u kull ftit punti kienet taqbad il-lenti minn fuq il-mejda maġenbha u tagħtiha titwila biex tara li l-punti kienet ħadmithom sew. Il-vista kienet qed tmurilha lura imma Dolores ma riditx taf bit-tabib tal-għajnejn, li ma jmurx jerġa' jsemmilha l-katarretti bħalma kien għamel l-aħħar li kien ġie jżurhom. Kienet ċanfritu li f'darha l-mard ma jissemmiex sakemm ma tgħidx hi. U t-tabib għolla spallejh u tbissmilha, għax sewwa kienet qaltlu l-għażiża Madre Dolorosa: f'darha kienet tikkmanda hi.

Xħin semgħet l-ewwel nota baxxa tal-qanpiena qiegħdet it-tilar kwadru bix-xoqqa rrakkmata fuq il-mejda u marret tiftaħ it-twieqi biex timla kamritha bil-mota ferrieħa tal-qniepen ta' nhar ta' Ħadd filgħodu. Serrħet dirgħajha fuq il-ħoġor, għalqet għajnejha u ħalliet it-tokki jqanqluha b'tifkiriet minn tfulitha, minn żmien meta l-qniepen kienet iddoqqhom ix-xwejħa Sor Pawlina, f'dawk l-ewwel snin tagħha fil-kunvent tas-sorijiet ta' San Ġużepp. U minn żmien iktar bikri, fil-jum meta kienet semgħet il-mota solenni tan-newwieħa għal ruħ missierha, u ntebħet li meta tħabbatlek il-mewt trid tiftħilha l-bieb.

Missierha, Giovann Battist, kemm f'għemilu u kemm fid-dehra kien raġel dritt, rett u strett, kif kienu mistennija jkunu l-irġiel tal-familja dak iż-żmien.

Kien raġel assertiv, ċert minnu nnifsu u tal-fehma li għal kull mistoqsija hemm tweġiba, għal kull abjad jeżisti iswed u għal kull intopp jinstab rimedju. Id-dar ħadd ma kien jażżarda jmerih jew iħaqqaqha miegħu; wara kollox ħlief nisa d-dar ma kienx hemm, u l-ebda waħda minn dawn ma kellha sinsla soda biżżejjed biex tiqaflu. Iżda malli Giovann Battist kien jgħid tiegħu u jitlaq mill-kamra biex jinqafel waħdu fl-istudju, l-għadab u n-nervi ta' dawk li kien iħalli warajh kienu jinfexxuhom f'xulxin.

Ftakret kif mal-aħħar nifs li kien ħa missierha, rasu kienet tmejlet bil-mod u geddumu serraħ fuq l-għadma ta' sidru. Giovann Battist ħa l-aħħar nifs tiegħu u b'hekk seta' jerġa' jibda jieħu nifs sew kulħadd. Fid-dar kienet waqgħet ħemda għal siegħa, imbagħad kulħadd donnu stenbaħ u nfexx iħabrek, bdew telgħin u niżlin, jgħallu l-lożor, ibaħbħu t-turġien, ikewsu l-borom, jaqilgħu bjankerija minsija fi sniedaq riħa ta' kamla fit-turretta. F'dik il-ferneżija kienet inqabdet hija wkoll, iżda Dolores, ħaddejha ħomor, ħaffet il-pass u marret ingħalqet f'kamritha. Minkejja li kienet għadha tfal hi wkoll kienet intebħet li qalbha kienet qabdet tħabbat tgħaġġel.

Bħal qalbha dakinhar, il-mota issa bdiet titqawwa, hekk kif ingħaqdu qniepen oħrajn mal-ewwel waħda, b'noti aktar għoljin u mgħaġġlin. In-noti għoljin did-darba fakkruha f'ommha, li kienet tilfitha qabel tilfet lil missierha. Qabel mietet ommha laħqet tarrfitilha li waqt l-għerusija tagħha, fi żmien meta l-ħajja ma kienet għadha għakksitha bl-ebda niket u mrar, kien fettlilha tagħmel wegħda quddiem ix-xbieha ta' Marija Addolorata mogħnija bis-seba' stalletti li kellha f'kamritha, li jekk qatt l-ewwel wild tagħha jkunilha tifla u f'saħħitha, issemmiha għaliha. Iżda tal-ewwel kien tifel u difnuh jumejn wara t-twelid. It-tieni difnuh meta kellu biss xahar. Meta fl-aħħar twilditilha Dolores, in-nifda tal-istalletti kienet laħqet daħlitilha sal-fond ta' qalbha u isem id-Duluri tathulha miżgħud lest bl-imrar. Mietet jisgħobbiha li lil bintha kienet għadditilha niket u swidija biss, u Dolores kienet bkiet u bkiet sa ma għejiet.

Iżda la fis-siegħa tal-agunija tal-mewt ta' missierha u lanqas fil-jiem ta' wara ma qabżitilha demgħa li hi demgħa lil Dolores. Kienet ħarset biss b'kurżità kbira lejn l-imġiba ta' qrabat missierha miġburin madwar soddtu. Flietu u tgħallmitu dak l-aġir, dak il-biki sfrenat, l-ilfiq ta' dispramenti, il-lament tat-telfien. Għoġbitha l-karba ta' wġigħ il-qalb, ftakritha l-għajta maħnuqa tat-turment. Imbagħad rat l-uċuħ miġbuda u x-xufftejn marsusin, u fehmet kif tkun espressjoni ta' niket imrażżan waqt id-dfin. L-ilbies vistuż missitu, mellsitu, taha pjaċir il-velu tal-kambrażina iswed fuq irjus in-nisa u tal-kripp

ma' driegħ l-irġiel. L-intensità ta' iswed fuq iswed ġennitha, dik is-swidija leqqiena tal-bizzilla li biha żejnu x-xemgħat u r-rakkmar tal-faldrappa li biha għattew it-tebut ma setgħet tinsiehom b'xejn. Il-mewt ta' missierha kinitilha tagħlima għall-ħajja iktar milli setgħu jobsru zijietha huma u jtellgħu u jniżżlu x'kienu se jagħmlu b'dit-tifla u oħtha. Intant, issa li Giovann Battist ma kellux aktar jedd fuq ħutu l-bniet biex jiħdulu ħsieb uliedu, kif kien talabhom jagħmlu meta martu qabditha pulmonite u mietet u ħalliet lill-bniet meta kienu għadhom żgħar, kienu sabu x-xoqqa f'moxtha biex jieħdu r-riedni f'idejhom. Ix-xewqa ta' missierhom qabel miet, tarrfulhom fl-aħħar, kienet li jidħlulu sorijiet, u bilġri keċċewhom minn darhom stess u parpruhom lejn il-kunvent. Id-dar ta' Giovann Battist wirtuha ħutu.

Iċ-ċaqlim Dolores ma ġġerrgħux, u qatt ma kellha sabar għall-għażż. Minn tfulitha lieżma, tbeħħen fil-mixi, tħabrek fix-xogħol. Ix-xogħol minnu qatt ma jmajna, dejjem jara x'jinqala'. Kienet tħobb tgħid hi: malli nieqaf, immut, imbagħad żgur nistrieħ. Kont taħsibha ma tafx x'inhu kwiet u serħan, taraha għaddejja bil-ħeffa bla waqfien, dirgħajha u riġlejha jagħtu minn sbieħ il-jum sa nżul ix-xemx. Fl-ewwel ġimgħat il-kunvent tqabbdet taħsel, togħrok, tonxor, tnixxef, tillamta, tgħaddi, titwi, tfarfar, tillostra, tistiva. Imbagħad dehrilha li setgħet tagħmel iktar minn hekk u ntefgħet issewwi bil-labra u l-ħajta kulma sabet imżarrat u mtaqqab, sa ma wriethom li setgħet anki tfassal u xxellel, taqta' u tħit. Imbagħad, kif soltu jiġri, ħaġa ġġib 'il oħra u x-xogħol flok naqas, żdied. Sor Rodolfa wrietha kif iżżomm it-tanbur fuq ħoġorha u tirrakkma bil-ħjut tal-ħarir. Sor Ċensina ħaditha f'kamritha u għallmitha tinseġ ix-xoqqa fuq in-newl bil-mekkuk. Sor Imelda sellfitha t-trajbu u ċ-ċombini tagħha, u f'tebqa t'għajn il-bizzilla li ftakret mill-funeral ta' missierha Dolores tgħallmet taħdimha hi wkoll. Dil-bizzilla lemaħha Dun Ġwann, tatu pjaċir mhux ftit u bagħat jiġri jistaqsi lill-Madre dwarha. F'kemm ili ngħid lil Dolores bdew jaslulha l-ordnijiet għal xi palla tal-kalċi jew amittu llamtat, xi konupew b'salib ċkejken fuqu rrakkmat, jew għal faxx twil bizzilla tal-balla biex iżżejjen l-abtu ta' taħt il-garżubbla. Imbagħad bdiet riesqa l-festa u Dun Feliċ tħajjar ukoll, ħadha għand Sunta u wliedha, erbat ibniet u tliet subien, li s-sena kollha kienu jkunu medhija jaħdmu t-tiżjin u l-armar tal-knisja. Tgħallmet mingħandhom kif tagħraf damask minn ieħor u kif tirrakkma bil-ħjut tad-deheb u l-fidda. Tgħallmet tberfel il-ġmiemen, tbiddel ir-rix tal-flabell, tfassal il-lopop tal-linef u twaħħal il-frenża tat-tużell. Kellha għajn biex tirrakkma pulit fiċ-ċokon, sabar biex taħdem bir-reqqa fit-tul u ħeffa biex xogħol tagħmel mill-inqas darba u nofs daqs l-oħrajn.

Iżda issa kollox beda jtiha f'għajnha; la n-nuċċali u lanqas il-lenti tal-ħjata ma kienu jabbastaw. Kultant kienet togħrok għajnejha bla sabar. Kultant xtaqet taqlagħhom minn ħoforhom, tagħtihom tindifa u terġa' tqegħidhom f'posthom forsi fl-aħħar tara ċar, mhux ċpar. Kienet tagħmel l-isbaħ ħames minuti timsaħ il-lentijiet tan-nuċċali għax jidhrilha li għadhom imtappnin. Id-dawl qawwi tal-lampi ta' kamritha kellha tgħattih bil-bċejjeċ tat-tull għal kontra l-uġigħ ta' ras. Kliem it-Tabib Ghio ma kienx fieragħ, ma kellha l-ebda dubju. Iżda l-kelma 'katarretti' kienet iġġib magħha għafsa ta' qalb xħin Dolores kienet tiftakar f'għajnejn Sunta, li fi xjuħitha ttappnulha bi ħliefa bajda, bħal qatra ħalib imdardar li straħet fuq l-għajn u nfirxet f'sura ta' salib bi tmien ponot. Bħal donnhom is-slaleb kollha li Sunta kienet irrakkmat tul ħajjitha kienu telgħulha f'għajnejha, u kellha titlef il-vista għalkollox biex fl-aħħar tieqaf tirrakkma u tistrieħ. Kienet titbikkem Dolores taħseb li kienet se tmissha l-istess xorti ħażina ta' Sunta, bilqiegħda tiċċassa u ma tarax, tistenna t-taħbita tal-mewt filwaqt li tisma' lil kulħadd madwarha għaddej iħabrek bħas-soltu. Il-ħajja, mid-dehra, kienet biss triq dritta għall-infern. Għal Dolores l-infern hekk kulma kien, għajn ma tarax, id ma tagħmilx.

Dal-ħsibijiet xogħol id-dimonju, gedwdet minn taħt l-ilsien xħin intebħet li kienet baqgħet b'idha f'idha tħares barra mit-tieqa. Il-qniepen issa kienu siekta, u lanqas ħjiel id-diwi tat-tokki ma kien għad fadal.

*Silta mir-rumanz* Marta Marta*, li għadu mhux ippubblikat.*

# Il-mara bl-umbrella u l-fjuri

Trevor Żahra

L-artist Franċiż Émile Vernon, li għex bejn l-1890 u l-1920, kien magħruf għall-inkwatri ta' nisa u tfajliet, li kien ipittirhom kważi lkoll wiċċ wieħed, x'aktarx b'xagħarhom imġiegħed, kollha fuq sfond ta' siġar u kampanja, bil-fjuri f'idejhom, ma' xuxithom jew mal-kappell, waqt li jitbissmu l-istess tbissima seduċenti li ġġiegħlek tiddubita jekk humiex mitlufin f'għaxwa ta' mħabba idillika jew fil-bidu ta' orgażmu.

Giacomina Manfredi kienet issaħħret wara riproduzzjoni ta' wieħed minn dawn l-inkwatri ta' Vernon, dak ta' *Il-Mara bl-Umbrella u l-Fjuri*. U żewġha Arturo, meta ra kif tilfet għaqalha hekk bil-goff wara dan l-inkwatru, kien pront xtrahulha, ordnalha għalih gwarniċ imdieheb u rregalahulha dakinhar li għalqet il-50 sena! Giacomina dendlitu fis-salott minflok il-mera taz-zija Federica, u kienet tqatta' s-sigħat timmedita quddiemu u titkellem ma' dik it-tfajla tal-libsa bajda, b'umbrella f'idha l-leminija u ħodon fjuri fix-xellugija, waqt li mad-driegħ tal-lemin tidher qed iżżomm imdendel il-kappell tagħha mibdul f'qoffa, mimli bl-istess fjuri tal-bukkett… fjuri li qatt ma setgħet tagħraf x'kienu eżattament. Id-daisies bojod għarfithom bla tfixkil, iżda l-ħomor ma kinitx ċerta jekk kinux ranunkoli jew peprin mid-doppju. It-tfajla kienet tidher donnha qed tmidd il-pass, qisha sejra xi mkien bil-għaġla. Hekk kienet toqgħod taħseb Giacomina minn fuq il-pultruna tas-salott, hi u tiċċassa lejn l-inkwatru: "Tgħid qatgħet dawk il-fjuri minn xi post ipprojbit u issa qed tipprova ddabbar rasha bil-ħeffa? U xi tfisser dik il-ħarsa tagħha fissa fuq l-ispettatur… li għalkemm issa mhu ħadd

ħliefi, fil-ħajja tat-tfajla seta' kien iż-żagħżugħ li għalih qatgħet dak il-bukkett, jew sid il-post li minnu serqet il-fjuri u issa qed tipprova tisseduċih bi tbissima psewdoinnoċenti? U għalfejn qed iġġorr dik l-umbrella goffa? Tgħid veru biex tkenninha mix-xemx… jew forsi biex tinħeba warajha meta xi par għajnejn ikunu qed jimbarazzawha… jew inkella biex toqgħod titkessaħ biha u tippoża ta' tfajla pulita u eleganti minkejja li ma taf tagħmel xejn ħlief tisraq il-fjuri?!"

Żewġha kien jiggustaha meta kien jaraha bilqiegħda fuq is-sufan mitlufa f'diskursata muta mat-tfajla tal-inkwatru. Kien jittawlilha bis-serqa mix-xaqq tal-bieb u jħalliha bi kwietha. Imma f'daqqa waħda qamet maltempata bla ħsieb li tajret l-umbrella tat-tfajla, nittfitilha u ferrxitilha l-fjuri kollha, qanfditilha xuxitha u gerrxitha lil hinn mill-inkwatru. Fit-tlettax ta' Jannar, fl-erbgħa u nofs ta' filgħodu, Giacomina qamet u berrqet għajnejha. Bdiet iċċekċek snienha, tirtogħod u theżżeż is-sodda, u sewwasew jumejn u sitt sigħat wara kienet stenduta.

U hekk Arturo ħa post martu… bilqiegħda waħdu fuq is-sufan, jiċċassa lejn it-tfajla tal-libsa bajda li qed tmidd il-pass biex tmur min jaf fejn. Ma kienx joqgħod jistaqsiha għal min qatgħet dak il-bukkett u l-għaliex ħarġet bl-umbrella. Ħarstu kienet tedha biss tmelles dak il-wiċċ delikat bil-ħaddejn sfumati bl-istess ħmura tal-peprin, wiċċ li bil-mod il-mod kien jinbidel f'wiċċ Giacomina. Għaddew ix-xhur, sakemm lejla waħda Arturo qam maħsud minn fuq is-sufan, qala' l-inkwatru minn mal-ħajt, geżwru ġo biċċa brown paper, ġabar l-album tar-ritratti minn fuq it-tavolina u telaq iħaffef għal għand is-Surmast Giuseppe Colombo.

Il-pittur Colombo kien l-aktar ritrattista mfittex. Ma kontx tista' tqis ruħek li tappartjeni lill-klikka tal-intelligentsia tal-pajjiż jekk ma jkollokx ir-ritratt tiegħek impitter minn Giuseppe Colombo. It-tenuri u s-soprani, il-ministri u l-presidenti, il-poeti, il-professuri, il-kanonċi u l-monsinjuri, ilkoll kienu jiftaħru li ppużaw quddiem it-tila tas-Surmast Colombo.

"Kopja perfetta ta' dan," qallu Arturo waqt li ċarrat il-brown paper u wrieh it-tfajla ta' Émile Vernon, "iżda wiċċha rridu ritratt ta' marti Giacomina." U mal-kelma newwillu l-album.

Giuseppe Colombo qatt ma kien jaċċetta li jagħmel kopji minn fuq artisti oħra, iżda meta Arturo newwillu ċ-ċekk li kien diġà kitiblu, Colombo ma riedx jemmen 'l għajnejh. Ħaseb li bi żball Arturo kien kiteb xi żewġ żerijiet żejda.

"Tagħtini xahrejn żmien?" staqsieh.

"Tajjeb," wieġeb Arturo; "ma' nofs Ġunju terġa' tarani hawn!"

* * *

It-tfajla ta' Émile Vernon issa ma kellhiex bżonn titkennen taħt l-umbrella, u lanqas kellha moħħ taqta' aktar peprin mid-doppju jew ranunkoli. Sabet ruħha fid-dalma tal-kmajra ta' wara l-bieb tal-bejt, tipprova tisseduċi l-banketti żlugati u l-fliexken vojta tal-inbid. Postha ħadithulha Giacomina, li serqitilha wkoll l-umbrella, il-libsa l-bajda, il-pass imqandel… u kemm fjuri kellha f'idejha u ġol-kappell. Issa Arturo ma kellux għalfejn jirrikorri lejn l-istħajjil. Issa Giacomina kienet hemm quddiemu, mimlija ħajja u ħars penetranti. Dawk kollha li kienu jidħlu fis-salott ta' Arturo kienu jibqgħu mistagħġbin bil-ġenju tas-Surmast Colombo, li mill-ftit ritratti tal-album li silfu Arturo kien irnexxielu jqajjem lil Giacomina mill-mewt.

"Perfettissima!" kien qallu l-Avukat Moretti dakinhar li Arturo kien daħħlu jara l-inkwatru.

"Tistennieha tkellmek!" fetaħ idejh il-Monsinjur Pirozzi.

Min jgħid li tersaq lejn liema naħa tersaq, tilmaħħa tħares lejk; min jgħid li qed jiftakar kif kienet Giacomina fil-jum tat-tieġ; min taqbiżlu demgħa għax jgħid li ġiet lura mill-*al di là*; kulħadd isostni li b'dak l-inkwatru Giuseppe Colombo laħaq l-apiċe tal-karriera tiegħu. U Arturo jkompli jixxaħxaħ fuq is-sufan.

Imma għodwa waħda, waqt li minn bejn il-purtieri tat-tieqa x-xemx qalila t'Awwissu rnexxielha tiżgiċċa fis-salott, raġġ kurjuż xegħel wiċċ Giacomina bħalma lanterna ta' palk tixgħel wiċċ primadonna. U dak il-ħin Arturo qam minn fuq is-sufan u ġera lejn l-inkwatru. Le, għajnejn Giacomina ma kinux żoroq daqshekk. Kienu aktar jaqilbu fl-aħdar u xi drabi anki fil-kannella. Imma żgur ma kinux koħol daqstant.

Dik l-iskoperta ma ħallitux bi kwietu. Kull meta jkun bilqiegħda fuq is-sufan, imħejji għal taħdita oħra ma' martu, għajnejh kien jaqgħu fuq dak il-lewn ikħal tal-ħbub, u aktar ma jistudjahom u jiflihom aktar kien itenni lilu nnifsu li… le, dawk ma kinux għajnejn Giacomina. Beda jqatta' l-iljieli jitqalleb. Beda joħlom ħolm redikolu u biżarr. Beda jmur jipprova jpoġġi bilqiegħda fuq is-sufan… iżda kull darba jqum jiġri wara ftit sekondi… sakemm ma setax jissaporti aktar. Telaq lejn La Bottega dei Sogni, xtara l-istoċċijiet taż-żebgħa, il-pniezel, l-acqua di rasa u dak kollu li ssuġġerielu s-Sur Rinaldi, u telaq iħaffef lura lejn id-dar.

Qala' l-inkwatru minn mal-ħajt tas-salott u tela' bih lejn il-kmajra ta' wara l-bieb tal-bejt. Jekk Giuseppe Colombo kien artist ċelebri… hu, Arturo Manfredi, kien jaf aktar minnu kif kienu għajnejn martu Giacomina. U beda

jħallat iż-żebgħa… ikħal ultramarin mal-abjad, ftit aħdar viridjan, tikka siena… le, hekk wisq… aktar abjad, ultramarin mill-ġdid, iżjed aħdar viridjan. Hekk aħjar. Forsi ftit isfar cadium? Le! Ħela kollox! Se jkollu jerġa' jibda. Għajnejn Giacomina kienu misterjużi aktar milli ħaseb! Wara tliet kwarti esperimentazzjoni, li biha mela l-wiċċ kollu tat-tavlozza, Arturo deherlu li sa fl-aħħar kien sab il-lewn li xtaq. U bil-pinzell 00 li tah Rinaldi, fi ftit sekondi Arturo ta lura lil martu l-lewn oriġinali ta' ħbub għajnejha. U l-għada r-ritratt reġa' sab postu mal-ħajt tas-salott, biex kull meta Arturo jintasab bilqiegħda quddiemu jkun jista' mhux biss jitpaxxa bid-dehra ta' martu imma jħoss ukoll sens kbir ta' sodisfazzjon. Minkejja li qatt ma kien tgħallem l-arti kien xorta waħda rnexxielu jagħti lil Giacomina dak li kien tagħha tassew.

Iżda dan is-sodisfazzjon ma damx wisq ma żvinta. Wara ftit beda jinnota li Colombo kien pinġielha xuxitha qasira wisq. Forsi kellu kemxejn raġun, għax kien x'aktarx mexa fuq l-aktar ritratt ċar u dettaljat li kien hemm fl-album. Iżda wara li ħadet dak ir-ritratt Giacomina kien iddispjaċieha li kienet qassret xagħarha daqshekk, u minnufih bdiet ittawlu. U hekk baqgħet sa ma mietet, b'xuxitha tilħaq sa spallejha. Arturo deherlu li ladarba kien irnexxielu jibdlilha l-lewn t'għajnejha, ma kienx se jsibha bi tqila li jtawlilha xuxitha. U l-inkwatru reġa' sab ruħu fil-kmajra ta' wara l-bieb tal-bejt. Iżda meta wara siegħa xogħol xuxet Giacomina kienet reġgħet kibret mill-ġdid… bħal xagħar Sansun qabel ma ħaduh fit-tempju… Arturo ma reġax dendel l-inkwatru lura fis-salott. Ħallieh fil-kmajra tal-bejt, għax xi ħaġa ġo fih kienet qed tgħidlu li Giacomina xtaqet tibdiliet oħra.

U meta ż-żewġ inkwatri sabu ruħhom waħidhom fis-sikta tal-kmajra, bdew iħarsu ċass lejn xulxin, u t-tfajla ta' Vernon staqsiet lil Giacomina:

"Qisni nafek xi mkien! Inti oħti?"

Iżda Giacomina xammret imneħirha 'l fuq u weġbitha, "Imma jien għajnejja żoroq-ħodor-jagħtu-fil-kannella u xagħri twil sa spallejja!"

Jista' jkun li Arturo ħassu eċitat meta skopra li hu kien kapaċi jpitter; jew forsi verament xtaq li dik ix-xbieha tkun replika fidila ta' martu b'awtentiċità assoluta. Ma damx ma ftakar li wiċċ Giacomina kien aktar mislut. Seta' faċilment jirrendih kemxejn aktar magħlub. U rnexxielu. U dik l-umbrella kienet goffa żżejjed, tiġbed wisq l-attenzjoni u qed tieħu kwart mill-inkwatru bla bżonn. Jgħattihielha. Imbagħad ftakar fil-libsa favorita ta' Giacomina, dik li kien xtralha qabel marru vaganza Lipari, bajda bit-tikki ħomor. U minnufih taha lura l-libsa l-ittikkjata, u hekk Giacomina setgħet titla' mill-ġdid fuq il-lanċa u tirrepeti l-vaganza.

U għajnejha?! Minkejja li kien sabilhom il-lewn oriġinali tagħhom kien ilu jħoss li xi ħaġa ma kinitx għalkollox f'postha. U f'salt induna! Dażgur… dik hi! Lil martu kulħadd kien jgħidilha kemm kellha għajnejha kbar. Dawk li pittrilha Colombo kienu għajnejn żgħar… normali… għajnejn kif ikollu kulħadd. Imma ta' Giacomina kienu kbar daqs tlugħ ix-xemx.

U dik il-brazzuletta! Giuseppe Colombo kien ikkopja l-istess brazzuletta rqiqa tat-tfajla ta' Vernon, imma Giacomina kellha ġojjelli kemm jesa' ġildha. Mar jiġri jfittex is-sett tal-almandin, dak li kienet wirtet mingħand nannitha: il-ġiżirana, l-imsielet, il-brazzuletta u ċ-ċurkett, u bla telf ta' ħin pittirhomlha f'posthom… u lestieha għall-ħarġa. U meta ntebaħ li widnejha kienu mgħottijin minħabba x-xagħar twil li kien kabbrilha, malajr reġa' qassarhulha u ħarġilha par widnejn iħabbtuha sew m'għajnejha, li magħhom seta' jlibbisha l-imsielet tas-sett. Imbagħad ftakar fit-tulipani. F'għeluq sninha u fl-anniversarju tat-tieġ dejjem tulipani kien joħdilha, għax wara li kienu żaru Lisse, Giacomina kienet iddikjarat li ma kinux jeżistu fjuri isbaħ mit-tulipani. Kif ħaġa bħal din ma ġietx f'moħħu qabel? X'kienet tambih f'idejha dak il-bukkett daisies u peprin doppju jew ranunkoli? Tulipani biss kienu jixirqu f'idejn l-għażiża Giacomina.

Hekk Arturo qatta' l-ġimgħat u x-xhur u s-snin imwarrab u moħbi fil-kmajra ta' wara l-bieb tal-bejt, jonfħilha u jerġa' jisiltilha wiċċha, iraqqilha u jerġa' jlaħħmilha xofftejha, iżidilha tulipan fl-id il-leminija fejn qabel kellha l-umbrella, jiċċaralha l-karnaġġjon u jżidilha r-ruxx ma' ħaddejha.

Sakemm lejla waħda Giacomina daħlet fis-sodda miegħu, u hekk kif sabitu rieqed ġarritu magħha biex ikun jista' jiftakar kif kienu sewwasew għajnejha u xuxitha u l-libsa l-ittikkjata. L-inkwatru baqa' fil-kmajra tal-bejt, u hawn min jgħid li billejl kienu jisimgħu lit-tfajla ta' Vernon tgħajjat b'leħen imwerwer:

"Le, inti m'intix oħti! Int ħmar il-lejl! Int skerz. Int mostru!"

# Traduzzjonijiet

# Odi lill-hena

Johann Schiller
(traduzzjoni ta' Oliver Friggieri)

*Reċitattiv (il-Baxx)*

Ja ħbieb tiegħi, tfittxux dan-noti,
Ejja ndoqqu noti oħra
Ta' ħlewwa, ta' hena wisq akbar.

*Is-Solisti u l-Kor*

Hena, xrara ħelwa t'Alla,
Bint li ġejt m'nn Elysium,
Imsakkrin bil-ħeġġa nersqu
F'darek, tifla tas-smewwiet!
Jerġa' s-seħer tiegħek jgħaqqad
Kulma d-drawwa trid mifrud,
Aħwa jsiru l-bnedmin kollha
Fejn ġwinħajk ħelwin nikkirt.

Kull min gawda l-barka kbira
Li jsir ħbieb ma' xi ħabib,
Kull min rebaħ mara għażiża
Magħna jħallat dan il-ferħ!
Iva, u min ruħ waħda għandu
Li hi tiegħu fuq wiċċ l-art!
Min m'għandux, ħa jaħrab jiġri
Minn mal-kotra kollu dmugħ!

Minn ġos-seħer tan-natura
Il-ħolqien qed jerda' l-ferħ;
It-tajbin u l-ħżiena kollha
Jimxu triqtha tfuħ bil-ward.
Bews u nbid hi refgħetilna
U ħabib l'għadda mill-mewt,
Dudu wkoll jintilef mgħaxxaq,
Kerubin ħdejn Alla wkoll.

*It-Tenur Solo u l-Kor tal-Irġiel*

Bħalma x-xemx ittirlu hienja
Fit-triq wiesgħa tas-smewwiet,
Iġru, l-aħwa, triqtkom kollha
Hienja bħal eroj rebbieħ!

*Il-Kor*

Hena, xrara ħelwa t'Alla,
Bint li ġejt m'nn Elysium,
Imsakkrin bil-ħeġġa nersqu
F'darek, tifla tas-smewwiet!
Jerġa' s-seħer tiegħek jgħaqqad
Kulma d-drawwa trid mifrud,
Aħwa jsiru l-bnedmin kollha
Fejn ġwinħajk ħelwin nikkirt.

Ja miljuni, ħa ngħannaqkom!
Lill-art kollha dan il-bews!
L-aħwa, 'l hinn minn art il-kwiekeb
Jgħammar żgur Missier li jħobb.

Dinja, tagħrfu lill-Ħallieq?
Fittxu 'l hinn minn art il-kwiekeb.
'L hinn mill-kwiekeb żgur li jgħammar.

Hena, xrara ħelwa t'Alla,
Bint li ġejt m'nn Elysium,
Imsakkrin bil-ħeġġa nersqu
F'darek, tifla tas-smewwiet!
Ja miljuni, ħa ngħannaqkom!
Lill-art kollha dan il-bews!
Tinżlu fl-art tqimuh, miljuni?
Tħossu, dinja, lill-Ħallieq?
Fittxu 'l hinn minn art il-kwiekeb.
L-aħwa, 'l hinn minn art il-kwiekeb
Jgħammar żgur Missier li jħobb.

*Is-Solisti u l-Kor*

Hena, bint li ġejt m'nn Elysium,
Jerġa' s-seħer tiegħek jgħaqqad
Kulma d-drawwa trid mifrud!
Aħwa jsiru l-bnedmin kollha
Fejn ġwinħajk ħelwin nikkirt.

Ja miljuni, ħa ngħannaqkom!
Lill-art kollha dan il-bews!
L-aħwa, 'l hinn minn art il-kwiekeb
Jgħammar żgur Missier li jħobb.
Hena, xrara ħelwa t'Alla,
Bint li ġejt m'nn Elysium –
Hena, xrara ħelwa t'Alla!

# Sarah Austin, it-traduttriċi Ingliża li ħabbet lill-Maltin
## Qlib għall-Malti ta' ittra minn tagħha lil oħtha Susan Reeve

Traduzzjoni mill-Ingliż għall-Malti ta' Ivan Said

### *Introduzzjoni*



Fl-20 ta' Ottubru tal-1836 waslet Malta Kummissjoni Rjali magħmula minn George Cornewall Lewis u John Austin biex jistħarrġu l-liġijiet u l-kostituzzjoni ta' Malta, jiflu s-sitwazzjoni ta' diversi setturi fil-gżira, jiktbu rapport u jagħtu suġġerimenti. Magħhom ġiet mart John Austin, Sarah Austin (1793-1867, ritratt lemin), editriċi Ingliża li kienet taf il-Latin, il-Franċiż, il-Ġermaniż u t-Taljan u traduttriċi ta' xogħlijiet mill-Ġermaniż u l-Franċiż għall-Ingliż. Hi l-aktar magħrufa għat-traduzzjoni tagħha mill-Ġermaniż *Characteristics of Goethe from the German of Falk* ta' Von Müller u oħrajn li ppubblikat fl-1833. Sena wara ttraduċiet *The Story without an End* ta' Friedrich Wilhelm Carové, ktieb li ġie stampat ħafna drabi. Mill-ewwel ġranet li waslet Malta u matul is-sena u disa' xhur li damet hawn, Sarah Austin ħadet interess fl-affarijiet tal-Maltin u bis-saħħa tat-Taljan li kienet taf indiehset man-nobbli Maltin li l-Ingliżi kienu qed iwarrbu u ma jagħtux kas. Minkejja li hi ma kinitx waħda mill-Kummissarji hi għamlet ħafna suġġerimenti dwar kif tista' tittejjeb il-ħajja tal-Maltin. Barra minn hekk hi ħadet interess fl-arti Maltija u fl-industrija tal-bizzilla. Mhux ta' b'xejn li f'Malta kienet magħrufa bħala "La Signora Commissionaria". Sarah Austin tatna kronaka estensiva tal-kolera f'Malta tal-1837 fl-artiklu 'The cholera in Malta' li deher fl-edizzjoni ta' Jannar 1866 tal-*Fraser's Magazine*. Din li ġejja hija t-traduzzjoni mill-

Ingliż ta' dik li probabbilment hi l-ewwel ittra li Sarah Austin kitbet hekk kif waslet Malta, lil oħtha Susan Reeve, u ħadtha mill-ewwel volum tal-ktieb *Three generations of Englishwomen – Memoirs and correspondence of Mrs John Taylor, Mrs Sarah Austin and Lady Duff Gordon* ta' Janet Ross li ħareġ f'Londra fl-1888. Bintha Lucie meta kibret segwietha u saret ukoll traduttriċi ta' xogħlijiet mill-Ġermaniż għall-Ingliż.




Il-wasla ta' Sarah Austin f'Malta.

## ***Il-wasla fil-Port il-Kbir tal-Belt Valletta***
*Il-Lazzarett, Malta, Ottubru, 1836.*

*GĦAŻIŻA OĦT,*

*Ma ssib xejn aktar li jimliek, jaħjik u sabiħ, u xejn bħall-bqija tal-eżistenza, mill-ewwel dehra tal-ġewwieni ta' frejgata Ingliża; l-ewwel jum jew tnejn għaddew fost il-pompa u l-glorja, l-għagħa ordnat, id-diffikultajiet u l-qawwa kollha tagħha; imma l-għeja li taħkmek wara ftit jiem hija indeskrivibbli. Għaldaqstant, wara traġit ta' għaxart ijiem minn Marsilja abbord il-frejgata maestuża* Vernon*, xejn ma seta' jisboq la n-nuqqas ta' sabar għall-kalma li baqgħet iżżommna 'l barra mill-kosta ta' Malta u lanqas il-ferħ li ġiena meta*

*rajna l-bastiment tal-istim* Medea *joħroġ mill-port biex jirmonkana 'l ġewwa. Qatt ma jien se ninsa dik il-ġirja dritta, dritta u ħafifa tagħha, wara li konna ilna għaxart ijiem inserrpu u nibburdjaw, niflu s-sema u l-baħar, u nistennew ir-riħ iqum imma li baqa' ma nefaħx. Dan kien bħall-mixja ta' raġel li ma jitlob l-ebda għajnuna u jistrieħ fuq il-ġudizzju tiegħu stess u fuq ir-rieda inflessibbli tiegħu, imqabbla ma' dik ta' mara dgħajfa u dipendenti li tfassal triqitha ma' kull burdata li tinbidel. Siegħa wara li l-bastiment ħa l-ħabel tal-irmunkar tagħna konna fil-Port il-Kbir tal-Belt Valletta. Ebda deskrizzjoni, u naħseb l-ebda pittura, ma tista' tiddeskrivi tajjeb dik id-dehra sabiħa. Qabelxejn, il-ħafna portijiet, il-mod li bih il-blatiet jispuntaw ruħhom fil-baħar; imbagħad l-ilwien, l-irqajja' ta' abjad safrani rikk, il-bajjiet blu fondi, u t-tnejn taħt sema li jsinn kull oġġett, u jagħmel kull dell fond u definit. Il-fortifikazzjonijiet li jinbtu minn dawn il-promontorji kollha huma hekk minċottati fil-blat li ma tistax tara fejn waħda tibda u l-oħra tispiċċa. Il-ħitan massiċċi jirkbu fuq xulxin u jiltaqgħu f'tant irkejjen li jidfnu kull monotonija. Fid-dawl qawwi tax-xemx, id-dellijiet ta' dawn l-angoli kollha jaqtgħu l-art jew il-baħar bl-istess varejtà li l-ħitan ħoxnin jaqtgħu s-sema. Fuq kollox tfaċċat il-belt bil-ħafna knejjes tagħha. L-aktar oġġetti impressjonanti li dehru mill-port huma l-Albergo di Castiglia, il-fanal tal-Forti Sant'Iermu, u l-Barrakka, ringiela ta' arkati fuq għolja u mdawra b'siġar li jidhru huma biss. Immaġina dawn il-ħitan u s-swar, din il-Barrakka, u kull gallarija li tħares fuq il-port iffullati bin-nies, li l-briju tagħhom mad-dħul tagħna fil-port instama' mal-mewġ kollu u reġa' dewa minn naħa għal oħra, b'effett li għalija, li ma stennejt xejn minn dan, kien pjuttost qawwi. Sa dan il-mument ftit li xejn kont konxja mill-kompitu kbir mogħti lil żewġi; ħassejt li dak l-għajjat, ħerqan u qawwi kif kien, kien bħall-vuċi ta' dawk fit-tbatija li qed isejħu għall-għajnuna u għall-ġustizzja. Mal-wasla, il-fizzjali madwari, bit-tbissima fuq wiċċhom, ferħuli, kumpliment tabilħaqq sabiħ li ħallieni bla kliem, u dawwart wiċċi biex naħbi d-dmugħ.*

*Għadd kbir ta' dgħajjes Maltin, miżbugħin aħdar u aħmar jgħajtu, qasmu l-port mgħaġġlin. Il-binja tagħhom kienet stramba; il-pruwa wieqfa bħall-għonq ta' ċinju. Ħafna minnhom għandhom bandiera żgħira iżda dawk tal-Lazzarett jintgħarfu minn waħda safra. Imexxihom hu l-qdif ta' żewġt irġiel bilwieqfa li ma' kull qadfa jintlewew 'il quddiem u jitfgħu l-piż tagħhom fuq il-moqdief. Ħafna minnhom jilbsu t-terħa twila ħamra tas-suf li jġibuha minn Tripli u jdawruha ma' qaddhom; ilbieshom hu ġakketta kaħla u qalziet ikħal jew abjad, u l-kappell tat-tiben ċatt tal-baħrin tagħna. Xejn aktar ma jista' jallegra mid-dehra ta' dawn id-dgħajjes li waqt li noforqu bejniethom,*

*wieħed seta' jara l-varjetajiet kollha ta' dgħajjes tal-frejgata, bil-karatteristiċi tan-nazzjon tagħhom, sodi, preċiżi, ordnati, lesti, indaf u kwieti.*

*Hekk kif ix-xemx inħbiet fis-sema bla sħab, ġew sparati l-ixkubetti mill-bastimenti kollha, u nstemgħu b'mod ċar il-qniepen u t-twerdin tal-belt. Il-barkun tal-*Vernon *ħadna fil-port tal-Kwarantina, li jinsab fuq ix-xaqliba l-oħra tal-peniżola li fuqha tinsab il-Belt Valletta. Fil-Lazzarett sibna lis-Sur Greig, is-suprintendent tal-Kwarantina, jilqagħna biex idaħħalna fil-kmamar tagħna peress li suppost konna infettati, billi* Vernon *ġiet min-naħa tal-Levante biex tiġborna minn Marsilja. Il-ħemda ta' dan il-ħabs verament komdu hi f'kuntrast qawwi max-xena li konna ħallejna, u kienet ta' serħan kbir għall-vjaġġaturi għajjenin.*

## *Biblijografijia*


Austin, Sarah. "The cholera in Malta", *Fraser's Magazine – For Town and Country*, LXXIII, Jannar-Ġunju 1866.

Miceli, Ray. "150 sena mill-mewt tal-Ingliża Sarah Austin", *In-Nazzjon,* 8 ta' Awwissu 2017, p. 19.

Ross, Janet, *Three generations of Englishwomen – Memoirs and correspondence of Mrs John Taylor, Mrs Sarah Austin and Lady Duff Gordon*, Londra, 1888.

Wikipedia, Sarah Austin (translator), https://en.wikipedia.org/wiki/Sarah_Austin_(translator)

Xuereb, Paul. "Sarah Austin (1793-1867)", *Encounters with Malta*, editjat minn Petra Bianchi u Peter Serracino Inglott. Encounters Books, Malta 2000.

# Gil Braltar

Novella miktuba minn Jules Verne
u tradotta minn Paul Zahra

Hemm, ilkoll tal-anqas, kienu minn seba' sa tmien mija. Ta' daqs medju, iżda robusti, ħfief, flessibbli, magħmulin għall-qbiż prodiġjuż, kienu qed jaqbżu fl-aħħar dwal tax-xemx, li kienet nieżla lil hinn mill-muntanji spazjati lejn il-Punent tal-qala. Id-disk ħamrani sparixxa malajr, u l-oskurità bdiet tifforma f'nofs dan il-baċir inkwadrat bil-katini ta' muntanji 'l bogħod ta' Sanorra, ta' Ronda u tal-pajjiż deżolat ta' Cuervo.

F'salt wieħed, it-truppa waqfet. Il-kap tagħha kien għadu kif deher fuq dak id-dahar ta' ħmar magħlub li jifforma l-quċċata tal-għolja. Minn ġol-għassa tas-suldati, mixrufa fit-tarf nett tal-quċċata tal-blata enormi, ma stajt tara xejn minn dak li kien għaddej taħt is-siġar.

"Sriss! … Sriss! …" ġiegħel jinstema' l-kap, li xufftejh, miġburin bħal sorm ta' tiġieġa, taw lil din it-tisfira intensità straordinarja.

Essri singulari, dan il-kap, ta' statura għolja, liebes ġilda ta' xadin, pil fuq barra, b'rasu folta b'xuxa żmattata, b'wiċċu rrizzat b'daqna qasira, b'saqajh ħafjin, ebsin fil-qiegħ donnhom nagħla ta' żiemel.

Għolla driegħu dritt u stirah lejn l-ingroppa inferjuri tal-muntanja. Ilkoll minnufih irripetew dan il-ġest bi preċiżjoni militari, hu aktar ġust li jingħad mekkaniku – pupazzi veri mċaqalqin mill-istess molla. Niżżlu dirgħajhom. Tgħawweġ lejn l-art. Tgħawġu bl-istess attitudni. Ġabar għasluġ samm li xejjer. Huma xejru l-għesieleġ tagħhom u esegwew dawran simili għal tiegħu – dak id-dawran li dawk li jxejru l-bastun isejħu 'l-warda mgħottija'.

Imbagħad il-kap dar, iżżerżaq bejn il-ħaxix, tkaxkar taħt is-siġar. It-truppa segwietu, titkaxkar.

F'anqas minn għaxar minuti, il-mogħdijiet tal-għolja, imħaffrin mix-xita, kienu mgerbin, mingħajr tisbita ta' ċagħka li kellha mnejn tikxef il-preżenza ta' din il-massa miexja.

Kwarta wara, il-kap waqaf. Ilkoll waqfu bħallikieku kellhom imnejn twebbsu fil-post.

Mitejn metru 'l isfel, kienet qed tidher il-belt, mimduda tul il-qala mudlama. Bosta dwal kienu qed iżejnu l-grupp konfuż tal-mollijiet, tad-djar, tal-vilel, tal-każermi. Lil hinn, il-lanterni tal-bastimenti tal-gwerra, in-nirien tal-bini kummerċjali u tal-pontuni, ankrati 'l barra mix-xatt, kienu qed jirriflettu ruħhom fil-wiċċ tal-ilmijiet kalmi. Aktar 'il bogħod, fit-tarf nett tal-Ponta tal-Ewropa, il-fanal kien qed jixħet raġġ mudwal fuq il-fliegu.

F'dak il-mument faqqa' tir ta' kanun, il-First gun fire, sparat minn waħda mill-batteriji fil-baxx. U mbagħad instema' minnufih it-tanbir tat-tnabar, akkumpanjat mit-tisfir imqit tal-fifri.

Kienet is-siegħa tal-irtirar, is-siegħa li wieħed jidħol lura f'daru. Ebda stranġier ma kellu aktar id-dritt li jiġġerra fil-belt, mingħajr ma jkun skortat minn uffiċjal tal-gwarniġjon. Ordni lill-ekwipaġġi biex jerġgħu lura abbord, qabel ma kellhom jingħalqu l-bibien. Kull kwarta, kienu jiċċirkulaw il-pattulji li kienu jwasslu sal-għassa lil dawk li jittardjaw jew ikunu fis-sakra. Imbagħad, kollox jiskot.

Il-Ġeneral Mac Kackmale seta' jorqod fil-fond.

Kien jidher li l-Ingilterra ma kellha xejn minn xiex tibża', dak il-lejl, għall-blata tagħha ta' Ġibiltà.

## II

Nafu x'inhi, din il-blata formidabbli, għolja erba' mija ħamsa u għoxrin metru, mistrieħa fuq bażi b'wesgħa ta' tnax-il mija u ħamsa u erbgħin metru, b'tul ta' erbat elef u tliet mitt metru. Tixbah xi ftit iljun enormi mimdud, b'rasu lejn in-naħa ta' Spanja, b'denbu mbellel fil-baħar. Wiċċu juri s-snien – seba' mitt kanun ippuntati minn bejn l-amberżuni – snien ix-xiħa, kif jgħidu. Xiħa li kienet sa tigdem b'għafsa, jekk kellhom idarrsuha. B'hekk l-Ingilterra b'mod solidu tinsab hemm, bħal f'Pekin, f'Aden, f'Malta, f'Poulo-Pinang, f'Hong Kong, daqstant blatiet li minnhom, f'xi darba, bil-progress mekkaniku, kienet sa tagħmel fortizzi jduru.

Sadattant, Ġibiltà tiżgura lir-Renju Unit b'dominazzjoni inkontestabbli fuq it-tmintax-il kilometru ta' dan il-fliegu li d-debbus ta' Erkole fetaħ bejn Abila u Calpe, fl-aktar ilmijiet fondi tal-Mediterran.

L-Ispanjoli rrinunzjaw li jieħdu lura din il-biċċa mill-peniżola tagħhom? Iva, bla dubju, għax jidher li ma tistax tkun attakkata mill-art jew mill-baħar.

Sadattant, kien hemm wieħed minnhom ossessjonat bil-ħsieb li jikkonkwista mill-ġdid din il-blata offensiva u difensiva. Kien il-kap taċ-ċorma, essri bizzarr, nistgħu ngħidu wkoll miġnun. Dan il-*hidalgo* kien jismu preċiżament Gil Braltar, isem li, fi ħsiebu bla dubju, kien jippredestinah għal din il-konkwista patrijottika. Moħħu ma kien xejn jirreżistih, u postu kellu mnejn kien fl-ospizju tal-imġienen. Kien magħruf sew. Madankollu, għal għaxar snin, ma kinux jafu wisq x'kien sar minnu. Forsi kien qed jiġġerra minn naħa għal oħra tad-dinja? Fir-realtà, ma kienx ħalla l-qasam patrimonjali. Kien jgħix eżistenza ta' troglodit, taħt is-siġar, fl-għerien, u b'mod aktar partikolari f'qiegħ dawk l-irkejjen inaċċessibbli tal-grotti ta' San-Miguel, li jingħad, li jikkomunikaw mal-baħar. Kienu jaħsbu li miet. Kien jgħix, madankollu, iżda bħal dawk l-irġiel slavaġ, imċaħħdin mir-raġuni umana, li ma jobdux aktar ħlief l-istinti tal-bestjalità.

## III

Kien rieqed fil-fond, il-Ġeneral Mac Kackmale, aktar fit-tul milli tikkontieni l-ordinanza. B'dirgħajh imdaqqsin, b'għajnejh tondi, imdeffsin taħt ħuġbejn ħorox, b'wiċċu inkwadrat b'daqna ħarxa, b'fiżjonomija mqarrsa, b'ġesti ta' antropopiteku, b'xedaq bi prognatiżmu straordinarju, kien ta' kruha rimarkabbli – anki f'ġeneral Ingliż. Xadin ta' vera, fuq kollox, militar eċċellenti, minkejja l-bixra ximjotika tiegħu.

Iva! Kien jorqod fl-abitazzjoni komda tiegħu f'Main Street, dik it-triq imserrpa li taqsam il-belt minn Sea Gate sa Alameda Gate. Forsi kien qed joħlom li l-Ingilterra kienet qed taħfen l-Eġittu, it-Turkija, l-Olanda, l-Afganistan, is-Sudan, il-pajjiż tal-Boeri…, f'kelma waħda, il-punti kollha tal-globu għall-konvenjenza tagħha – u dan fil-mument li fih kienet qed tissogra li titlef lil Ġibiltà.

Il-bieb tal-kamra tas-sodda nfetaħ f'salt wieħed.

"Xi nqala'?" staqsa l-Ġeneral Mac Kackmale, hu u jiġi f'tiegħu.

"Ġeneral," wieġeb ajjutant li kien għadu kif daħal donnu bomba tal-artillerija, "il-belt invaduta!"

"L-Ispanjoli?"

"Jeħtiġilna nemmnu dan!"

"Se jażżardaw! …"

Il-Ġeneral ma spiċċax. Qam, rema x-xall tal-madras li kien jissikkalu rasu, rambel ruħu fil-qalziet, iddeffes fi lbiesu, niżel fil-bwiez, xedd il-kappell, rabat ix-xabla, hu u jgħid:

"X'inhu dal-ħoss li qed nisma'?"

"Il-ħoss tal-biċċiet tal-blat li qed jitgerbu donnhom valanga."

"Dal-viljakki numerużi? …"

"Jeħtiġilhom li huma."

"Mela, il-banditi kollha tal-kosta ngħaqdu flimkien, bla dubju għal dal-assalt: il-kuntrabandisti tal-Ronda, is-sajjieda ta' San Roque, ir-refuġjati li jdewdu fil-villaġġi?"

"Nibża' li hekk hu, Ġeneral!"

"U l-Gvernatur avżat?"

"Le! Impossibbli li mmorru ningħaqdu miegħu fil-villa tiegħu tal-Ponta tal-Ewropa! Il-bibien maħtufin, it-toroq mimlijin bl-attakkanti! …"

"U l-każerma ta' Sea Gate? …"

"Ebda mod li naslu hemm! Il-kanunieri jinsabu mdawrin fil-każerma tagħhom."

"Kemm għandek irġiel miegħek? …"

"Għoxrin, Ġeneral, suldati tal-fanterija tat-Tielet Reġiment, li rnexxielhom jaħarbu."

"F'ġieħ Saint Dunstan!" għajjat Mac Kackmale, "Ġibiltà maħtufa mingħand l-Ingilterra minn dal-bejjiegħa tal-larinġ! … Dan mhux se jseħħ! … Le! Dan mhux se jseħħ!"

F'dak il-mument, il-bieb tal-kamra tas-sodda fetaħ passaġġ għal essri bizzarr, li qabeż fuq spallejn il-Ġeneral.

IV

"Ċedi!" għajjat b'vuċi maħnuqa, li kienet tixbah aktar lil għajta ta' ljun milli vuċi umana.

Xi ftit irġiel, b'ġirja wara l-ajjutant, kienu sejrin jinxteħtu fuq dan ir-raġel, meta fid-dawl tal-kamra tas-sodda għarfuh.

"Gil Braltar!" għajtu.

Kien hu, fil-fatt, il-*hidalgo* li dwaru qatt ma kienu ħasbu aktar għal żmien twil, is-salvaġġ tal-grotti ta' San-Miguel.

"Ċedi!" kien qed iħambaq.

"Qatt!" wieġeb il-Ġeneral Mac Kackmale.

F'salt wieħed, f'mument li fih is-suldati kienu qed idawruh, Gil Braltar ġiegħel tinstema' "striss" werżiqija u pprolongata.

Minnufih il-bitħa tal-abitazzjoni, imbagħad l-abitazzjoni nfisha, imtlew b'massa invażiva.

Imma dan se jitwemmen? Kienu l-monos, ix-xadini, u mijiet! Kienu ġew għalhekk jieħdu lura mingħand l-Ingliżi dik il-blata li tagħha huma l-proprjetarji veri, dik l-għolja li kienu jokkupaw bil-bosta qabel l-Ispanjoli, bil-bosta qabel ma Cromwell kellu mnejn ħolom bil-konkwista tagħha għall-Gran Brittanja? Iva, fil-verità! U kienu tal-biża' minħabba l-għadd tagħhom, dawn ix-xadini mingħajr denb, li magħhom kienu jgħixu bi qbil tajjeb bil-kundizzjoni li jittolleraw it-taħwif tagħhom, dawn l-essrijiet intelliġenti u awdaċi li kienu joqogħdu attenti li ma jimmolestawhomx, billi kienu jivvendikaw ruħhom – dan kien iseħħ kultant – huma u jgerbu blat enormi għal fuq il-belt!

U, issa, dawn il-monos kienu saru s-suldati ta' miġnun, salvaġġ daqshom, ta' dan Gil Braltar li kienu jafuh, li kien jgħix bil-ħajja indipendenti tagħhom, ta' dan William Tell b'erba' jdejn, li l-eżistenza kollha tiegħu kienet tikkonċentra fuq dan il-ħsieb: it-tkeċċija tal-barranin mit-territorju Spanjol!

X'misthija għar-Renju Unit, li kieku t-tentattiv kellu jirnexxi! L-Ingliżi, ir-rebbieħa tal-Ħindi, tal-Abissini, tat-Tażmani, tal-Awstraljani, tal-Ħottentoti, u ta' tant oħrajn, mirbuħin minn sempliċi monos!

Jekk katastrofi simili sseħħ, il-Ġeneral Mac Kackmale ma kienx se jkollu aktar x'jagħmel ħlief li jispara għal rasu! Ma setax jibqa' jgħix wara diżunur bħal dak!

Sadattant, qabel ma x-xadini, imsejħin bit-tisfira tal-kap tagħhom, setgħu jinvadu l-kamra tas-sodda, xi suldati kien irnexxielhom jinxteħtu fuq Gil

Braltar. Il-miġnun, mogħni b'qawwa straordinarja, irreżista, u b'diffikultà rnexxielhom ixejnuh. Il-ġilda mislufa tiegħu kienet iċċarrtet minn fuqu fil-ġlieda, baqa' kważi għarwien f'rokna, b'ħalqu misdud b'ċarruta, marbut, mingħajr ma seta' jiċċaqlaq jew iġiegħel lil min jisimgħu. Ftit tal-ħin wara, Mac Kackmale xeħet lilu nnifsu 'l barra minn daru, iddeterminat skont l-espressjoni militari li jirbaħ jew imut.

Iżda l-periklu ma kienx anqas kbir fuq barra. Bla dubju, xi suldati tal-fanterija kien irnexxielhom jingħaqdu flimkien f'Sea-Gate u kienu mixjin lejn l-abitazzjoni tal-Ġeneral. Diversi sparaturi faqqgħu f'Main Street u fil-Pjazza tal-Kummerċ. Madankollu, l-għadd tal-monos kien tant li l-gwarniġjon ta' Ġibiltà kien qed jissogra li jkun dalwaqt imġiegħel iċedilhom postu. U mbagħad, jekk l-Ispanjoli kienu jingħaqdu f'kawża komuni max-xadini, il-fortizzi kienu se jkunu abbandunati, il-batteriji kienu se jkunu battala, il-fortifikazzjoni ma kinitx se tgħodd aktar difensur wieħed, u l-Ingliżi, li kienu rrendew il-blata invinċibbli, ma kienx se jirnexxilhom aktar jeħduha mill-ġdid.

F'salt wieħed, saret tidwira.

Fil-fatt, fid-dawl ta' ftit fjakkoli li kienu jdawlu l-bitħa, setgħu jaraw il-monos jirtiraw. F'ras iċ-ċorma kien miexi l-kap tagħha, hu u jxejjer il-bastun tiegħu. Ilkoll, huma u jimitaw iċ-ċaqliq ta' driegħu u ta' riġlejh, kienu qed isegwuh bl-istess pass.

Gil Braltar kien mela rnexxielu jeħles lilu nnifsu mill-irbit tiegħu, jaħrab mill-kamra tas-sodda li fiha kienu qed iżommuh? Ma setgħux jiddubitaw aktar. Iżda fejn kien qed jiddirieġi lilu nnifsu issa? Kien sejjer lejn il-Ponta tal-Ewropa, għal fuq il-villa tal-Gvernatur, jattakkaha, jordnalu biex iċedi, l-istess bħalma kien għamel mal-Ġeneral?

Le! Il-miġnun u ċ-ċorma tiegħu kienu neżlin Main Street. Imbagħad, wara li kienu għaddew minn Alameda Gate, ilkoll qasmu b'mod oblikwu l-park u telgħu mill-ġdid l-inżul tal-muntanja.

Siegħa wara, ma kienx għad baqa' aktar fil-belt wieħed mill-invażuri ta' Ġibiltà.

X'kien ġara għalhekk?

Saru jafu minnufih, meta l-Ġeneral Mac Kackmale deher f'xifer il-park.

Kien hu li, hu u jieħu post il-miġnun, kien iddirieġa l-irtirata taċ-ċorma, wara li kien kesa ruħu bil-ġilda tax-xadin tal-priġunier. Kien tant jixbah annimal ta' erba' saqajn, dan il-gwerrier qalbieni, li l-monos kienu tqarrqu dwaru. Ma kellux ukoll ħlief jidher sabiex ikaxkarhom warajh! ...

Idea ta' ġenju b'mod sempliċi għalkollox, li kienet ftit wara kkumpensata bl-ibgħit tal-George Cross.

Rigward Gil Braltar, ir-Renju Unit ċedieh, bi ħlas, lil Barnum[1] li għamel fortuna minnu hu u jippassiġġah minn naħa għal oħra tal-ibliet prinċipali tad-Dinja kemm il-Qadima kif ukoll il-Ġdida. Barnum ħalla wkoll b'mod volontarju x'wieħed jifhem, li dan mhux affattu s-salvaġġ ta' San-Miguel li kien qed juri, iżda l-Ġeneral Mac Kackmale nnifsu.

Madankollu, din l-avventura kienet ta' lezzjoni għall-Gvern tal-Maestà Tagħha. Din fehmet li Ġibiltà ma setgħetx tittieħed mill-bniedem, kienet f'idejn ix-xadini. Ukoll, l-Ingilterra, bil-wisq prattika, iddeċidiet li ma tibgħatx hemm aktar ħlief l-ikreh ġenerali tagħha, biex il-monos għandhom imnejn ikomplu jqarrqu ruħhom dwar dan.

Din il-miżura milli jidher qed tiżguralha għal dejjem il-pussess ta' Ġibiltà.

1 Phineas Taylor Barnum (1810-1891), showman famuż Amerikan.

**Jules Verne**

*Jules Verne (1828-1905) ftit li xejn għandu bżonn ta' introduzzjoni, billi r-rumanzi ta' fantaxjenza u ta' avventuri tiegħu li jieħdu l-qarrej madwar id-dinja u saħansitra anki ġo fiha, għadhom igawdu mill-istess popolarità li kienu jgawdu fi żmienu. Madankollu, Verne ftit li xejn hu magħruf għan-novelli tiegħu, fosthom din li qed tidher hawnhekk bl-isem ta' 'Gil Braltar', li ttraduċejt mill-Franċiż, preċiżament bl-intenzjoni li nqajjem għarfien fost il-qarrejja ta'* Il-Malti *dwar dan. Din in-novella umoristika u satirika dwar il-pussess ta' Ġibiltà mir-Renju Unit dehret għall-ewwel darba fl-1886 fis-suppliment ta' nhar ta' Ħadd tal-gazzetta* Petit Journal *u ġiet ippubblikata s-sena ta'wara fis-sensiela* Voyages extraordinaires *tad-dar tal-pubblikazzjoni Hazel.*

# Il-Malti

PUBBLIKAZZJONI TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI

Bartolo Maria Camilleri
Stephen Lughermo Ġorġ
Mallia Adrian Grima Daniel
Meilak Alex Mizzi Loranne
Vella Trevor Żahra Johann
Schiller Oliver Friggieri Jules
Verne Paul Zahra Ivan Said
John Aquilina Rena Balzan
Charles Bezzina Ġorġ Borg
Charles Briffa Louis Briffa
Norbert Bugeja Charlò
Camilleri John Caruana
Priscilla Cassar Carmel G.
Cauchi Wayne Farrugia Joe
Friggieri Simone Inguanez
Alfred Massa Jane Micallef
Mary Rose Mifsud Nadia
Mifsud John Portelli Rita
Saliba Patrick Sammut
Roberta Bajada Simon
Bartolo Maria Camilleri
Stephen Lughermo Ġorġ
Mallia Adrian Grima Daniel
Meilak Alex Mizzi Loranne
Vella Trevor Żahra Johann
Schiller Oliver Friggieri Jules
Verne Paul Zahra Ivan Said
John Aquilina Rena Balzan
Charles Bezzina Ġorġ Borg
Charles Briffa Louis Briffa
Norbert Bugeja Charlò
Camilleri John Caruana
Priscilla Cassar Carmel G.
Cauchi Wayne Farrugia Joe
Friggieri Simone Inguanez
Alfred Massa Jane Micallef
Mary Rose Mifsud Nadia
Mifsud John Portelli Rita
Saliba Patrick Sammut
Roberta Bajada Simon
Bartolo Maria Camilleri



*Astratt - Dgħajjes f'Marsaxlokk*
Żejt fuq it-tila
**Joe Camilleri**

ISBN 978-99932-7-648-7

**klabb kotba maltin**
L-AKKADEMJA TAL-MALTI